# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Frar 2014 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 69 SENA * Nru. 955



LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

# L-isbaħ 6 kotba mnejn tagħżel biex tidħol fl-ispirtu tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa



















*Dawn u diversi kotba oħra żgħar ta' talb u devozzjonijiet, tal-Via Sagra u tad-Duluri, santi u kurċifissi żgħar, tistgħu takkwistawhom mil-*

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP, VICTORIA Tel: 2156 0496**

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945

*Ħarġa nru. 955 – Frar 2014*

4 Editorjal
**Is-Subien minn Mars, il-bniet minn Venere...**
*Joseph W. Psaila*

5 Kronaka
**Mill-Ħajja fid-Djoċesi**
*Francesco Pio Attard*

7 X'Jgħidilna l-Isqof
**Divorzjati li jerġgħu jiżżewġu – suġġett għas-Sinodu li ġej**

9 Mill-Parlament
**Mistoqsijiet Parlamentari dwar Għawdex**

10 Kummentarju (1)
**Għawdex... bil-knejjes miftuħin!**
*Mons Salv Grima*

12 Aħbarijiet Lokali
**X'għadda minn għalina**
*Charles Spiteri*

17 Riflessi
**Nibżgħu għall-wirt kulturali tagħna!**
*Kav. Joe M. Attard*

18 Kummentarju (2)
**Għawdex fis-sena 2051**
*Carmelo Grima*

19 Messaġġ
**Il-Medja f'Għawdex**

20 Kummentarju (3)
**Dik l-Imbierka "Vijabbiltà"**
*Ryan Mercieca*

21 Riflessjonijiet
**Żewġ Papiet Qaddisin!**

22 Kummentarju (4)
**L-Awtorità Hi l-Liġi**
*Dr Alfred Grech*

24 It-Taraġ lejn il-Qdusija (5)
**Dun Mikiel u l-Missjoni**
*Emily Muscat*

26 Dawl għall-Ħajja
**Tliet tipi ta' Faqar**
*Arċipriet C. Mercieca*

28 Esperjenza
**Ittra mingħand il-Klarissi**

30 Folklor Għawdxi
**Il-Ħabsijiet ta' Għawdex u Xogħol il-Kalzriera u l-Gwardjana (2)**
*Anton F. Attard*

32 Reminixxenzi (14)
**Il-150 Anniversarju tad-Djoċesi**
*Anton Tabone*

34 Tieqa fuq l-Ambjent (55)
**L-użu tal-flora**
*Joe Sultana*

36 Aktar Kultura
**Il-Mużew ta' Karmni Grima**

37 Għawdex 150 sena Djoċesi (2)
**It-talba lir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija**
*Joseph Bezzina*

38 Passiġġata Biblika (88)
**L-Annimali fil-Bibbja**
*Fr Charles Buttigieg*

40 Għawdex Qabel ir-Ritratti (62)
**Il-Ġebla tinkera b'Lira fis-sena**
*John Cremona*

41 Paġni mill-Arkivju Nazzjonali (220)
**Il-Kap tal-Bumbardiera ta' Għawdex**
*Joseph Bezzina*

42 Għawdex Online (56)
**Is-Sorijiet ta' Triq Palma**
*Salvu Felice Pace*

43 L-Istorja Tgħallimna (9)
**Il-perjodu tas-serq u moħqrija**
*Dr Mario Saliba*

45 Intervista
**Bħalissa soru Għawdxija għandha r-Rekord tal-Anzjanità: 105**
*Maria Grech*

48 Mixxellanja
**Jiena ntik**
**Reċensjoni**
*Horatio Caesar Roger Vella u Dun Geoffry Attard*

49 Għawdex Sportiv
**Snooker – Għajnsielem Snooker Assoc.**
*Joe Bajada*

50 Snajja tal-Imgħoddi
**Il-Qassab u Il-Furnar**
*Fr Geoffrey G. Attard*

*Suppliment fin-nofs:*

- **Kif nara l-Knisja Lokali llum**
- **L-Isqof Ħabbàr tal-Qawmien ta' Kristu**

*Ritratt tal-Qoxra:* **Il-Ġurdan.** Ħajr lil Joe Attard.

**Rivista maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

Direzzjoni u Amministrazzjoni:
Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579 Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
e-mail: gozopress@onvol.net

Abbonament Annwali: €15 Sostenitur: €20

Issettjata u Stampata: "Gozo Press" Tel.21551534

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

# Is-subien minn Mars, il-bniet minn Venere...



**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

**"*Men are from Mars, Women from Venus*" huwa isem ta' ktieb ta' John Gray, kunsulent tar-relazzjonijiet bejn l-irġiel u n-nisa. Dan il-ktieb li fl-aħħar għaxar snin tas-seklu l-ieħor kien, għal mhux anqas minn 121 ġimgħa, fil-lista tal-*best sellers*. Bħalma l-isem tal-ktieb jissuġġerixxi d-differenzi bejn iż-żewġ sessi mhumiex żgħar. Bil-ko-edukazzjoni, dawn id-differenzi issa ser jidħlu fil-klassijiet tal-iskola sekondarja.**

Sabiex nirriflettu fuq il-ko-edukazzjoni jeħtieġ li nagħmlu l-mistoqsija fundamentali : X'inhuma l-għanijiet tat-tagħlim fl-iskola? L-għan ewlieni tat-tagħlim fl-iskola għandu jkun it-"tħejjija għall-ħajja" permezz ta' avventura misterjuża fi skoperta progressiva msejħa proċess edukattiv. Ċertament kieku d-diskors kien dwar "l-edukazzjoni nisranija", kieku kont inkun irrid nemfasizza li l-proċess edukattiv mhuwiex biss "tħejjija għall-ħajja", iżda għandu wkoll, u fuq kollox, "dimensjoni eterna".

Għalkemm fil-kuntest ta' din il-kitba din "id-dimensjoni eterna" mhix se tkun imqiegħda taħt il-lenti, xorta waħda se nikkwota silta minn dak li jgħidilna l-Konċilju Vatikan II dwar x'għandu jkun il-għan tal-proċess edukattiv: "It-tfal u l-adolexxenti għandhom ikunu megħjuna biex... jiżviluppaw b'mod armoniku d-doni fiżiċi, morali u intellettwali tagħhom. B'hekk huma jiksbu bil-mod il-mod sens ta' responsabbiltà aktar matura waqt li bi sforz kontinwu jfittxu li jgħollu kif jixraq il-ħajja tagħhom u bil-kuraġġ u bil-kostanza jiksbu l-vera libertà. Waqt li qegħdin jikbru, huma għandhom jingħataw bil-prudenza kollha edukazzjoni sesswali pożittiva. Barra hekk, huma għandhom jitħarrġu biex jieħdu sehem fil-ħajja soċjali b'mod illi jkollhom il-mezzi meħtieġa u xierqa biex jieħdu posthom attivament fl-isferi differenti tal-komunità umana, ikunu miftuħin għad-djalogu mal-oħrajn u jagħtu bil-qalb il-kontribut tagħhom biex iġibu 'l quddiem il-ġid komuni." (*Gravissimum Educationis, 823*)

Ngħiduha kif inhi, dawn l-għanijiet m'għandhomx ma jintlaħqux bil-ko-edukazzjoni. Imma naturalment jeħtieġ li jinħolqu l-kundizzjonijiet u l-ambjenti adattati għall-klassi mħallta, mhux biss fil-karatteristiċi u l-ħiliet ta' kull personalità, imma issa ukoll, fis-sess divers tal-membri tagħha.

**Saru ħafna studji dwar il-kwistjoni f'liema skejjel l-adolexxenti jirnexxu l-aktar, jekk hux f'dawk "co-ed" fejn bniet u subien jitgħallmu ma' xulxin jew f'dawk fejn is-subien huma għalihom biss u l-bniet għalihom biss. Iżda minħabba l-komplessità tan-natura umana, l-isfond tad-differenzi familjari u soċjali li minnu jkunu ġejjin l-adolexxenti, kif ukoll tad-differenzi interni bejn l-iskejjel u l-klassijiet, ir-riċerka ma tatx riżultati konsistenti. Hu diffiċli għar-riċerka biex tiżola karatteristika waħda fil-proċess edukattiv, u tistudjaha. Barra minn hekk, fil-prattika, il-ġenituri u saħansitra l-edukaturi ftit għandhom mezzi biex jesploraw l-intern ta' dik il-kaxxa misterjuża magħmula mill-erba' ħitan tal-klassi.**

Issa mis-sena li ġejja, differenza waħda fl-iskejjel sekondarji se tolqot l-għajn ta' kulħadd. Dik jekk klassi tkunx bi studenti tal-istess sess inkella bniet u subien flimkien. U ħallina wara ftit nibdew nagħmlu il-paraguni. Diġà minn meta tħabbret ir-riforma hawn ċertu biża' fost xi ġenituri u ċertu skonfort fost xi għalliema. Irridu nkunu attenti li dawn il-klassijiet "ko-ed" ma nibdewx b'xi mod inqisuhom li huma inferjuri għal dawk li għandna sal-lum u forsi wkoll nittimbrawhom b'xi aġġettiv dispreġjattiv. Fl-edukazzjoni – bħall-ekonomija fi żminijietna, ikolli ngħid – teżisti dik li tissejjaħ "*self fulfilling prophesy*" – dak li jitbassar iseħħ għax it-tbassir innifsu jippromwovih. Is-soċjetà jeħtieġ li tkun attenta biex ma trewwaħx xi attitudni negattiva minflok twarrabha malajr.

Min-naħa tagħha l-iskola, aktarx iżjed minn qabel, trid toħloq ambjent fejn id-dinjità ta' kull membru fil-komunità skolastika tkun rispettata kemm fuq livell personali u kemm fuq dak relazzjonali. Jista' jinħass il-bżonn li l-iskola tadatta l-organizzazzjoni interna u speċifika tagħha skont l-eżiġenzi ġodda. Forsi għal xi suġġetti partikolari, il-bniet u s-subien ikunu mifrudin minn xulxin – bħalma fl-aħħar mill-aħħar isir illum meta l-klassi tinqasam biex it-tagħlim isir aktar individwalizzat. Diġà l-*middle schools* ser itaffu l-impatt tas-sistema l-ġdida.

Bħal dejjem, ħafna jiddependi mill-għalliema – li issa jeħtieġ li jkunu konxji mid-differenzi fil-karatteristiċi tal-personalità u fl-imġiba bejn il-bniet u s-subien. Iridu jkunu attenti biex jipprevenu u jikkoreġu b'sensittività xi fastidju sesswali li jista' jinqala'. Iridu jħaddmu metodi ta' tagħlim li jisfidaw il-potenzjal u l-limitazzjonijiet speċifiċi ta' kull sess. Id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni għandha, għaldaqstant tipprovdi ċ-ċans lill-għalliema biex jitħarrġu f'korsijiet ta' prattika u studji apposta.

**L-għalliema jafu mbagħad dak li jgħid W. A. Ward : "*The mediocre teacher tells; the good teacher explains; the superior teacher demonstrates; the great teacher inspires*". Dan kliem il-għerf jgħodd dejjem... u hekk Alla jgħinhom! U jalla "Mars" u "Venere" ma jintilfux fuq xulxin minn kmieni!**



# Mill-Ħajja fid-Djoċesi

www.gozodiocese.org

Francesco Pio Attard



## Il-vot tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin dwar Madre Margerita De Brincat hu pożittiv

***Il-fundatriċi Għawdxija tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù saret Venerabbli***

Nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014, kummissjoni ta' Kardinali u Isqfijiet fi ħdan il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin iltaqgħet f'sessjoni ordinarja biex tat ġudizzju dwar jekk il-Papa għandux jiddikjara lill-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat, bint id-Djoċesi ta' Għawdex, bħala Venerabbli. Din is-sessjoni tmexxiet mill-Kardinal James M. Harvey u għaliha kien preżenti l-Postulatur tal-Kawża, Patri Gianni Califano OFM.

Il-vot dwar il-virtujiet erojċi ta' Madre Margerita sar fuq il-proposti mogħtija minn kummissjoni ta' disa' konsulturi teoloġi f'April li għadda. **L-eżitu tal-vot kien wieħed pożittiv**, u għalhekk il-Kongregazzjoni ressqet ir-riżultat tal-vot tagħha quddiem il-Papa Franġisku biex, fuq parir tal-istess Kongregazzjoni, jiffirma d-Digriet Uffiċjali li bih jiddikjara lil Madre Margerita De Brincat bħala Venerabbli.

Dan seħħ nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar, meta f'udjenza li kellu mal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Angelo Amato SDB, Prefett tal-Kongregazzjoni, il-Papa Franġisku laqa' l-parir pożittiv ta' din il-Kongregazzjoni u awtorizzaha toħroġ id-digriet imsemmi. F'dan l-istadju, issa jonqos biss l-approvazzjoni ta' miraklu bl-interċessjoni tal-Venerabbli De Brincat biex hi tiġi ddikjarata Beata.



**F'Velja ta' Talb li fl-20 ta' Jannar, fil-knisja tas-Sorijiet fi Triq Palma, il-Belt Victoria, fejn hemm il-*Casa Madre* li fiha għexet għal tant snin u mietet Madre Margerita, u fejn tinsab midfuna, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech sejħilha "vulkan li jarmi enerġija umana u evanġelika". Hu żied jgħid li dan hu "jum storiku għall-Knisja f'Għawdex" għaliex għall-ewwel darba fl-istorja, bint id-Djoċesi ta' Għawdex tinsab daqshekk qrib il-glorja tal-altari.**

Madre Margerita De Brincat (1862-1952), minn Ta' Kerċem, Għawdex, hi l-Fundatriċi tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Min jaqla' xi grazzja bl-interċessjoni ta' Madre Margerita, huwa mitlub li jinforma lis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù:

- **Triq Palma, Victoria, VCT103, Għawdex, Malta.**
- **"Betanja", Triq Nazju Falzon, Msida MSD04, Malta.**



## Il-Kummissjoni Djoċesana Familja (Għawdex) b'Konferenza dwar iż-Żwieġ

Nhar is-Sibt 25 ta' Jannar 2014, bejn il-5.30 u t-8.30pm, fis-Sala Villa Fiorita, Marsalforn, ġiet organizzata għar-raba' sena konsekuttiva Konferenza Djoċesana dwar il-familja bit-tema *Imma kif ma tifhimnix? Ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied.*

Il-konferenza ttellgħet b'inizjattiva tal-Kummissjoni Familja fi ħdan id-Djoċesi ta' Għawdex, u l-kelliem ewlieni kien Padre Amedeo Cencini, psikoterapista tal-familja, psikologu ta' fama internazzjonali, edukatur u awtur ta' diversi kotba fosthom *«Se mi ami non dirmi sempre sì» (Jekk tħobbni tgħidlix dejjem iva)* li ġie ppubblikat reċentement. Waqt il-konferenza għamel ukoll l-intervent tiegħu l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.



B'riferiment dirett għat-tema magħżula għall-konferenza Padre Cencini osserva kif spiss jiġri li ma jkunux biss il-ġenituri li jħossu li uliedhom ma jifhmuhomx imma anke t-tfal iħossuhom mhux mifhuma mill-ġenituri tagħhom. Dan għaliex hu faċli li, mingħajr ma jkunu konxji, il-ġenituri jissoponu li t-tfal għandhom jaraw l-affarijiet mill-perspettiva tagħhom, li għandhom jirraġunaw bħall-adulti. Hu spjega kif minbarra d-dritt għall-opinjoni tagħhom hemm diversi drittijiet oħra tat-tfal li forsi spiss jintesgħu għax mhumiex tant ovvji. Drittijiet li huma però ta' importanza vitali għal żvilupp psikoloġiku u morali san. Drittijiet tat-tfal minsija li jikkorrispondu għad-dmirijiet tal-ġenituri mhux imwettqa! Semma' fost l-oħrajn id-dritt tat-tfal li ma jkunux "programmati" skont il-gosti tal-ġenituri, id-dritt għall-imperfezzjoni fihom infushom u f'ta' madwarhom, id-dritt li jistaqsu u jircievu risposti, id-dritt li jitgħallmu li għandhom ukoll dmirijiet, id-dritt li jgħidu "le" u li jingħad lilhom "le", id-dritt li ma jkunux mimlija bir-rigali, d-dritt għall-verità... drittijiet li jgħinu lit-tifel jew tifla jikbru fl-istima ġusta tagħhom infushom, fl-imħabba u r-rispett lejn l-oħrajn, fl-apprezzament tal-ħajja bħala rigal, fil-kapaċità li jidħlu f'relazzjonijiet awtentiċi ma' Alla u mal-oħrajn.

Padre Cencini saħaq ukoll li t-tfal għandhom id-dritt li jkollhom familja normali (mhux perfetta) magħmula minn misser u omm (raġel u mara), marbuta flimkien f'relazzjoni dejjiema hekk kif titlob in-natura u s-sens komun; hekk kif l-istorja ta'kull żmien u ċiviltà, ta' kull kultura u tradizzjoni tgħallimna; hekk kif il-psikoloġija sa minn dejjem irrakkomandat; hekk kif l-esperjenza turi b'mod ċar; hekk kif, għal min jemmen, jidher fil-pjan tal-ħolqien.

F'kontinwazzjoni mad-diskors ta' Padre Cencini l-Isqof Grech qal li t-tfal għandhom dritt għal ġenituri li jkunu mhux biss preżenti imma aktar minn hekk li jkunu mħejjija tajjeb biex iwettqu dan ir-rwol tant importanti. Innota li l-preżenza ta' tant koppji miżżewġa għall-konferenza jixhed impenn f'din id-direzzjoni. Ħeġġeġ lill-ġenituri preżenti biex ikomplu jagħtu importanza lill-formazzjoni kontinwa tagħhom biex ikunu jistgħu jakkumpanjaw lill-uliedhom tul il-fażijiet differenti tal-ħajja tagħhom mit-tfulija, għall-adolexxenza sal-età adulta. Saħaq ukoll li minbarra d-dritt għall-formazzjoni akkademika u kulturali l-ulied għandhom ukoll drittijiet marbutin mad-dimensjoni spiritwali tagħhom, l-ewwel u qabel kollox id-dritt li l-ġenituri jkellmuhom dwar Alla.

Lejn tmiem il-konferenza, saru wkoll diversi interventi mill-udjenza. Il-Kummissjoni Familja tad-Djoċesi ta' Għawdex timpenja ruħha biex b'mod kontinwu toffri opportunitajiet ta' formazzjoni kontinwa lill-għarajjes u koppji miżżewġa. L-inizjattivi li ser jinżammu fil-qrib huma: *Day Seminar* bit-tema *"Handling difficult emotions"* (kif nittrattaw ir-rabja, d-dwejjaq, il-mibgħeda, l-għira u emozzjonijiet negattivi oħra fil-familja), kif ukoll mini-kors ta' *parenting skills* għall-ġenituri ta' tfal bejn 6 u 12-il sena. Għal aktar tagħrif dwar dawn l-inizjattivi ta' formazzjoni wieħed jista' jikkuntattja l-Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II, fi Triq Fortunato Mizzi, il-Belt Victoria, tel: 21556513, email: **kdfgozo@gmail.com**.

# Divorzjati li jerġgħu jiżżewġu – suġġett għas-Sinodu li ġej



Meta ragħaj tal-erwieħ ikun msejjaħ biex jirrifletti dwar parti mill-poplu t'Alla, bħad-divorzjati li jerġgħu jiżżewġu, jiġuh f'moħħu u f'qalbu kliem il-profeta, li għamel użu minnhom anki Ġesu': "Jiena nfittex il-mitlufa, nreġġa' lura l-imxerrda, ninfaxxa l-ġrieħi tal-miġruħa, u nqawwi l-marida. Inħares is-smina u l-qawwija, u nirgħahom bil-ġustizzja". ( Eżek 34,16)

## Problema pastorali li fiha x-xewk

Tkun tista' titkellem dwar dawn il-persuni, li n-numru tagħhom qiegħed dejjem jiżdied, meta jkun hemm din il-qalb li taf tħobb, li hi attenta u ħassieba. Minħabba li dawn id-divorzjati jerġgħu jiżżewġu, huma jsibu ruħhom f'kundizzjoni rregolari għax l-unjoni ġdida tagħhom ma tirriflettix dik l-imħabba li ma tinħallx bejn Kristu u l-għarusa tiegħu, il-Knisja. (ara Ef 5, 21-33). F'ħafna każijiet jeżistu kundizzjonijiet li jagħmlu din it-tieni unjoni waħda irriversibbli. **Kif qal Benedittu XVI, għandna quddiemna "problema li fiha x-xewk u li hi kumplessa, pjaga fil-kuntest soċjali tal-lum li qed tmermer dejjem aktar anki l-istess ambjenti Kattoliċi"** (*Sacramentum caritatis* (22 ta' Frar 2007), 29). **Filwaqt li l-Knisja tkompli xxandar l-Evanġelju taż-żwieġ, ma tistax tittraskura r-realta' doloruża ta' tant żwiġijiet li qed ifallu. Kif qal il-Papa waqt il-vjaġġ tiegħu lura mill-Brażil, waħda mill-affarijiet li qed tikkawża dawn il-fallimenti hija l-immaturità tal-għarajjes li "jiżżewġu mingħajr ma jagħrfu li qed jagħmlu dan għal ħajjithom kollha jew għax soċjalment ikollhom jagħmlu dan iż-żwieġ". Jeħtieġ li nilqgħu għal din l-immaturità billi bħala Knisja naħdmu bis-sħiħ f'evanġelizzazzjoni sistematika għall-familji, filwaqt li nakkumpanjaw il-koppja kemm qabel kif ukoll wara ż-żwieġ ħalli tikber dik il-maturità meħtieġa biex jgħixu l-*una caro* (l-għaqda sħiħa li tagħmel il-koppja ħaġa waħda) f'dan is-sagrament. F'dawn l-aħħar snin id-djoċesi tagħna ta' Għawdex imxiet f'din it-triq li fiha qed nipproponu lill-għarajjes mixja ta' sentejn b'madwar 30 laqgħa fuq diversi suġġetti li jinkludu l-psikoloġija tal-koppja, it-teoloġija u l-ispiritwalità taż-żwieġ nisrani, u anki programmi għall-koppji żgħażagħ fl-ewwel snin tal-ħajja miżżewġa.**



## Ħniena, verità u mħabba

Barra mill-akkumpanjament preventiv, il-Knisja trid issib ukoll il-mod kif tikkomunika l-Evanġelju anki lil min għex il-falliment fiż-żwieġ u qed jgħix relazzjoni ġdida. Spiss, id-divorzjati li jerġgħu jiżżewġu jħossu t-tagħlim tal-maġisteru bħal mażra fuq moħħhom u qalbhom, u jsibuha diffiċli jirrikonċiljaw ruħhom mal-Knisja u m'Alla. "Lil dawn il-persuni" – jgħid Benedittu XVI –"jeħtieġ ngħidulhom li l-Knisja tħobbhom, u hemm bżonn li jaraw u jħossu din l-imħabba. Naħseb li l-biċċa xogħol kbira ta' parroċċa, ta' komunità ekkleżjali hi, li tagħmel ħilitha kollha biex dawn iħossuhom maħbubin, aċċettati, biex ma jħossuhomx "barra" minnha anki jekk ma jistgħux jirċievu l-assoluzzjoni u l-ewkaristija: jeħtieġ jagħrfu li huma wkoll jgħixu b'mod sħiħ fil-Knisja" (Diskors fis-VII Laqgħa Dinjija tal-Familji, 2 ta' Ġunju 2012). Lil dawn irridu nġibu ruħna magħhom b'dik il-ġustizzja tal-Mulej li hu wkoll ħniena, verità u mħabba. Aktar ma l-Knisja tkun qrib ta' dawn il-persuni, bħal omm li timxi magħhom u twasslilhom aħbar tajba għalihom, aktar tkun tista' tesprimi din l-imħabba fil-verità.

## Jikkultivaw stil nisrani ta' ħajja

**Id-divorzjati li jerġgħu jiżżewġu huma waħda mill-isfidi ġodda fl-evanġelizzazzjoni għat-trasmissjoni tal-fidi. Din hi realtà estiża u relattivament ġdida għall-Knisja, li qed titlobha ssib mod ġdid kif tipproponi l-fidi u t-tagħlim ta' Kristu lil dawn ħutna. Esperjenza ta' din ix-xorta turi li l-Knisja hi qrib dawk li għandhom qalbhom maqsuma (ara Sal 34,19). Nirrikonoxxu d-diffikultajiet, imma nemmen li llum, bħala Knisja, rridu nkunu preżenti fil-ħajja ta' tant divorzjati li jerġgħu jiżżewġu u jridu jkomplu l-mixja tal-fidi flimkien mal-Knisja.**



Kliem u ġesti għandhom iħabbru lil dawn il-persuni li huma għadhom jagħmlu parti mill-Knisja u li l-Knisja tagħtihom l-attenzjoni tagħha. **Il-Knisja taħdem biex tgħin lil dawn il-persuni jikkultivaw "kemm jista' jkun stil nisrani ta' ħajja billi jieħdu sehem fil-quddiesa, anki jekk ma jitqarbnux, bis-smigħ tal-Kelma t'Alla, l-adorazzjoni ewkaristika, it-talb, is-sehem fil-ħajja komunitarja, id-djalogu kunfidenti ma' saċerdot jew ma' għalliem ta' ħajja spiritwali, l-għajxien tal-karità, l-opri ta' penitenza, l-impenn li jedukaw lil uliedhom". L-akkumpanjament tal-Knisja jwassal lill-koppja biex tagħżel li tgħix ir-relazzjoni tagħha "bħal żewġt iħbieb, bħal żewġt aħwa" (*Sacramentum caritatis* 29).**

## Nistudjaw il-kwistjoni bis-serjetà

B'danakollu xorta tibqa' sitwazzjoni pastorali kumplessa. Qed infittxu dawk il-"faxex" u dik il-"kura" li jistgħu jfejqu aħjar il-ġrieħi ta' dawn il-persuni, li l-biċċa l-kbira tagħhom iħobbu lill-Mulej u jemmnu fil-Knisja. Dan hu li qed jittama s-Sinodu tal-Isqfijiet, filwaqt li jagħmilha ċara li "b'kura ta' omm u spirtu evanġeliku l-Knisja għandha tfittex it-tweġibiet adegwati għal dawn is-sitwazzjonijiet li huma aspett importanti fl-evanġelizzazzjoni ġdida". (*Proposizione* 48).

Dan iwasslek biex tifhem l-aħbar tal-Papa li dan ser ikun wieħed mis-suġġetti li ser jitkellem dwaru l-kunsill ġdid tat-tmien kardinali li għandu jiltaqa' fil-bidu ta' Ottubru li ġej. U ser jirrifletti dwaru anki s-Sinodu tal-Isqfijiet li ser jittratta b'mod partikulari l-pastorali taż-żwieġ, fejn tidħol ukoll il-kwistjoni tad-divorzjati li jerġgħu jiżżewġu. (Laqgħa mal-ġurnalisti, 28 ta' Lulju 2013).

Din id-deċiżjoni tal-Papa lqajtha bil-ferħ. Waqt iċ-ċirkoli minuri tas-Sinodu f'Ottubru li għadda, ġa kont ipproponejt li f'numru 48 tal-*Propositiones* jidħol dan li ġej: "F'dawn iċ-ċirkostanzi, s-Sinodu jisħaq dwar l-Evanġelju taż-żwieġ, u dan ifisser li l-insara jagħrfu li ż-żwieġ, imżejjen bil-kwalitajiet naturali tiegħu tal-indissolubbiltà u l-fedeltà, ġie mgħolli minn Kristu għal sagrament. Iżda fl-istess ħin quddiem 'is-sitwazzjonijiet dolorużi li jinsabu fihom għadd mhux żgħir ta' fidili li wara li jiċċelebraw is-sagrament taż-żwieġ, jiddivorzjaw u jerġgħu jiżżewġu mill-ġdid' (*Sacramentum caritatis* 29), **il-Padri Sinodali, għall-imħabba tal-verità u mqanqla mid-dmir pastorali tagħhom li jagħmlu dixxerniment u jevanġelizzaw, jipproponu lill-Qdusija tiegħu l-Papa biex jikkunsidra t-twaqqif ta' kummissjoni magħmula minn teoloġi u kanonisti ħalli jistudjaw dan is-suġġett ta' tbatija, u jipproponu li din il-kummissjoni tissottometti r-riżultati tagħha lilu, biex bl-uffiċċju petrin tiegħu hu jkun jista' jagħti gwida spiritwali li tgħodd għall-Knisja". Din il-proposta ma kinitx milqugħa, imma issa donnu wasal iż-żmien li din is-sitwazzjoni tkun studjata bis-serjetà.**

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

# Mistoqsijiet Parlamentari dwar Għawdex

### (1) Ingaġġ ta' Persuni b'Diżabbiltà

**MP Numru 6590:** Seduta 101 10 / 12 / 2013

*L-Onor. Frederick Azzopardi staqsa lill-Onor. Evarist Bartolo (Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol :*
B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 6362, jista' l-Ministru jgħarraf lill-Kamra (a) min kien eliġibbli taħt din l-iskema; (b) il-kriterji li ntużaw biex issir l-għażla ta' dawn il-persuni; (c) meta ħarġu l-applikazzjonijiet msemmija fit-tweġiba; u (d) kemm ġew ippustjati persuni taħt din l-iskema minn Malta u minn Għawdex separatament?

**Tweġiba:** Infurmat li t-tagħrif mitlub mill-Onor. Interpellant hu kif ġej: (a) kienu eliġibbli għal din l-iskema persuni b'diżabbiltà li isimhom kien qiegħed fuq ir-reġistru tal-persuni b'diżabbiltà tal-ETC u li kienu ilhom jirreġistraw fuq l-ewwel jew it-tieni parti tar-reġistru għal tal-anqas sitt xhur; (b) l-għażla saret mill-Kunsilli Lokali nfushom mil-lista li tkun intbagħtet mill-ETC, lilhom; (c) l-applikazzjonijiet għal din l-iskema ħarġu fl-24 ta' Settembru 2012; u (d) b'kollox 20 persuna b'diżabbiltà ġew ippustjati taħt din l-iskema – 14 f'Malta u 6 f'Għawdex.

### (2) Skola tas-Subien Ninu Cremona – użu għad-dixxiplina tal-atletika

**MP Numru 5633:** Seduta 72 05 / 11 / 2013

*L-Onor. Justyne Caruana staqsiet lill-Onor. Evarist Bartolo (Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol) :*
Peress li qed ikun hemm diversi lmenti fis-sens li għandna ħafna tfal u persuni oħra li jixtiequ jipprattikaw id-dixxiplina tal-atletika, u hemm il-faċilitajiet fl-iskola tas-subien Ninu Cremona fir-Rabat Għawdex iżda mhux qed jitħallew jintużaw dawn il-faċilitajiet, jista' l-Ministru jispjega għaliex qed isir dan?

**Tweġiba:** Infurmat mid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol qed jirċievi diversi talbiet biex organizzazzjonijiet sportivi f'Għawdex ikunu jistgħu jipprattikaw id-dixxiplina tal-atletika u sport ieħor. Ix-xogħol fuq il-faċilità fl-iskola tas-subien Ninu Cremona tal-Kulleġġ ta' Għawdex huwa kważi lest.

Kif inhi l-prattika u l-proċedura, ladarba jitlestew ix-xogħlijiet fuq dawn il-faċilitajiet sportivi, jibdew il-proċeduri għall-użu tagħhom billi ssir talba mill-Kunsill Malti għall-Isport lid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi sabiex isir il-kuntratt bejn din l-entità u d-Direttorat. B'hekk jiġi assigurat li l-affarijiet isiru skont il-proċedura.

### (3) Gozo Channel - ħaddiema

**MP Numru 4754:** Seduta 75 08 / 11 / 2013

*L-Onor. Deo Debattista staqsa lill-Onor. Anton Refalo (Ministru għal Għawdex) :*
*Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar figura ta' kemm hemm nies impjegati mal-Kumpanija* Gozo Channel? *Kemm minnhom huma "full-time", kemm minnhom huma "part-time"? Jista' jgħid kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?Jista' jgħid kemm qed tħaddem nies b' "contract of service" jiġifieri li għalkemm ma jidhrux fuq il-kotba tal-*Gozo Channel, *qed jagħtu servizz bi ħlas lill-istess Kumpanija?*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li fil-*Gozo Channel Company Limited* hemm mitejn u sitta (206) impjegati *full-time*, li jinqasmu f'sitta u għoxrin mara (26) u mija u tmenin raġel (180). Hemm ukoll 5 kadetti u 9 membri tal-bord fuq bażi *part-time*. Minn dawn tlieta (3) huma nisa u ħdax (11) huma rġiel. Tliet impjegati oħra huma fuq *contract of service.*

### (4) Kulleġġ ta' Għawdex - Higher Secondary Sir M.A,Refalo

**MP Numru 5843:** Seduta 78 11/ 11 / 2913

*L-Onor. Joseph Cassar staqsa lill-Onor. Evarist Bartolo (Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol) :*
Jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni għaliex il-*Higher Secondary ta' Għawdex*, Sir M. A. Refalo, minn din is-sena ġiet taħt il-Kulleġġ ta' Għawdex meta skejjel simili f'Malta mhumiex taħt Kulleġġi f'Malta?

**Tweġiba:** Għall-ko-ordinazzjoni aħjar tas-sistema edukattiva f'Għawdex.

### (5) Divorzji - applikazzjonijiet

**MP Numru 5192:** Seduta 67 28 / 10 / 2013

*L-Onor. David Agius staqsa lill-Onor. Joseph Muscat (Prim Ministru)*
Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm applikaw nies għad-divorzju minn kemm ilu li ġie fis-seħħ sal-ġurnata li qed tingħata din ir-risposta? Kemm kienu dawk li ġiet aċċettata l-applikazzjoni tagħhom għad-divorzju? Kemm minn dawn li ddivorzjaw reġgħu żżewġu?

**Is-silta mit-Tweġiba fejn tirrigwarda lil Għawdex :**
Minn kemm ilha li ġiet fis-seħħ il-liġi tad-divorzju (fl-1 ta' Ottubru 2011) sal-lum, fil-Qorti ta' Għawdex ġew ippreżentati 35 każ għad-divorzju. Fl-istess perijodu kien hemm 27 rikors għal divorzju li ntlaqgħu. Dwar kemm minn dawk li ddivorzjaw reġgħu żżewġu, din il-parti tad-domanda trid tiġi rivolta lill-Ministru konċernat.

# Għawdex... bil-knejjes miftuħin!



Mons. Salv Grima

**Il-Papa Franġisku għandu ħabta jxebbah il-Knisja ma' omm u li din fi kliemu stess għandha x'toffri għax "l-università tagħha hija qalbha stess". Dan barra li kien ilna nisimgħu li l-Knisja hija Omm u Għalliema. Bħalma l-omm fil-familja tistenniha li tkun interessata u qalbha miftuħa għal uliedha, hekk ukoll lill-Knisja l-Papa qed jinsisti li jippreżentaha bil-bibien tagħha miftuħa. Minn ġo fiha jistgħu joħorġu dawk li jmorru jfittxu l-imġerrħin biex jiġu mfejqa għax trid tkun għalihom bħal "sptar f'kamp ta' battalja", u lejha wkoll jagħmlu l-passi u jersqu dawk li jkunu jeħtieġu min jifhimhom jew għandhom bżonn xi għajnuna oħra anki minħabba ċerti sitwazzjonijiet li jkunu sfaw fihom ta' bnedmin li huma. Dan il-kunċett ta' Knisja issa nistgħu ngħidu li ilu jixxandar b'mod iktar miftuħ minn żmien il-Konċilju Vatikan II, hekk per eżempju fejn żdiedet il-ħidma ekumenika u dik pastorali min-naħa tal-Knisja fl-oqsma kollha fid-dinja tal-lum.**

Barra mill-aspett ta' komunikazzjoni li hemm bżonn fil-Knisja bejn il-komunità Nisranija u membri oħrajn biex tibqa' miftuħa għal kulħadd, il-Papa tkellem ukoll minn sinjal konkret u prattiku għalina lkoll meta semma' li qabel xejn għandna nħallu tassew il-bibien tal-knisja tagħna miftuħin, dejjem biex jekk xi ħadd, "imqanqal mill-Ispirtu, irid jidħol biex ifittex 'l Alla, ma jsibx il-bieb magħluq". Minn dawn ġie li naraw xi turisti f'xi pjazza, b'mappa f'idejhom, li għamlu mixja biex jersqu lejn il-knisja tal-lokal ħalli jittawlu ftit ġo fiha. Iżda minħabba xi



*"Knisja missjunarja bil-bieb dejjem miftuħ" – Papa Franġisku*

raġunijiet, anki l-ħin li jkun, mhux dejjem jirnexxilhom jilħqu l-iskop tagħhom, u tarahom iduru min-naħa għall-oħra u minn bieb għall-ieħor.

## L-ewwel sforzi biex jidħlu

Tħossha xi ħaġa ta' diżappunt meta jiġri dan. Għax apparti mill-aspett ta' twemmin li jistgħu jħaddnu, dawn il-barranin ikunu mixtieqa minn esperjenzi li jqisuhom ġodda għalihom u li jixtiequ jieħdu magħhom. Xi drabi meta jidħlu ġewwa jinzertaw xi funzjoni ta' tieġ, magħmudija jew funeral. Drabi oħrajn biex josservaw anki l-imġiba ta' dawk preżenti, waqt quddies jew talb ieħor. Mhux l-ewwel darba li huma stess iħossu l-bżonn li jpoġġu bilqiegħda u jinġabru fi spirtu ta' riflessjoni jew ta' xi ħsieb qaddis. Ma jonqsux dawk li japprezzaw mumenti ta' atmosfera ta' silenzju minħabba li jkun hemm l-Adorazzjoni u jintebħu b'dawk li jkunu miġburin fil-qima lis-Sagrament Espost. F'xi granet ta' festi dawn jistgħu jassistu għal xi ftit konfużjoni u storbju minħabba l-armar jew tiżjin ieħor. Tkun xi tkun iċ-ċirkostanza, minn kull post jittieħdu lura magħhom lejn pajjiżhom l-impressjoni li jkunu ħadu flimkien ma' għadd ta' ritratti u xeni oħra bħala tifkira.

**Fl-Eżortazzjoni Appostolika "Il-Ferħ tal-Vanġelu" (EG) (24-11-2013) il-Papa Franġisku ma kellux ħsieb li jieqaf fuq il-bibien tal-bini. Hemm bibien oħrajn li m'għandhomx jingħalqu. Dan fis-sens li kulħadd jista' b'xi mod jissieħeb fil-ħajja tal-Knisja. Qed jitkellem dwar kif wieħed jista' jagħmel parti mill-komunità, u minn tal-ewwel jiġu dawk li jgawdu milli joffrilhom is-sagrament tal-Magħmudija, li huwa wkoll meqjus bħala bieb għax bih tibda l-mixja Nisranija. Dan il-bieb huwa tad-dar tal-Missier fejn hemm post għal kulħadd, tant li kif naqraw fil-Vanġelu l-istedina hija miftuħa wkoll "għall-foqra u l-magħtuba u l-għomja u z-zopop" (Lq 14, 21), anzi għax "għad hemm il-wisa'... qal is-sid lill-qaddej, 'ġiegħel in-nies tidħol, ħalli dari timtela'" (Lq 14, 22-23).**

## Minn barra jidħlu ġewwa

Il-bieb għalhekk huwa miftuħ għax bħala Knisja qabel xejn trid toħroġ u twettaq il-ħidma missjunarja tagħha billi tersaq lejn kulħadd bla ebda eċċezzjoni. Hawn ukoll il-Papa jfakkarna liema preferenza kellu Kristu fl-istedina għall-ikla li semma' fil-parabbola tal-pranzu u għaliex huma foqra, magħtubin, zopop u għomja "m'għandhomx minn fejn iroddulek pjaċir bi



pjaċir" (Lq 14, 14). Min-naħa l-oħra l-bieb għandu jibqa' dejjem miftuħ għal dawk li qed ifittxu, joqorbu, jistaqsu u jitolbu. Fil-fatt dawk li kien ikollhom kull xorta ta' mard kienu jmorru jfittxu lil Ġesù u oħrajn kienu jiġu saħansitra anki mill-bogħod, dejjem b'tama sħiħa li jsibu l-fejqan u l-għajnuna meħtieġa.

**Tul iż-żminijiet kollha l-Knisja dejjem kienet tesprimi li hemm dawk li jinsabu mexjin u huma fil-qrib billi qed jippruvaw ifittxu mill-aħjar li jistgħu fejn jista' jinstab il-bieb miftuħ u lest għalihom. Mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn dawn il-persuni bdew jiġu iktar rikonoxxuti u xi awturi jsejħulhom bħala "Nsara Anonimi". Mhumiex magħrufa għalina u, għalkemm għadna ma nafux lil xulxin, dan mhux bi ħtija tagħhom daqskemm jista' jkun b'nuqqas min-naħa tagħna. Huma la semgħu u lanqas għandhom tagħrif dwar "il-Vanġelu ta' Kristu u l-Knisja tiegħu, iżda fl-istess ħin ifittxu bis-sinċerità lil Alla u bl-għajnuna tal-grazzja jippruvaw jagħmlu r-rieda tiegħu kif jaslu jagħrfuha minn dak li tgħidilhom il-kuxjenza tagħhom" (LG 16). Għandhom però rieda tajba u qed ifittxu d-dawl tal-verità. Min jista' jiċħad li minn dawn jista' jkollna madwarna wkoll, mhux biss mir-residenti fostna imma anki minn dawk li jżuruna tul is-sena?**

## Ta' ġewwa imma jsibu posthom

Il-bieb tal-Knisja jibqa' dejjem miftuħ għal ħutna li jiġu minn barra u minn kull naħa u li fl-imgħoddi kienu magħrufa li jħaddnu l-Magħmudija tax-xewqa. Imma ma rridux ninsew lil dawk l-oħrajn li mhux biss nafuhom aħjar bħala ħutna, imma rċivew is-sagrament tal-Magħmudija, iżda fi kliem il-Papa "qed jgħixu bla saħħa, bla dawl u bla konsolazzjoni li ġejjin mir-rabta ta' ħbiberija ma' Kristu, mingħajr ma jissieħbu fil-komunità tal-fidi li tista' toffrilhom il-forza meħtieġa, u għalhekk jinsabu f'ħajja bla tifsira u bla skop" (EG 49). Dawn huma "anonimi" u "mhux magħrufa" mhux għax mhumiex minn ta' ġewwa u kif konna nafuhom fil-passat huma membri fil-ġisem ta' Kristu, imma huma għad-dehra biss, għax imxebbħa mal-frieghi niexfa, bla ħajja u bla frott għalkemm għadhom fiz-zokk.

Anki għal dawn, il-bibien m'għandhomx jitqiesu magħluqin, imma miftuħin biex jgħaddu minnhom u jissieħbu ma' sħabhom għall-ġid tagħhom stess u biex jissaħħu l-frieghi l-oħrajn li għadhom ħajjin u bil-frott. Min-naħa l-oħra anki dawn tal-aħħar għandhom joħorġu mill-istess bibien biex jiltaqgħu u jfittxu lil ħuthom. **M'għandux jibqa' l-biża' "u nibqgħu magħluqin fl-istrutturi li mhux qed jagħtuna ħlief sens falz ta' sigurtà..... meħdijin bi drawwiet li bihom inħossuna moħħna mistrieħ waqt li fil-bibien tagħna hemm dawk li għandhom il-ġuħ u li Kristu ma jegħja qatt jgħidilna: 'Agħtuhom xi ħaġa x'jieklu' (Mk 6, 37)" (EG 49).**

Sar magħruf li fi Pjazza San Pietru fi żmien 9 xhur mhux inqas minn 6,600,000 marru jisimgħu lill-Papa Franġisku. Qed jingħad ukoll li f'xi pajjiżi żdiedu dawk li qed jirritornaw għall-prattika Nisranija bl-attendenza għall-Quddies. F'pajjiżna, minn żmien għall-ieħor, isir iċ-ċensiment ta' kemm jattendu għall-Quddies nhar ta' Ħadd. Forsi mhux bogħod ħafna dak li jmiss. **Sadattant il-Knisja lokali tista' b'ħarsa 'l quddiem tistinka iktar biex twassal bil-mezzi kollha possibbli siltiet mill-istess Eżortazzjoni Appostolika (*Evangelii Gaudium*) tal-Papa. Xejn xejn biex jitwassal il-messaġġ li l-bieb huwa dejjem miftuħ u li r-Rgħajja huma mħeġġa "bix-xamma tan-ngħaġ". L-isfida tal-Papa Franġisku hija waħda ċara u qawwija: "Nippreferi Knisja mimlija tbenġil, imweġġgħa u maħmuġa għaliex tkun ħarġet fit-toroq, milli Knisja li hija bla saħħa minħabba l-għeluq u għax hija marbuta mas-sigurtà tagħha" (EG 49).**



# X'għadda minn għalina



Charles Spiteri



*Mix-xellug għal-lemin :is-Sur Michael Grech, il-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo, is-Sur John Portelli*



*X'uħud mill-istudenti li attendew għall-Konferenza*

## Soluzzjonijiet għat-Trasport għal Għawdex

Ic-*Chartered Insitute of Logistics* u l-fergħa tat-*Transport Malta* organizzaw il-konferenza annwali tagħhom fil-Ministeru għal Għawdex. John Portelli, *Chairman* tal-Istitut introduċa t-tema tal-Konferenza, "Soluzzjonijiet għat-Trasport għal Għawdex". Imbagħad għadd ta' esperti ttrattaw u analizzaw dan is-suġġett minn aspetti diversi. Dawn l-esperti kienu: Il-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo, Michael Grech, President tal-*Gozo Business Chamber*, l-ekonomista Gordon Cordina u Ivan Mifsud, operatur fis-settur tat-trasport. Għadd ta' studenti universitarji attendew għal din il-Konferenza.





## Awguri tas-Sena l-Ġdida

Nhar is-Sibt 18 ta' Jannar, Mons. Isqof Mario Grech iltaqa' mas-saċerdoti Għawdxin fi bdil tal-awguri tas-sena l-ġdida, fis-sala ewlenija tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria. F'diskors tal-okkażjoni, Mons. Isqof Grech tkellem dwar l-ottimiżmu u t-tama li għandhom jikkaratterizzaw il-Knisja f'pajjiżna fiż-żminijiet tal-lum.

Minkejja l-isfidi kbar li l-Knisja qed tiltaqa' magħhom fil-ħidma ta' evanġelizzazzjoni, minħabba l-kultura tal-lum li spiss tirrelega r-reliġjon għall-isfera tal-ħajja privata bla ebda konnessjoni mal-ħajja pubblika, u fejn in-numru ta' dawk li jipprattikaw ir-reliġjon qiegħed jonqos ġmielu, l-Isqof fisser kif il-Knisja llum trid tkun kapaċi tagħraf is-sabiħ u l-pożittiv li hawn fis-soċjetà, u tidħol fi djalogu akbar u aktar kostruttiv mad-dinja tal-lum. L-Isqof stieden lis-saċerdoti u lill-komunità ekkleżjali fil-gżira Għawdxija biex il-Knisja tkun "komunità kreattiva", ħalli l-Insara jsibu modi ġodda ta' kif iġibu 'l quddiem il-ġid tal-bniedem u tas-soċjetà fid-dawl tal-Vanġelu.

Diversi saċerdoti għamlu l-interventi tagħhom (*ara d-diskors ta' Mons. Isqof fid-Dokumentazzjoni*).

## Festa tal-Qaddis taż-Żgħażagħ

Din is-sena wkoll fl-aħħar ta' Jannar, fl-Oratorju Don Bosco kienet iċċelebrata il-festa ta' Don Bosco. Filgħodu, l-Isqof Mario Grech ikkonċelebra Quddiesa solenni fil-Kappella tal-Oratorju. Wara l-Quddiesa, fi Pjazza Santu Wistin sar it-tberik tal-annimali minn Dun Ġorġ Mercieca. Anton Mizzi, President tal-Għaqda *Old Boys* tal-Oratorju, wara kelmtejn tal-okkażjoni, ppreżenta donazzjoni lil Dun Effie Masini, Direttur tal-Oratorju. Filgħaxija sar il-kunċert tradizzjonali mill-*Gozo Youth Wind Band*, taħt id-direzzjoni ta' Mr. Joseph Grech. *(ara paġna 14)*



*Is-Sur Anton Mizzi, President tal-Għaqda Old Boys tal-Oratorju jippreżenta donazzjoni lil Dun Effie Masini, Direttur tal-Oratorju.*



## It-Tmien Anniversarju tal-Ordinazzjoni

L-Isqof t'Għawdex, Mario Grech, iċċelebra t-tmien anniversarju mill-ordinazzjoni episkopali tiegħu, b'Quddiesa ta' radd il-ħajr fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria. Għadd sabiħ ta'saċerdoti Għawdxin ingħaqdu miegħu fil-konċelebrazzjoni. Membri tal-Għaqdiet Kattoliċi u tal-Komunità tar-Ragħaj it-Tajjeb ipparteċipaw fil-Quddiesa flimkien mal-ġenituri tal-Isqof, Ġorġ u Maria Stella, ma' ħuh Carmel u ma' oħtu Joyce.





## Jum il-Familja Mqaddsa

Is-26 ta' Jannar kien Jum il-Familja Mqaddsa fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. L-Arċipriet Tarcisio Camilleri kkonċelebra quddiesa mal-kappillani tal-Isptar. Il-mużika kienet immexxija minn Mro. Carmel Grech u ħadu sehem fil-kant Mario Portelli, tenur, Pauline Camilleri, sopran, u Teddie Attard, baritonu. Fuq inizjattiva ta'Carmelo Bigeni ingħaqdet banda li ferrħet l-ambjent u l-okkażjoni. Għadd mill-bandisti huma ħaddiema fl-istess sptar. Il-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo u s-Sinjura tiegħu u l-membru parlamentari Frederick Azzopardi kienu fost dawk li attendew għal dawn l-attivitajiet.



## Kunċert - Banda Viżitazzjoni

Gawdxin u barranin, li togħġobhom il-mużika klassika, attendew għall-kunċert ta' mużika Vjenniża, f'sala ewlenija tal-lukanda Kempinski f'San Lawrenz.

F'dan il-kunċert klassiku, li d-dħul għalih huwa kien bla ħlas, il-banda taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur Mro George Apap esegwixxiet għadd ta' Valzi, Polkas u Marċi mill-pinna ta' Strauss.

Il-kunċert *'Dreams of Vienna'* kien qed jagħlaq sena ta' ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni tal-Gharb.

## 'Pomp and Circumstance' – Kunċert f'għeluq il-Festa ta' Don Bosco

Nhar il-Ħadd 2 ta' Frar fil-belt Victoria nżammet il-festa ta' San Ġwann Bosco u fi tmiemha fuq il-palk tal-istess Oratorju, il-*Gozo Youth Orchestra* taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Grech tat dan il-kunċert li fetaħ bl-*Overture* mill-Opra ta' Gioacchino Rossini *'La Gazza Ladra'* u dritt wara dawk kollha li attendew setgħu jgawdu *'Bella Italia'*, *medley* ta' kanzunetti antiki Taljani li niżlu ferm tajjeb mal-udjenza. L-orkestra mbagħad ippreżentat siltiet minn tliet films: *The Avengers, Lord of the Rings* u *Mission Impossible.* Kien imiss imbagħad li l-Orkestra ddoqq *'Pump and Circumstance'* tal-kompożitur Ingliż Edward Elgar; dan it-titlu ngħata lil kunċert billi tul dawn l-aħħar tnax-il sena il-*'Gozo Youth Wind Band'* tat diversi kunċerti ta' spettaklu kemm barra u kemm ġewwa. L-aħħar silta li kienet ippreżentata f'dan il-kunċert kienet *medley* mill-musical *'Joseph and the Amazing Technicolour Dreamcoat'* ta' Lloyd Webber li f'Marzu li ġej ser jerġa' jsir f'Għawdex.



Matul il-kunċert sar magħruf li għas-seba' sena konsekuttiva, il-*'Gozo Youth Orchestra'* ser terġa' tippreżenta fil-Bitħa tal-Ministeru għal Għawdex l-ispettaklu mużikali *Opera vs Pop under the Stars* it-Tnejn, 28 ta' Lulju 2014 bis-sehem ta' grupp ta' mużiċisti żgħażagħ mill-Ġermanja li iktar kmieni, matul Ottubru 2013, kienu laqgħu lill-Għawdxin fil-Ġermanja u fi Brussels fejn ippreżentaw ukoll flimkien kunċert mużikali.

## Ġest ta' Solidarjetà

Il-*Qala Saints FC Nursery* dan l-aħħar għamlu ġest sabiħ ta' solidarjetà. Huma għamlu donazzjoni ta' set *kits* tal-futbol lil grupp ta' żgħażagħ Niġerjani. Dan seta' jsir meta Benneth Njoku, li jgħammar il-Qala u huwa membru tal-*coaching staff* tal-klabb, għamel żjara f'pajjiżu. B'dan il-ġest, il-Kumitat tal-*Qala Saints Nursery* ried jagħti xhieda li lit-tfal li jattendu għat-trejning magħhom qegħdin jagħtuhom tħejjija mhux biss fil-logħba tal-futbol, iżda wkoll fil-bini ta' karattru xieraq.







## Eżempju bl-Imġiba

Nhar il-Ħadd, 19 ta'Jannar, saru sessjonijiet ta' għoti ta' demm u ta' konoxxenza dwar is-saħħa, f'*The Duke Shopping Complex*, Victoria. In-*National Blood Transfusion Service* u l-*Health Awareness Committee* flimkien mal-*Gozo General Hospital* qalu li din l-inizjattiva kienet suċċess. Matul il-ġurnata, 40 persuna marru biex jagħtu d-demm u x'uħud minnhom, akkompanjati minn uliedhom, kienu qed jagħmlu dan għall-ewwel darba. Eżempju xieraq li jkun imitat!

## "Flashmob"

Ix-*Xagħra Youth Centre* organizzaw attività ta' żfin spontanju għat-tfal, adulti u persuni bi bżonnijiet speċjali. Din l-attività ngħatat l-isem "*Flashmob*" u kienet issir għal diversi Ħdud mat-tokk ta' nofsinhar.

Il-grupp organizzattiv kien iggwidat minn Fr Joseph Bajada u l-koreografija tmexxiet minn Janica Camilleri. Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ta s-sostenn tiegħu biex din l-attività tkun tista' tinżamm.



## Wirt Għawdex

"Wirt Għawdex"organizzaw lekċer bl-Ingliż, *"Archeology of Gozo – A Personal Experience"* mill-arkeologu ta' fama, Dr David Trump, fil-kappella ta' Santa Ċeċilia, Għajnsielem. Ir-rakkont ta' Dr Trump kien akkompanjat minn preżentazzjoni fotografika eċċellenti ta' Daniel Cilia. Dr Trump fisser b'mod ferm interessanti 'l-esperjenzi u l-kixfiet arkeoloġiċi tiegħu f'Għawdex. Hu awgura lill-arkeoloġi tal-lum u ta' għada biex ikomplu fejn ħalla hu, għaliex jemmen li f'Għawdex għad baqa' ħafna sejbiet xi jsir f'dan il-qasam.







## Festa ta' Sant Anton Abbati

Din is-sena wkoll fix-Xagħra, fl-inħawi magħrufa bħala "Tal-Qaċċa" saret il-Festa ta' Sant Anton Abbati. L-Isqof t'Għawdex, Mario Grech, mexxa ċ-ċelebrazzjoni. Fil-purċissjoni, l-istatwa tal-qaddis kienet merfugħa fuq karettun miġbud minn parilja. Il-Banda "Victory" tax-Xagħra akkompanjat il-purċissjoni madwar it-triqat ta' dik iż-żona. Fil-misraħ ta' ħdejn il-kappella, ddedikata lil dan il-qaddis, sar bħalma hi tradizzjoni, it-tberik tal-annimali. Il-festa ntemmet bit-tqassim tal-ikel sabiex dan imbagħad jingħata lill-*pets* li nġiebu hemm.



*Fr Paul Muscat*



*L-Isqof Mario Grech u Rev Neill Robb*

## Nitolbu Flimkien

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa tat-Talb għall-Għaqda tal-Insara, membri tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex f'kollaborazzjoni mad-Djoċesi ta' Għawdex u mal-Komunità Anglikana, ħadu sehem fis-Servizz Ekumeniku li jsir kull sena. Minbarra l-pubbliku ġenerali kienu mistiedna dawk il-barranin ta' kull denominazzjoni li jgħixu f'Għawdex. It-tema ta' din is-sena, meħuda mil-Liturġija Kanadiża, kienet il-mistoqsija: "Kristu hu Maqsum?" It-talb tmexxa mill-Isqof Mario Grech, mir-Rev. Neill Robb tal-komunità Anglikana u minn Fr Paul Muscat tal-komunità Agostinjana. Is-Servizz li sar fil-knisja ta' Santu Wistin, Victoria, kien animat mill-Chorus Urbanus, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea.



*X'uħud fil-kongregazzjoni*

# Nibżgħu għall-wirt kulturali tagħna!



notamenti mill-
**Kav. Joe M. Attard**

Ma tgħaddix għodwa li ma ngħaddix mill-ġnien pubbliku ta' Villa Rundle ta' Victoria jew minn quddiemu bit-tama li xi darba mill-ġdid nara f'postu l-Bust tal-Kittieb Għawdxi, imwieled ix-Xagħra, Laurent Ropa', li kien sar snin ilu bit-tħabrik tal-Klabb Kotba Maltin. B'xorti ħażina dan il-bust, għal darba tnejn, *inkisirlu* n-nuċċali. Issa ilu żmien li nqala' minn postu biex tissewwa din il-ħsara mhux mixtieqa. Nemmen li la trid ħafna spejjeż u lanqas ħafna ħin biex mill-ġdid dan il-bust jerġa' jitqiegħed f'postu u għalhekk nittama li dan l-appell tiegħi ma jaqax fuq widnejn torox. Kemm ikun sabiħ dan il-Ġnien kieku kellu minn żmien għal żmien jissebbaħ b'xi bust ta' xi ġentlom Għawdxi ġej minn xi qasam tal-ħajja fejn ibbrilla u għamel isem. Żgur li jistħoqqlu dan il-ġieħ **il-Baruni Kelinu Vella Haber** li miet nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2014 wara li xi ftit ġimgħat ilu kien għalaq il-100 sena u kien preżenti fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex fejn ingħatatlu tislima xierqa bħala turija tal-attività kbira li wettaq kemm dam ħaj. Kiteb fuq li kiteb anke fejn jidħlu l-Biedja u s-Sajd u allura x-xbieha tiegħu tixraq li ssib postha f'dan il-ġnien li żgur kien ħafna għal qalbu u min jaf kemm-il darba żaru!



*L-Akkademja ċċelebrat iċ-ċentinarju ta' Kelinu Vella Haber nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru 2013. Fir-ritratt, Kelinu Vella Haber qed ikun intervistat waqt is-Serata organizzata f'Novembru li għadda mill-Akkademja tal-Malti biex tiċċelebra għeluq il-100 sena tiegħu.*

Kumment ieħor li xtaqt nagħmel huwa dwar id-dehra diżastruża li tara quddiem għajnejk hekk kif tgħaddi minn quddiem dik l-iskola li darba kienet il-Liceo tas-subien fejn jien qattajt għomri ngħallem il-Malti. Kulħadd jaf li post din l-iskola issa ħaditu oħra ferm isbaħ, ikbar, moderna u komda, *state of the art*! Imma quddiem il-qadima tirrenja babilonja sħiħa ta' skart, ħmieġ u terrapien li jagħtu dehra ferm kerha lill-ambjent ta' madwar. Kieku ssir tindifa bis-serjetà ma tibqax tweġġa' l-għajn il-qagħda fil-preżent! U minn hawn jgħaddu mijiet ta' nies kuljum biex jagħmlu x-xirja tagħhom mill-istabbiliment tal-Arkadia waqt li familji sħaħ tarahom sejrin għal kikkra kafe, b'mod speċjali matul il-*weekends*!

U qabel nagħlaq dawn il-kelmtejn xtaqt ukoll nuri d-dispjaċir tiegħi għall-ħsara li qed iġġarrab il-funtana li kienet saret fis-sebgħinijiet bl-inizjattiva bla ma taqta' tal-Kav. Peter Paul Grech, li hemm quddiem l-iskola post sekondarja Sir Mikelanġ Refalo, tefgħa ta' ġebla bogħod minn *Villa Rundle*. Id-delfin li jtajjar l-ilma qed jitfarrak bil-mod il-mod billi l-iskeletru tal-ħadid li hemm moħbi ġo fih, issaddad u qasam il-konkrit u issa qed jagħti dehra kerha u ta' abbandun lil din il-funtana sabiħa, mdawra bil-fjuri u bl-ilma frisk, li minn quddiemha jgħaddu ta' kuljum mijiet ta' nies u dawk kollha li jridu jidħlu fil-Belt Victoria. Huma affarijiet żgħar li jistgħu jissewwew fi żmien qasir iżda jekk inħalluhom għaddejjin, magħhom jiżdiedu oħrajn u l-pjaga tkompli tikber.

Issa li riesaq il-Karnival min jaf x'jgħaddu tan-nies minn hawnhekk u kemm Maltin iterrqu lejn il-Belt Victoria biex igawdu l-ispettaklu taż-żfin ġewwa l-*enclosure*. Mhux darba u tnejn li l-isfilata titlaq minn hawn ukoll u allura għax ma narawx x'nagħmlu biex din il-funtana terġa' tidher fl-isplendur kollu tagħha kif xtaqha meta ħażżiżha l-artist u ex-għalliem Carmelo Grech li għamilna żmien ngħallmu flimkien fil-Liceo. Nota tal-aħħar; ta' sodisfazzjon il-fatt li qed tissewwa l-istatwa ta' qies mhux komuni tas-Salvatur li nsibu fuq il-Għolja tal-Merżuq qrib Marsalforn għaliex żgur li hija punt ta' riferenza għal ħafna nies li jżuru din il-bajja popolari! Iż-żmien ma jaħfirha lil ħadd u l-elementi ma ġabux ħniena lil Dak stess li ħalaqhom imma tal-inqas niesna ħadu ħsieb ta' din il-biċċa xogħol li qabilha kien hemm oħra li wkoll sfat vittma tal-maltemp u kellha tinbidel ma' dik li hemm illum. Nibżgħu għaliha biex ma ġġarrabx ix-xorti ta' dik ta' qabilha!

# Għawdex fis-sena 2051

## 2. Il-Bini. Postijiet Okkupati... Postijiet Battala...



Carmelo Grima

Niftakar meta kelli dawk il-15-il sena l-Gvern kien ħareġ għall-bini fejn illum hemm iż-żona industrijali tax-Xewkija. Kienu ħarġu qtajja kbar bil-ġnien ta' 30 pied fil-faċċata b'mod li kienu ser ikunu qishom vilel. Iżda ħadd ma ħadhom għaliex ħarġu b'ċens għal 150 sena. Jien kont għidt lil ommi biex tieħu qatgħa biex naħseb għall-futur iżda ommi qaltli li jien ma nifhimx għaliex jekk tiġi biex tbiegħ il-post li tkun bnejt ma jagħtuk xejn tiegħu għaliex kien ċens jagħlaq. Ħalliha mbagħad li bdew joħorġu qtajja b'ċens għal 50 sena u wara jiġġedded iċ-ċens.

Minn dakinhar 'l hawn il-folja tal-bini tbiddlet ta' taħt fuq. Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar beda jinbena bini. Inbnew *Housing Estates* kważi f'kull raħal. Inbnew *plots* li kienu vojta. Inbnew *Flats*. Nistgħu ngħidu li kulħadd sar sid ta' daru. Ftit pajjiżi (jekk hawn) li 95% tal-popolazzjoni għandha r-residenza tagħha u mhix fil-kera. Jekk nagħtu ħarsa lejn l-istatistika hawn taħt naraw kemm dan hu minnu. Anzi hawn żewġ binjiet għal kull familja. B'hekk il-problema tal-bini mhux talli hi solvuta iżda hawn ħafna postijiet żejda. Aktar u aktar li l-popolazzjoni ta' Għawdex hi stmata li tonqos drastikament sas-sena 2051 kif rajna f'artiklu ieħor f'din ir-rivista.

X'inhi r-raġuni li hawn ħafna postijiet battala? Prinċipalment il-kawżi ta' dan huma:- hawn ħafna diviżjonijiet ta' wirt li għadhom pendenti sew fil-Qorti sew b'nuqqas ta' ftehim u anki bi bruda fost il-werrieta. Bil-liġi tal-kera kif kienet daħlet id-drawwa u l-għajdut li min jikri jagħti jew aħjar jitlef. Matul iż-żmien il-poplu fehem li tinvesti fil-bini jaqbillek għaliex s'issa dejjem tela' l-prezz. F'dawn l-aħħar ftit snin il-bini ma baqax tiela'. Il-problema ta' pajjiżi oħra li rajna f'dawn l aħħar snin, dik li l-inkwilini ma setgħux iħallsu l-*Loans* tagħhom ma teżistix f'Għawdex sew għax aħna aktar indumu naħsbuha qabel nixtru kif ukoll il-bejjiegħ jissaporti aktar. Il-Banek dejjem qagħdu attenti kif isellfu fuq il-bini. Mill-banda l-oħra l-bini ftit jista' jorħos għaliex f'Għawdex ma hawnx xi tlieta jew erba' negozjanti tal-bini u jkunu maqbudin bi kwantita kbira ta' bini u jkun hemm il-periklu ta' falliment. Hawn eluf li għandhom propjetà waħda biss għall-bejgħ u allura jifilħu jissaportu li jkollhom *Post*, *Flat* jew *Plot* għall-bejgħ u jħalluha s-snin bit-tabella *FOR SALE*. Jgħidulek fl-aħħar jasal it-tir tiegħu.

Waqqajna bini antik ta' preġju biex tellajna oħrajn moderni. Waqqajna knejjes biex bnejna oħrajn. Waqqajna ċimiterji biex bnejna swali. Waqqajna torri biex għamilna *aerodrome*. Waqqajna djar li ilhom inqas minn 30 sena mibnija biex bnejna *Flats*. Waqqajna blokok ta' bini biex wessajna t-toroq u l-pjazez. Waqqajna... waqqajna... waqqajna u bnejna... bnejna... bnejna.

Il-popolazzjoni mistennija tonqos u l-bini mistenni li jibqa' tiela', bir-riżultat li fl-2051 Għawdex ser ikollu binja u aktar għal kull persuna.

**Tgħid għad nibdew inwaqqgħu l-bini biex nużawh bħala raba kif kien qabel?**

Ħarsa ħafifa fuq l-istatistika tal-Bini fis-sena 2005 (verżjoni bl-Ingliż) naraw kemm dan li qed ngħidu hu minnu.

**Official Statistics of Dwellings in 2005**

*(Diġà għaddew 8 snin mill-aħħar ċensiment. Wieħed għandu jaħseb li f'dawn l-aħħar 8 snin il-bini baqa' tiela' u għalhekk l-istatistika ta' hawn taħt trid tiżdied konsiderevolment).*

| *Type of Building* | *Buidings in Malta & Gozo* | *Buildings in Gozo* | *Vacant in Malta & Gozo* | *Vacant in Gozo* |
|---|---|---|---|---|
| Terraced house | 68586 | 10017 | 13872 | 3450 |
| Semi-detached house | 7027 | 1144 | 922 | 308 |
| Fully-detached house | 4236 | 639 | 702 | 233 |
| Ground-floor tenement having its own airspace | 12,492 | 1619 | 3226 | 624 |
| Maisonette | 40,751 | 926 | 9857 | 410 |
| Flat/Penthouse | 56,864 | 5,842 | 24295 | 4696 |
| Farmhouse | 1,261 | 211 | 262 | 41 |
| Suite of rooms forming part of a housing unit | 709 | 48 | | |
| Other | 388 | 35 | | |
| **Total** | **192314** | **20481** | **53136** | **9762** |

*(Min ikun irid jikteb artiklu għal din ir-rubrika, huwa mistieden jibagħtu lill-Editur)*

## *Quddiesa għall-Ġurnalisti u Kittieba Għawdxin*



Nhar is-Sibt filgħaxija, 25 ta' Jannar 2014, fl-okkażjoni tal-festa tal-Patrun tal-ġurnalisti, kittieba u xandara, San Franġisk de Sales, Isqof ta' Ginevra u Duttur tal-Knisja, il-Kan Dun Eddie Żammit, għan-nom tal-Isqof Djoċesan Monsinjur Mario Grech, li ma setax jattendi billi kien impenjat f'Malta, qaddes quddiesa għall-Ġurnalisti, Xandara u Kittieba Għawdxin fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fi Triq Palma, Victoria mnejn dawn il-jiem ħarġet l-aħbar sabiħa li l-Fundatriċi ta' dan l-Ordni, Madre Margerita De Brincat kienet se tiġi dikjarata Venerabbli. Intant Dun Eddie Zammit kien akkumpanjat minn Monsinjur Carmelo Scicluna u l-poeta Dun Ġorġ Mercieca. Il-lezzjonijiet inqraw mill-President u s-Segretarju tal-Għaqda Ġurnalisti Għawdxin rispettivament Charles Spiteri u Joe M Attard waqt li t-talbiet tal-Fidili nqraw minn Joe Psaila. L-offerti ttellgħu minn Joe Felice Pace u Antoine Vassallo.

Għalkemm Monsinjur Isqof ma setax jattendi huwa bagħat il-messaġġ tiegħu li nqara mis-Segretarju tiegħu Dun Eddie Zammit.

## *Messaġġ lil dawk impenjati fil-Medja f'Għawdex*

Mhux lakemm wieħed ikejjel il-ġid li l-mezzi tal-komunikazzjoni jagħmlu lis-soċjetà. Ħadt ma jista' jiċħad li dawn il-mezzi saru kanali li permezz tagħhom illum għandna aċċess għall-minjieri ta' tagħrif li jagħni lill-bniedem. Meta huma użati bil-għaqal dawn il-mezzi jgħinu lill-bniedem isib it-tweġibiet għal għadd ta' mistoqsijiet li jista' jkollu, inklużi dawk eżistenzjali. Għalhekk f'ċertu sens jista' jingħad li llum il-*media* huma strument validu li jgħin lill-bniedem jissawwar f'diversi oqsma importanti għall-ħajja bħalma hija l-edukazzjoni, il-kultura, ix-xjenza, l-ekonomija u l-politika eċċ. Ma nistax nimmaġina ġurnal jew bullettin tal-aħbarijiet li ma jitkellmux dwar dawn is-suġġetti. Jekk editur ifettillu ma jħallix spazju għal dak li qed jiġri fid-dinja tal-politika, huwa ovvju li ngħidu li dan l-editur ma jafx x'inhuma l-aspirazzjonijiet tal-qarrejja jew is-semmiegħa.

**Għalkemm normalment il-mezzi tal-komunikazzjoni ta' pajjiżna qed iwieġbu tajjeb għall-ħtiġijiet tas-soċjetà għax jagħlfu lill-udjenzi tagħhom, xi drabi forsi anke żżejjed, b'materjal li għandu x'jaqsam ma' dawn is-suġġetti, inħoss li hemm settur li jista' jkun indirizzat aħjar: qed nitkellem dwar id-dimensjoni spiritwali ta' kull persuna.**

Peress li kull bniedem, anke dak li jiddikjara li ma jemminx, ixerref kemm bil-miftuħ kif ukoll bil-mistur biex isib is-sens u t-tifsira aħħarija tal-ħajja, id-diskors dwar Alla għad fadallu postu anke fis-soċjetà sekularizzata tal-lum. Ix-xewqa għal dak li huwa assolut u traxxendenti tinsab fil-qalb ta' kull ċittadin. Għalhekk ma jkunux joħorġu barra minn triqthom u lanqas ma jxellfu l-lajċità tagħhom, jekk l-għodod medjatiċi jirriservaw ftit spazju għal Alla u jindirizzaw dan il-bżonn spiritwali tal-klijenti tagħhom. Qabel ma għandha tifsira kristjana, il-kelma "spiritwalità" għandha kontenut uman għax il-bniedem mhuwiex biss materja imma huwa ukoll spirtu u għandu bżonnijiet spiritwali bħal mhija l-għożża tal-imħabba, ta' dak li huwa sabiħ, ta' dak li huwa veru u tajjeb. Proprju għalhekk nistgħu ngħidu li kemm il-lajċisti kif ukoll l-ateisti, minħabba l-ħajja interjuri tagħhom, għandhom bżonn tal-ispiritwalità.

**Ma nistax ma naqbilx ma' min jgħid li l-mezzi tal-komunikazzjoni f'pajjiżna diġà għandhom spazju għall-aħbarijiet reliġjużi u speċifikament dawk dwar il-Knisja Kattolika. Imma meta qed ngħid li nixtieq nara aktar spazju għal Alla f'dawn il-mezzi, mhux qed ngħid li għandna nżidu aktar tagħrif dwar il-ġrajjiet kurrenti fil-Knisja, imma qed nirreferi għal dik ir-riflessjoni spiritwali li taf tnissel in-nostalġija ta' Alla, li aħna l-insara nemmnu li deher fostna fil-persuna ta' Ġesù Kristu. Aktar milli jgħaddu kontenut moralistiku jew etiku, nistenna li permezz tal-arti medjatika tingħata aktar possibbiltà li wieħed jixtarr dak il-patrimonju spiritwali li jserraħ il-qalb tqila tagħna u jgħin ħalli jinstab mod prattiku kif nibnu relazzjonijiet bis-sens bejnietna u ma' Alla.**

Meta l-bniedem jissodisfa dan il-bżonn interjuri mhux biss ikun aktar awtentikament spiritwali imma jkun ukoll awtentikament uman. Imbagħad ikun inqas diffiċli għalih li jagħmel ħiltu biex jgħix f'armonija ma' sħabu u mal-ambjent ta' madwaru. Fi kliem ieħor, il-bniedem li jirnexxilu jimla l-baħħ spiritwali tiegħu jkun f'qagħda li jagħti s-sehem tiegħu għat-tisħiħ tal-ġid komuni.

**Filwaqt li nirringrazzja lil dawk kollha li għandhom sehem fil-kamp medjatiku għall-ġid li qed jagħmlu lis-soċjetà, nistedinhom jirriflettu ftit dwar din il-proposta li tmiss il-qalba ta' kull ċittadin, kemm bħala individwu kif ukoll bħala kollettività.**

25 ta' Jannar, 2014

**+ Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**

# Dik l-imbierka "Vijabbilità"



Ryan Mercieca

Saret *buzzword* riċentament, li meta wieħed ikun irid jiddubita xi idea jew argument jitfa' din il-kelma sabiex din l-idea tidħol f'labirint ta' burokrazija li minnu ma toħroġ qatt ebda konklużjoni, ħlief telf ta' ħin, enerġija u riżorsi.

Wieħed jistaqsi x'inhu vijabbli f'dan il-pajjiż? L-edukazzjoni? L-iSptar Mater Dei? Is-sistema tat-trasport pubbliku? Il-Gvern innifsu? Għaliex dawn li semmejt kollha jaħdmu b'xi sussidju jew inkella deficit.

Dan l-aħħar, dan il-kunċett tal-vijabilità ergajna smajnieh mis-Segretarju Parlamentari, Dr. Stefan Buontempo f'laqgħa li kellu f'Għawdex ma' diversi għaqdiet sportivi fejn qal li l-pixxina f'Għawdex probabbilment mhix vijabbli. Xejn ġdid għaliex dan ilna nisimgħuh għal kull inizjattiva li tkun ser issir Għawdex. Eżempju klassiku hemm il-*campus* tal-Università ta' Malta f'Għawdex fejn fuq għoxrin sena ilu ntqal l-istess li mhux vijabbli, però iż-żmien ta parir. L-iskuża tal-vijabilità telfitna ukoll il-katamaran... u l-ħelikopter...

Dr. Buontempo żied jgħid li hemm il-possibbiltà li ssir waħda fit-tramuntana ta' Malta li tista' tkun vijabbli għall-Għawdxin li jingħataw sussidji biex jaqsmu minn Għawdex u jużawha. Ikolli nistaqsi hawn, li jekk jingħata sussidju dik vijabbli?

Nifhem li ċerti proġetti jidhru mhux vijabbli għall-gżira b'popolazzjoni daqstant żgħira. Madanakollu nemmen li minflok jitwarrbu l-ideat li jistgħu jipprovdu riżorsi li sa issa jeżistu biss f'Malta, wieħed jista' jaħdem biex isib mod vijabbli li bih joħloq dawn ir-riżorsi. Dan għaliex proġett ta' investiment, ikun xi jkun, ikun fejn ikun, jekk ma taħdimx għalih b'mod serju u xieraq, hija xi ħaġa ovvja li mhux ser ikun vijabbli.

Il-punt kollu mhux ta' vijabilità iżda hija materja ta' opportunitajiet indaqs għall-Għawdxin u Maltin li qed ngħixu f'pajjiż wieħed li sfortunatament għad baqa' min jaħseb li Għawdex mhux parti mill-pajjiż jismu Malta.



Wieħed donnu nesa jgħid li t-tfal, żgħażagħ, adulti, anzjani u atleti Għawdxin ser igawdu minn possibbiltà ta' faċilità ta' pixxina f 'Għawdex kif ukoll li din mhux biss tkun ta' benefiċċju għall-isportivi iżda wkoll għal dawk li jkollhom bżonn jużawha fuq parir mediku. Barra minn hekk din mhux biss tgħin lill-atleti Għawdxin fl-għawm u anke atleti li jkollhom bżonn terapija tal-ilma, iżda tista' tiftaħ niċċa għal turiżmu lokali u anke barrani bħalma ġara fl-isport tal-għadis li hu l-aqwa suq fit-turiżmu għal Għawdex.

Jekk wieħed iħares b'serjetà lejn dan il-proġett u jara l-opportunitajiet li jista' joffri lill-pajjiż, u li anke jista' jservi ta' niċċa ta' turiżmu bħalma kienet dik tad-*diving* f'dawn l-aħħar snin għandu jikkunsidra l-kunċett tal-vijabbilità u jħares lejn investiment siewi għall-pajjiż.

Alexander Saliba
Computer Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
alexandersaliba@gmail.com
21 555 358
99 864 262

Repairs Desktop PC's and Laptops - Android Phones and Tablets / iPads and iPhones

# Żewġ Papiet Qaddisin!

Qegħdin nersqu lejn il-**Kanonizzazzjoni** ta'żewġ Papiet ta' żminijietna – tnejn li ħafna minna niftakruhom sewwa:

## Ġwanni XXIII *u* Ġwanni Pawlu II

Il-Kanonizzazzjoni se ssir nhar il-Ħadd, 27 ta' April. Huwa xieraq li sa dakinhar nitħejjew għal din l-okkażjoni billi nixtarru xi ftit mill-kliem ta' qdusija u għerf nisrani li huma ħallewlna.

## *Papa Ġwanni XXIII*

### Għal-Lum Biss

Għal-lum biss
- infittex li ngħix il-ġurnata mingħajr ma nixtieq insolvi f'kolp wieħed il-problemi kollha ta' ħajti
- nagħti kemm nista' kas tal-mod kif nidher: nilbes xieraq, ma ngħollix leħni, nuża manjieri ta' ġentilezza
- ma nikkritika lil ħadd; ma nipprova nirranġa jew niddixxiplina lil ħadd ħlief lili nnifsi.

Għal-lum biss
- inkun hieni fiċ-ċertezza li kont maħluq biex inkun ferħan mhux biss fil-ħajja li għad trid tiġi, imma f'din ukoll.

Għal-lum biss
- nadatta ruħi għaċ-ċirkostanzi, bla ma nippretendi li ċ-ċirkostanzi jiġu adattati għal kif irrid jien
- niddedika għaxar minuti minn ħini biex noqgħod fis-silenzju ...sabiex nisma' lil Alla
- niftakar li bħalma l-ikel hu meħtieġ għall-ħajja tal-ġisem, hekk ukoll is-silenzju u s-smigħ huma meħtieġin għall-ħajja tar-ruħ.

Għal-lum biss
- nagħmel att ta' ġenerożità... u ma ngħid bih lil ħadd.

Għal-lum biss
- nagħmel programm: x'aktarx ma nsegwihx eżattament... imma nagħmlu xorta waħda
- inħares lili nnifsi minn żewġ difetti : l-għaġla u l-indeċiżjoni
- nagħraf fil-fond ta' qalbi li, minkejja l-apparenzi, l-Providenza tieħu ħsiebi aktar minn kulħadd ieħor fid-dinja.

Għal-lum biss
- ma nbejjitx beżgħat fqalbi... u b'mod partikolari, ma jkollix biża' li ngawdi dak li hu sabiħ
- ma jkollix biża' li nemmen fl-Imħabba.

***Nista' nagħmel sewwa għal tnax-il siegħa, dak li jista' jinkwetani jekk naħseb li għandi nagħmlu għal ħajti kollha.***





## *Papa Ġwanni Pawlu II*

### Ġedded id-Dinja, Mulej!

Agħtina l-għajnuna tiegħek Mulej
biex insostnu s-saltna tiegħek,
fil-ħajja personali u familjari,
fil-ħajja tan-Nazzjon,
tas-soċjetà u tal-Istat.
Begħidna mill-egoiżmu individwali.
familjari u soċjali.
Tħallix li min jiflaħ l-aktar
jiddisprezza lill-aktar dgħajjef.
Ħarisna mill-mibegħda u l-preġudizzji
ma' dawk li għandhom konvinzjonijiet diversi.
Għallimna kif nirbħu l-ħażen,
biex naraw lil ħuna
f'kull bniedem li jġib ruħu ħażin
biex qatt ma niċħdulu d-dritt għall-konverżjoni.
Għallem lil kull wieħed minna
kif jagħraf il-ħtijiet tiegħu
li ma mmorrux nibdew
il-ħidma tat-tiġdid
billi nneħħu t-tiben mill-għajn ta' ħuna.
Għallimna naraw is-sewwa
kulfejn jista jinstab;
nissel fina l-ħeġġa
biex nipproteġuh, biex insostnuh
u biex b'kuraġġ, niddefenduh.
Tħallix li jkollna sehem fil-gidba
li qiegħda tkisser id-dinja tagħna.
Agħtina l-kuraġġ li ngħixu l-verità.
Agħtina l-ħobża ta' kuljum
U bierek ħidmitna.
O Alla, Mulej u Gwida tan-nazzjonijiet!

# L-Awtorità Hi l-Liġi



Dr Alfred Grech



Nelson Mandela fil-memorji tiegħu jirrakkonta kif meta kien għadu daqsxejn ta'ġuvnott u kien jattendi l-Kulleġġ ta' Healdtown huwa kien wieħed mill-prefetti ta' dak il-kulleġġ. Wieħed mid-doveri tiegħu, kien li meta kien imissu kien joqgħod għassa bil-lejl. Billi t-*toilets* kienu separati mill-bini, ħafna mis-subien, speċjalment meta kienet tkun xi lejla ta' xita minflok jaqsmu fit-tixrib mid-dormitorju għat-*toilets* kienu jippreferu s-siġar li kien hemm taħt il-veranda. Dan kien kontra r-regolamenti u xogħol il-prefett kien li jirrapporta lil dawn l-istudenti.

Ġara li lejla waħda kienet nieżla ħafna xita u Mandela qabad xi studenti jiksru r-regoli. Iżda x'ħin kien għoddu sebaħ, ħareġ wieħed li kien prefett bħalu, u li kien qed jikser hu ukoll ir-regolamenti. Mandela jistqarr li meta nduna li dak li kien ser jirrapporta kien prefett bħalu, tħawwad. Dan l-inċident ġabu f'dilemma kbira. Fl-istudju tal-Liġi u tal-Filosofija wieħed jistaqsi "*Quis custodiet custodes?*" (min ser jgħasses lill-għassiesa?). U jekk il-prefett stess ma jobdix ir-regoli kif għandu wieħed jistenna li l-istudenti jobdu r-regoli? Fil-fatt, Mandela rraġuna, li l-prefett huwa 'l fuq mil-liġi għax hu l-ligi u għaldaqstant prefett ma għandux imur jirrapporta prefett ieħor. Imma mbagħad ħass li ma kienx sewwa li ma jirrappurtax lill-prefett u jirrapporta lill-oħrajn li kisru r-regolamenti. Għalhekk qabad u qatta' l-karta li fuqha kellu l-lista ta' dawk l-oħrajn li kien bi ħsiebu jirrapporta.

Dan l-inċident li jirrakkonta Nelson Mandela lili ġegħelni naħseb u nirrifletti wkoll u l-kwistjoni li jqajjem mhix faċilment riżolubbli. Huwa faċli ħafna li tgħid li l-Liġi hija ugwali għal kulħadd, u li kulħadd għandu jkun taħt il-liġi. Imma dan l-argument inġebbduh sal-punt li nipperikolaw l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-awtorità fiha nfisha. L-istabbiltà fil-pajjiż u f'kull soċjetà għandha bżonn l-awtorità. U kull awtorità għandha bżonn kemm ir-rispett u kemm is-sens ta' ġerarkiji. L-Awtorità ma tistrieħx biss fuq il-liġi jew ir-regolamentazzjoni imma tistrieħ l-ewwel u qabel kollox fuq is-sens ta' rispett u stabbiltà u l-ħafna sfidi lejn l-awtorità jimminaw l-istess awtorità. U mingħajr l-awtorità nipperikolaw li naqgħu fil-kaos.

Għalhekk it-tinwir u imminar tal-awtorità fis-soċjetà moderna ġabu magħhom kriżi tal-valuri, il-kriżi tar-rispett u l-kriżi fil-ġerarkiji. Qegħdin ngħixu f'soċjetà fejn ħadd għadu ma jaf fejn hu postu. Kulħadd jippretendi li għandu drittijiet, li kulħadd indaqs, li kulħadd għandu dritt jgħid, jikteb u jxandar, kulħadd għandu dritt jgħid l-opinjoni tiegħu, kulħadd għandu dritt jidher u jitkellem f'xi '*talk show*' u fl-aħħar nispiċċaw nistaqsu lilna nfusna: X'tip ta' soċjetà hi din li ngħixu fiha? Soċjetà fejn kulħadd josserva lilu nnifsu jagħmel u jgħid il-ħmerijiet. U valur ta' xejn! X'valuri għandha s-soċjeta' Maltija tal-lum? X'valuri qegħdin itambrulna l-mezzi tax-xandir barra s-sens ta' sensazzjoni, kurżità, u s-sens ta' vanità fejn dak u dik iridu jidhru sbieħ aktar minn ħaddieħor. X'valuri qegħdin jgħaddulna l-mexxejja tagħna? Anzi min verament jipprova jipprietka xi valuri veri bħalma huma l-Isqfijiet tagħna jinsabu assedjati minn kull tip ta' aggressjoni. Għax issa jidher li anke l-partiti politiċi ewlenin ittieħdu u ddakkru minn din it-tendenza lejn il-vilifikazzjoni tal-valuri. Eżempju ta' dan huwa d-dibattitu li hemm għaddej dwar il-liġi tal-għaqdiet ċivili bejn persuni ta' ġibdiet sesswali partikulari li jippretendu li bi dritt jitqiesu qishom missier u omm f'materja ta' addozzjoni. Ma kien hemm xejn aktar redikolu u aktar kontradittorju minn ċerti argumenti li smajna fuq il-mezzi tax-xandir imma, alla jbierek, issa kulħadd għandu dritt li joqgħod ixandar il-ħmerijiet u l-kontradizzjoni, u mhux biss il-preferenzi sesswali iżda wkoll, xi minn daqqiet, il-perversjonijiet. It-tinwir u l-imminar tal-awtorità f'dal-pajjiż sar ukoll mill-forzi tal-ordni pubbliku bil-barka tal-awtorità li taħthom jaqgħu. Il-ħażin hu dejjem ħażin u anke l-persuni fl-awtorità li



jiżbaljaw m'għandhomx jgħadduha lixxa. Imma meta tibda taqta' l-irjus bl-addoċċ u jiddgħajfu l-istituzzjonijiet, wieħed jista' jibqa' ċert li ser ikun hemm kriżi fl-awtorità? Għaliex pereżempju f'dal-pajjiż jista' jkun hemm ċertu nuqqas ta' rispett dovut lejn il-ġudikatura? Għaliex xi membri tagħha ma ġabux ruħhom sew, jew għaliex ċerti każijiet fejn ġara dan ma ġewx amministrati sew? Tgħid qegħdin nagħtu wisq '*mano libera*' lill-ġurnalisti li jxandru li jridu u kif iridu mingħajr kontabbiltà? Iħammġu u jitfgħu it-tajn li jeħel u ma jmur qatt? Isallbu u jikkundannaw lil dak li jkun mingħajr lanqas biss ma jkun għadu misjub ħati.

Din tal-ġurnalisti hija theddida serja! Għaliex il-pressjoni jħossha kull ġudikant li ma jitħalliex jiddeċiedi fis-serenità, u kull min qiegħed fl-awtorità meta ma jitħalliex jamministra fil-kwiet tal-kuxjenza tiegħu mingħajr il-biża li kull pass li jieħu jista' jiġi interpretat minn min qajla jifhem. Isib ruħu fil-paġna ta' quddiem tal-ġurnali jew '*headline news*' fil-bullettin tal-aħbarijiet. Libertà ġurnalistika kemm trid u libertà ta' xandir, imma ta' min jieqaf jistaqsi jekk aħniex sejrin il-bogħod wisq u qed nittarrfu... u ser niġġarrfu!

Dan biex ma nsemmux ukoll l-hekk imsejħa investigaturi. Kemm aħna moħħna mistrieħ li f'dak li ngħidu bejnietna, fuq it-telfon u fuq l-internet mhux qed jiġi sorveljat? Tgħiduli: min mhu qed jagħmel xejn ħażin m'għandux minn xiex jibża'. M'għandu x'jaqsam xejn, u fuq dan il-punt ma jidhirlix li għandi għalfejn intawwal.

L-imminar u t-tinwir tal-awtorità, kull awtorità, hu ħażin u jġib in-nuqqas ta' rispett u t-taħwid. Ħadd ma jibqa' jaf postu fejn hu. Iżda mill-banda l-oħra, l-awtorità trid ukoll tinżamm fuq il-pedestall tagħha fin-niċċa, biex ngħid hekk, u ma titħalliex twessa' l-influwenza tagħha lil hinn minn dik in-niċċa. U biex niftiehem sewwa wieħed irid joqgħod attent ukoll li ma jħallatx l-awtorità mal-poter. Awtorità u poter mhumiex l-istess ħaġa. L-awtorita' mhix ċensurabbli. Pereżempju għandhom raġun l-Ingliżi jemmnu li ma tistax ittella' u tħarrek lir-Reġina l-Qorti. Għaliex il-Qrati Ingliżi huma tar-Regina: *Her Majesty's Courts*. U allura minn hemm ħareġ il-korollarju li r-Re jew ir-Reġina ma jistgħu jagħmlu xejn ħażin. Il-prinċipju "*The King can do no wrong*" huwa wieħed mill-prinċipji tal-kostituzzjoni (mhix miktuba) Ingliża.

L-awtorità, bħal poter, u bħal legittimità għandha l-paradossi u l-kuntradizzjonijiet tagħha. Imma noqogħdu attenti li ma mmorrux naħsbu li sejrin insolvu dawn il-paradossi u dawn il-kuntradizzjonijiet billi nivvintaw mill-ġdid ir-rota u nirrepetu aforiżmi faċli bħal meta ngħidu: "Kulħadd ugwali quddiem il-liġi" jew "m'hemm ħadd 'il fuq mil-Liġi!" Nelson Mandela kellu raġun: il-prefett hu 'il fuq mil-liġi u l-prefett huwa l-liġi.

Magie de Beauté
☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Relaxing & Sport Massages ☆ Body Treatments ☆
Irina Xerri
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.
Zewwieqa Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568



# dun MIKIEL ATTARD

## Dun Mikiel u l-Missjoni



**Emily Muscat**

Fl-ordinazzjoni, Dun Mikiel iddeċieda li jkun ta' Ġesù kollu kemm hu u għalhekk, matul is-saċerdozju tiegħu, huwa kiber fl-intimità miegħu sa ma wasal biex seta' jgħid: ***Kristu jgħix fija u jiena ngħix fih!*** L-imħabba tiegħu lejn Ġesù kellha dimensjoni tal-Knisja universali. Kemm kien jitlob u jħeġġiġna ngħiduh bil-qalb il-kliem tal-Innu Ewkaristiku "Nadurawk ja Ħobż tas-Sema... ***Jalla d-dinja tagħraf tħobbok !"***

Din l-imħabba li kellu lejn il-Knisja missjunarja ġiet murija b'mod qawwi fl-inizjattiva li ħa sabiex jitwaqqaf il-Grupp Missjunarju Għawdxi u meta għażel bħala motto: ***"Ħobb lil Ġesù u għ****in lill-oħrajn iħobbuh ukoll!"* Iżda huwa kien jagħmel enfasi wkoll li kullimkien, anki f'pajjiżna, nistgħu nkunu missjunarji bix-xhieda awtentika tal-imħabba li nġorru f'qalbna lejn Ġesù.

Permezz tal-Grupp Missjunarju Għawdxi huwa offra opportunità lil-lajċi sabiex iwettqu esperjenzi missjunarji – kemm dawk qosra, kif ukoll għal sena jew aktar – esperjenzi li fil-maġġoranza tagħhom huwa kien ikun preżenti. Fil-fatt, mill-1982, is-sena tat-twaqqif tal-grupp, il-btala tiegħu tas-sajf kienet tkun f'pajjiż missjunarju, sabiex jgħin u jagħmel kuraġġ lill-missjunarji Għawdixn. Pajjiżi li wettaq esperjenza missjunarja fihom kienu l-Kenja - biex iżur lill-patrijiet Kapuċċini, l-Etjopja - biex iżur lis-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, il-Pakistan - biex iżur lill-patrijiet tal-MSSP u s-sorijiet Dumnikani, l-Indja - biex iżur lill-Ġiżwiti u l-Missjunarji tal-Karità tal-Beata Madre Teresa ta' Kalkutta, il-Perù - biex iżur lill-patrijiet tal-MSSP u lil Dun Raymond Portelli, il-Brażil - biex iżur lil Dun Ġorġ Grima, lil Dun Ġanmarija Cauchi u lil Dun Josè Galea, u Tunis - biex iżur lis-Salesjani. Kemm kienet tkun ta' konsolazzjoni għalih meta l-missjunarji Għawdxin kienu tant jifirħu biż-żjara tagħna. Infatti, waqt esperjenza minnhom, Fr. Hilary Abela OFM Cap. stqarr: "M'għandix għalfejn niġi Malta għall-vaganza għax il-mawra tagħkom kienet btala mill-aqwa għalija!"



*Dun Mikiel ma' xi tfal fil-missjoni*

Sa minn qabel ma kien jitlaq għal esperjenza missjunarja, u tul iż-żjara kollha, u sa lejliet il-Ġurnata Missjunarja li taħbat f'Ottubru (normalment hu kien isiefer fix-xahar ta' Lulju), Dun Mikiel ma kienx iqaxxar il-leħja. Dan kien jagħmlu biex, kif kien iħobb jgħidli biex nitgħallem, ikun sagrifiċċju moħbi ta' tingiż u ħakk u mezz ta' umiltà, għax ġieli kien ikun mgħajjar li kien iżomm ruħu maħmuġ, minħabba s-sagrifiċċji li kien jagħmel. Konna nidħku mhux ftit meta, l-ewwel darba li ħalla l-leħja titwal, konna narawh iqaxxar il-leħja ta' rġiel anzjani fid-dar tas-Sorijiet tal-Karità ġewwa Najrobi. Saħansitra missieru ġie li qallu: "Mikiel, in-nies jagħmlu minn kollox biex jidhru aħjar u inti tagħmel bil-maqlub!" Dan kien jagħmlu kollu għal Ġesù li, kif kien iħobb isejjaħlu Dun Mikiel, kien l-ewwel Missjunarju. Kien iħobb itenni: "Min jaf Ġesù kemm kien ikun maħmuġ waqt il-mixi tiegħu fl-evanġelizzazzjoni!". Waqtiet oħra kien jgħidli: "Dan huwa ftit tingiż mill-kuruna tax-xewk ta' Ġesù." Kien iħobb jgħid ukoll: "Hemm f'kull qatra ilma l-istess ilma tal-oċean, f'kull ġamra l-istess nar li hemm fix-xemx, f'kull bniedem l-istess Ġesù!"

L-imħabba tiegħu lejn il-missjoni Dun Mikiel riedha tilħaq ukoll lill-parroċċi ta' Għawdex billi ħeġġeg lill-membri tal-Grupp Missjunarju Għawdxi jorganizzaw adorazzjonijiet missjunarji bl-iskop li jikber fil-lajċi aktar għarfien u komunjoni mal-Knisja Missjunarja. Dawn il-mumenti għadhom isiru sal-lum. Fil-bidu ta' dan il-ħin quddiem Ġesù Sagramentat jingħata tagħrif fuq l-iskop tat-twaqqif tal-Grupp sabiex aktar lajċi jrawmu fihom interess u mħabba lejn il-kawża missjunarja. Fil-ħin tal-adorazzjoni jsiru interventi minn persuni li jkunu diġà għamlu xi esperjenza missjunarja mal-Grupp. Ġie li anki jintwerew *slides* meħudin waqt l-istess esperjenza. L-adorazzjoni tagħlaq b'talb għall-missjoni. Dun Mikiel ħaseb ukoll



*Dun Mikiel mal-Grupp Missjunarju Għawdxi*

biex isiru animazzjonijiet missjunarji f'diversi ċentri taż-żgħażagħ. It-talba ta' Sidna Ġesù Kristu: "Itolbu lil Sid il-ħsad sabiex jibgħat aktar ħaddiema fl-għalqa tiegħu" kienet tidwi f'qalbu u fi kliemu. Fil-fatt, fit-talba tal-Grupp li ġiet ifformulata bil-barka tiegħu, il-Mulej jiġi mitlub sabiex iqanqal aktar żgħażagħ jagħtu s-sehem tagħhom fil-ħidma għat-tixrid tas-Saltna ta' Alla.

Il-Ġurnata Missjunarja u t-tħejjija għaliha kien żmien għażiż għalih. Flimkien mal-Grupp kienet tiġi organizzata Quddiesa fis-Seminarju fil-Ġurnata Missjunarja li għaliha kienu jiġu mistiedna l-qraba tal-missjunarji ħajjin u anki ta' dawk li diġà qegħdin fi ħdan il-Missier. Dun Mikiel kien jixtieq li dawn il-qraba jġibu magħhom ritratt tal-missjunarju tagħhom. Dawn kienu jittellgħu waqt l-offertorju u jitpoġġew taħt l-altar. Din għadha ssir sal-lum ukoll. Kienet issir ukoll adorazzjoni missjunarja miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ, kif ukoll attività fil-beraħ b'kant u esperjenzi missjunarji - anki bi slides - u *exhibition* b'tema missjunarja fis-Santwarju Ta' Pinu.

Għalkemm kien marid bl-ażma, Dun Mikiel ma ħalliex din il-ħaġa tikkundizzjona l-ħeġġa li kellu li jżur lil ħutu missjunarji. Kien jieħu bil-qalb id-diversi tilqim bil-possibbiltà kbira li jbati *s-side effects* tagħhom u għalhekk nistgħu verament ngħidu li kull esperjenza li għamel swietlu tbatija kbira personali – meta nikkonsidraw li, kif għedna, kien isofri bl-ażma. Meta kien ikun fil-missjoni, kemm kien jifraħ jilgħab mat-tfal bil-ballun, jagħtihom il-ħelu, ijbierek lill-morda, joħroġ purċissjoni bis-Sagrament fit-toroq tal-post u anke meta kien jamministra s-sagramenti. Darba għammed raġel ta' mitt sena. Għadni niftakru jgħid: "Dan seraq il-ġenna!" Kull fejn kien fil-missjoni dejjem żar lill-Isqof tal-post u lis-Seminarju fejn kien jaqsam mas-seminaristi l-esperjenzi tiegħu personali. Mhux ta' b'xejn li l-fqar kienu jgħajtulu "El Santo" (il-Qaddis) għax bi kliemu, b'għemilu u *bil-body language* tiegħu kien jagħti lil Ġesù! Darba minnhom, x'ħin irritorna Għawdex wara l-esperjenza missjunarja, wieħed saċerdot staqsieh b'ċajta: "Kemm ikkonvertejt nies?" Dun Mikiel dlonk wieġbu: "Wieħed ikkonvertejt, li huwa jien !"

Dun Mikiel, bħall-qaddisin kollha, ma setax iżomm lil Ġesù għalih waħdu. Huwa ried jaqsam imħabbtu għal Kristu anki barra minn xtutna. Għajnejh kienu jiddu bil-ferħ meta kien jgħidilna li Ġesù Ewkaristija huwa l-istess wieħed, sewwa jekk qiegħed ġewwa katridral u sewwa jekk ġewwa għarix tal-missjoni! L-istess nistgħu ngħidu għal kif Dun Mikiel kien iħares lejn il-proxxmu, b'enfasi speċjali lejn il-foqra. Kliem San Ġorġ Preca żgur li kien stampat f'qalbu: "Jekk trid tibgħat xi ħaġa lil Ġesù, ibgħatha mal-proxxmu !" F'kull persuna kien jara lil Ġesù, u aktar ma l-persuna tkun nieqsa mill-ħwejjeg bażiċi, aktar kien jagħtiha l-aqwa trattament. Ir-riflessjoni ta' San Benedittu, li kien ta' spiss itenni, saret l-ispirazzjoni tal-ħidma saċerdotali u missjunarja li wettaq: *"Ogni uomo, il maggior sacramento di Dio, è come una pisside consacrata, nel cui interno è nascosto Gesù, Redentore dell'uomo. Per questo, ogni uomo è degno di essere trattato con grande onore, con grande rispetto, con grande dignità."* ("Kull bniedem, l-akbar sagrament ta' Alla, huwa bħal pissidi kkonsagrat, li ġo fih hemm moħbi Ġesù, Redentur tal-bniedem. Għalhekk kull bniedem jistħoqqlu li jkun ittrattat bl-akbar unur, b'rispett kbir, b'dinjità kbira.")

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu bit-Talba tal-Grupp Missjunarju Għawdxi mwaqqaf minn Dun Mikiel:

**O Ġesù, Feddej tal-bnedmin, li għażilt it-triq tat-tbatija u l-mewt tas-Salib biex issalva l- erwieħ, agħtina li nifhmu sewwa kemm hi prezzjuża r-ruħ tal-bniedem. Agħmel li aħna jkollna l-istess xewqa tiegħek li l-bnedmin kollha jagħrfu s-sewwa u jimxu fid-dawl tal-Vanġelu Mqaddes. Inti stess widdibtna sabiex nitolbu lil Sid il-ħsad ħalli jibgħat ħaddiema fl-għalqa tal-ħsad tiegħu; aħna nitolbuk tqanqal fina u fiż-żgħażagħ Insara l-ispirtu missjunarju u l-ħeġġa sabiex nagħtu s-sehem tagħna fil-ħidma għat-tixrid ta' saltnatek imwettqa mill-Knisja tiegħek. Ammen.**

**Din is-serje ta' artikli qed tiġi ppubblikata mill-Postulazzjoni għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard bil-għan li dan il-Qaddej ta' Alla jsir aktar magħruf fost il-poplu ta' Alla.**

# Tliet tipi ta' Faqar

*Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa Franġisku għar-Randan 2014*

*riflessjonijiet miġbura mill-*
**Arċipriet C. Mercieca**

***Fuq l-eżempju ta' Kristu, is-Samaritan it-Tajjeb, nuru ħniena, magħdrija u solidarjetà mal-foqra ta' żmienna.***

"Kristu li għad li kien għani ftaqar minħabba fikom, sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu."

(2Kor. 8,9)

## 1 IL-FAQAR MATERJALI

- Dawk li jgħixu f'kundizzjonijiet li ma jixirqu lid-dinjità tal-bniedem
- Dawk li huma mċaħħda mid-drittijiet u mill-ħtiġijiet basiċi: l-ikel, ix-xorb, l-iġjene, ix-xogħol u l-opportunitajiet biex jistgħu jiżviluppaw u jikbru kulturalment.

### It-tweġiba quddiem dan il-faqar materjali

- Il-Knisja toffri l-għajnuna tagħha permezz tal-ministeru tad-djakni biex tilqa' għal dawn il-ħtiġijiet u ddewwi l-ġrieħi li jisfiguraw il-wiċċ tal-umanità.
- Fil-fqir u fl-imwarrab aħna naraw il-wiċċ ta' Kristu
- Meta nħobbu u ngħinu lill-foqra, aħna nkunu nħobbu u naqdu lil Kristu nnifsu.



### Għandna nagħmlu kull sforz biex intemmu

- il-ksur tad-drittijiet umani
- id-diskriminazzjoni
- u l-abbużi fid-dinja.

Dawn huma spiss il-kaġun tal-faqar materjali.

### Konverżjoni

- Meta l-poter, il-lussu, il-flus isiru idoli tagħna, **ma nibqgħux inħossu il-ħtieġa** li jsir tqassim ġust tal-ġid u l-għana tad-dinja. **Għalhekk il-kuxjenza tagħna jeħtieġ li tikkonverti** u nfittxu l-ġustizzja, l-ugwaljanza, is-sempliċità, biex nitgħallmu naqsmu mal-oħrajn.

## 2 IL-FAQAR MORALI

Minbarra l-faqar materjali, hemm il-faqar morali.

Il-faqar morali jikkonsisti f'li wieħed jsir ilsir tal-vizzji jew ilsir tad-dnub.

X'weġgħa għall-familji, meta xi membru tal-familja, ġeneralment ikun għadu żugħżugħ, isir ilsir tal-alkoll, tad-droga, tal-logħob għall-flus, tal-pornografija.

- kemm hawn nies li ma baqgħalhomx skop fil-ħajja
- ma fadlilhomx prospetti għall-futur
- kemm nies tilfu t-tama
- kemm nies huma mgħaddsin f'dan il-faqar
    - i. minħabba nuqqas ta' kundizjonijiet soċjali
    - ii. minħabba nuqqas ta' xogħol u għaldaqstant iħossuhom neqsin
    - iii. mid-dinjità tagħhom bħala *breadwinners*
    - iv. minħabba li m'għandhomx aċċess għall-edukazzjoni u għall-
    - v. kura tas-saħħa.

### F'dawn il-Każijiet

Il-faqar morali jista' jitqies bħala suwiċidju imminenti.

Dan il-faqar jikkaġuna rovina finanzjarja.



## 3 FAQAR SPIRITWALI

Il-faqar morali huwa immankabilment marbut mal-faqar spiritwali.

X'inhu l-faqar spiritwali?

**Meta nitbiegħdu minn Alla**
**u nirrifjutaw imħabbtu.**

Jekkk fettlilna naħsbu li m'għandniex bżonn ta' Alla, għax mingħalina kapaċi nfendu għal rasna, aħna nkunu qbadna r-retta 'l isfel lejn ir-rovina.

### Ir-rimedju

Ir-rimedju kontra dan it-tip ta' faqar huwa l-Vanġelu.

Bħala nsara, aħna msejħin biex inxandru **l-Aħbar it-tajba li ssalva.**

### Liema hi din l-Aħbar it-Tajba tal-Vanġelu?

- li l-maħfra għad-dnubiet li nkunu wettaqna hija possibbli.
- li Alla huwa akbar mid-dnubiet tagħna.
- li Alla jħobbna l-ħin kollu u ma jistenna xejn lura.
- li aħna maħluqin għall-ħajja eterna.

Il-Mulej jitlob minnna li nkunu ħabbara ta' dan il-messaġġ ta' ħniena u tama.

## 4 APPELL GĦAR-RANDAN

Hija ħaġa mill-isbaħ

- li tħoss il-ferħ li xxerred din l-aħbar it-tajba,
- li taqsam dan it-tesor tal-fidi li Alla fdalna d'idejna,
- **li tfarraġ il-qlub maqsuma,**
- **li toffri tama lil ħutna li għaddejjin minn żmien ta' dlam f'ħajjithom.**

### Nimitaw lil Ġesù

Li kien ifittex lill-foqra u lill-midinbin bħal ragħaj ifittex in-nagħġa l-mitlufa.

### F'dan ir-Randan

Jalla f'dan ir-Randan inxandru l-messaġġ Evanġeliku tal-Ħniena ta' Alla l-Missier li hu lest li jgħannaq lil kull wieħed u waħda minna fi Kristu.

Lil dawn li qed jgħixu fil-faqar materjali, morali u spiritwali, aħna jirnexxielna nxandru l-messaġġ tal-Hniena t'Alla, daqs kemm aħna nimitaw lil Kristu li sar fqir biex lilna jagħnina bil-faqar Tiegħu.

### Żmien ta' ċaħda

**Ir-Randan huwa żmien tajjeb biex niċċaħdu.**

### Insaqsu lilna nfusna

- Minn xiex nista' niċċaħħad biex nagħni lill-oħrajn bil-faqar tiegħi?

M'hemmx vera ċaħda tiegħi nnifsi

- jekk ma tiswielix sagrifiċċju.

## Riżoluzzjoni għar-Randan

- Inkabbru l-interess u r-responsabbiltà quddiem il-faqar tal-bniedem, sabiex
- Insiru nies ta' qalb ħanina
- U nittrattaw lill-oħrajn bil-Ħniena.

# Ittra mingħand il-Klarissi

Għeżież familji, ħbieb u benefatturi,

Fl-aħħar tas-sena aħna s-Sorijiet Klarissi, kull fejn ninsabu, inħobbu nagħtu ħarsa lejn il-ġrajjiet li nkunu għexna matul ix-xhur l-imgħoddija u naqsmuhom bejnietna mxerrdin mad-dinja u mal-ħbieb tagħna. X'ħin inħarsu lejn il-mixja tagħna qisna qed naraw qawsalla ta' kuluri marbutin flimkien bl-imħabba u l-fedeltà tal-Mulej – l-Għimmanuel – Alla Magħna. Jum wara jum, Huwa jurina l-Preżenza tiegħu fil-ħajja tagħna ta' kuljum, anki fid-dettalji żgħar.

Jekk fl-ewwel sena tal-fondazzjoni tagħna ġewwa Għawdex, l-aċċent kien iktar fuq il-bini strutturali, din it-tieni sena kienet iktar waħda ta' bini spiritwali tal-fraternita' tagħna permezz tal-ġrajjiet sempliċi ta' kuljum. Kapitlu ġdid inbeda fl-istorja tagħna b'tibdila fis-Sorijiet tal-komunità għaliex Sr Chiara Benedicta marret lura fil-Monasteru ta' Malta biex tkompli l-formazzjoni tagħha hemm.



**In-nies li jissieħbu magħna għat-talb, kemm għall-kant tas-Salmi kif ukoll għall-Adorazzjoni, jagħmlulna ħafna kuraġġ. Qegħdin naraw li din l-esperjenza ta' oasi ta' talb bi preżenza permanenti ta' persuni ddedikati għall-ħajja tat-talb hija apprezzata ħafna. Minħabba li ninsabu bieb ma' bieb mad-Dar tal-Irtiri tal-patrijiet Ġiżwiti, 'Manresa', jkollna diversi persuni, anki barranin, li filwaqt li jkunu jagħmlu l-irtir jiġu wkoll jitolbu magħna. Ilu ftit kien hemm tliet gruppi kbar ta' saċerdoti li għamlu l-irtir f'Manresa. Kienet esperjenza tassew kommoventi għalina li narawhom kollha ġejjin fil-kappella ċkejkna tagħna biex flimkien inkantaw l-Għasar. Esperjenzi bħal dawn jagħmluna dejjem iżjed konxji tal-vokazzjoni tagħna ta' talb fil-qalba tal-Knisja u tar-responsabbiltà li għandna li nwieżnu lil ħutna bit-talb.**

Inroddu ħajr lill-Mulej għal dawk kollha li għenuna u għamlulna kuraġġ f'din it-tieni sena tagħna f'Għawdex. Il-ġenerożità u l-imħabba kreattiva ta' dawk ta' madwarna hija tassew tal-għaġeb. Darba waħda konna ġejjin lura minn Malta filgħaxija wara laqgħa. Kif wasalna jċempel il-bieb u nsibu quddiemna waħda mill-ġirien tagħna b'borma soppa tfuħ. Ħasbitilna biex ikollna xi ħaġa lesta għal filgħaxija. Xi ħlew! Rajnieha anġlu! Il-Mulej hu ħaj tassew u jkompli jakkumpanjana bil-providenza tiegħu. Darb' oħra kellna bżonn nixtru xi ħaġa għall-kċina. Ordnajniha u waslet flimkien mal-kont. Ma laħqitx għaddiet nofs siegħa li titfaċċa persuna u tafdalna intenzjoni għat-talb. Qabel ma telqet newlitilna envelop b'offerta. Ftaħniha u sibna l-ammont eżatt li kellna bżonn biex inħallsu dak il-kont!! Xi Providenza! Imbagħad hemm l-għażiża benefattriċi anonima li l-offerta tagħha timliena b'tant ferħ għax twasslilna l-ferħ tal-Vanġelu. Minn żmien għal żmien din tħallilna żewġ muniti żgħar mgeżwrin f'biċċa karta fil-'letterbox'. Laqqamniha 'l-armla tal-Vanġelu', li tant faħħar Ġesù.

Flimkien mal-Knisja kollha qsamna s-sorpriża tar-riżenja tal-Papa Benedittu XVI iżda ammirajna l-kuraġġ u l-umilta' tiegħu. Tlabna ħafna għalih kif ukoll għas-suċċessur tiegħu. Kemm fraħna meta smajna li l-Papa l-ġdid kien ħa l-isem ta' Franġisku. Ftit wara smajna l-aħbar li l-Papa Franġisku kien ħatar il-Ministru Ġenerali tal-Patrijiet Minuri, Fr Jose' Rodrigues Carballo OFM bħala Segretarju tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Kkonsagrata u s-Soċjetajiet ta' Ħajja Appostolika. Kellna l-privileġġ li niltaqgħu mal-Eċċellenza Tiegħu ftit wara l-ħatra tiegħu peress li diġà kien għamel il-ħsieb li jiġi Malta. Għalhekk fit-23 t'April morna Malta biex flimkien mal-'Komunità Omm' tagħna ta' San Ġiljan nilqgħu fostna lill-Mons. Jose' għal darb' oħra. Għamlilna ħafna kuraġġ bil-kliem tiegħu filwaqt li ħeġġiġna biex inkunu radikali fl-għażliet tagħna u nħarsu l-quddiem bit-tama.

Fl-aħħar ta' Ġunju kellna l-ferħ li naraw jitlesta l-ġnien ċkejken tagħna. B'ġenerożita' kbira, l-Patrijiet Ġiżwiti tawna l-użu ta' biċċa art maġenb id-dar li b'daqsxejn ta' ħajt diviżorju setgħet tinqata' għaliha b'aċċess mid-dar tagħna. Billi kellna ħafna benefatturi li għenuna b'mod jew ieħor f'dan il-proġett, xtaqna nistednuhom għaċ-ċelebrazzjoni Franġiskana ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni tat-tberik tal-ġnien mill-E.T. Mons. Mario Grech. Il-ġnien huwa barka kbira għalina u joffrilna ftit spazju fejn flimkien ma' Franġisku u Klara nistgħu nfaħħru l-Ħallieq fin-natura.

Ir-rabtiet fraterni tagħna mal-'Komunità Omm' ta' San Ġiljan baqgħu qawwija. Ikun hemm mumenti ta' laqgħat fejn ningħaqdu flimkien. Wieħed minn dawn il-mumenti kien il-Kapitlu tal-Elezzjonijiet f'Lulju. Il-komunità kollha nġabret biex fi spirtu ta' talb u riflessjoni tisma' l-leħen tal-Ispirtu u fid-dawl tiegħu tagħżel il-Madre tal-komunità flimkien ma' dawk li ser jgħinuha mill-qrib tul it-tliet snin li ġejjin. Ir-rieda t'Alla kienet li għat-tliet snin li ġejjin tkompli tmexxina Madre Rose Therese Ellis.



Kellna wkoll il-ferħ ta' żewġ Professjonijiet Solenni fil-komunità l-kbira. Għal dawn l-okkażjonijiet ingħaqqadna ma' ħutna s-sorijiet ġewwa San Ġiljan u fraħna bl-'Iva' ta' Sr Elizabeth Clare u Sr Maria Dolores li aċċettaw li jħallu kollox biex jingħataw b'mod sħiħ lill-Mulej. Nitolbu sabiex ikompli jkollna żgħażagħ ġenerużi li lesti jirriskjaw kollox għall-Mulej.

Ta' min isemmi wkoll xi żjajjar speċjali li kellna matul din is-sena. Ħutna l-Isqfijiet Franġiskani Mons. Joe Bonello OFM u Mons. Robert Camilleri OFM mill-Honduras u Mons. Joe Alessandro OFMCap mill-Kenya għaddew sa għandna. Filwaqt li qasmu magħna l-ferħ u l-isfidi tal-ħajja missjunarja talbuna biex inkomplu nżommuhom fit-talb tagħna. Lejliet iċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana tal-Griżma tal-Isqof quddiem is-Santwarju Ta' Pinu rċevejna telefonata b'aħbar sabiħa. L-Ecc. T. Mons. Mario Grech staqsiena jistax jiġi jarana n-Nunzju Appostoliku qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma. Kemm fraħna bih! Konna għadna qatt ma' ltqajna miegħu. Ħadna ħafna gost nisimgħuh speċjalment meta beda jitkellem fuq il-Papa Franġisku. Kellna okkażjoni oħra li nisimgħu aħbarijiet dwar il-Papa Franġisku meta żarna Mons. Alfred Xuereb, is-segretarju tiegħu. Dan qasam magħna diversi ġrajjiet li fihom spikkaw l-umanita' tal-Papa u l-għażla preferenzjali tiegħu għall-foqra, flimkien



max-xewqa tiegħu li jgħix l-ispirtu Franġiskan ta' faqar u sempliċita'.

Fil-bidu tan-Novena tal-Immakulata, Patruna tal-Ordni Franġiskan, Oħtna l-Mewt ġiet iżżur il-komunità tagħna ġewwa San Ġiljan. L-għażiża Madre Marija Immakulata Bellizzi ttajret lejn is-sema fit-30 ta' Novembru, propju f'dawn il-ġranet sbieħ tan-Novena tal-Immakulata li tant kienet tħobb, fl-eta' ta' 94 sena. Minn dawn, 63 minnhom għexithom bħala soru Klarissa, f'għotja sħiħa lill-Mulej u lil ħutha s-sorijiet. Għal 19-il sena hija kienet il-madre tal-komunità u mexxitha b'għaqal u għerf kbir fiż-żminijiet ta' tibdil li ġab miegħu il-Konċilju Vatikan II.



It-tmiem tas-sena 2013 kienet ukoll il-bidu ta' sena speċjali għalina:- sena li fiha qegħdin inroddu ħajr lil Alla għall-mitt sena minn mindu waslu l-ewwel Klarissi Malta fl-1914. Fid-9 ta' Diċembru, flimkien mal-komunità ta' San Ġiljan iċċelebrajna l-ftuħ taċ-ċentinarju b'Quddiesa ta' radd il-ħajr immexxija mill-E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P..

Matul is-sena ngħaqqadna fit-talb ma' tant vittmi ta' sitwazzjonijiet traġiċi u ta' swied il-qalb – vittmi ta' vjolenza, gwerer, diżastri naturali u dawk kawżati mill-bnedmin. Inkomplu nitolbu l-Prinċep tal-paċi biex ibierek id-dinja tagħna bid-don tal-Paċi tiegħu, paċi fil-qlub tagħna, paċi fil-familji tagħna u paċi f'kull rokna tad-dinja. Inkomplu nitolbu għalikom u għall-familji tagħkom, għeżież benefatturi u ħbieb tagħna, filwaqt li nirringrazzjawkom għal dak kollu li tagħmlu magħna. Minn qalbna nixtiequlkom sena mimlija barkiet tal-Mulej.

*Is-Sorijiet Klarissi (Għawdex)*

A Whole New Look

***Sharmain's Styling Salon***

Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-67 Parti)*

## *IL-ĦABSIJIET TA' GĦAWDEX U XOGĦOL IL-KALZRIERA U L-GWARDJANA (2)*



**Anton F. Attard**

Skont il-*Blue Book,* il-ktieb uffiċjali ta' l-amministrazzjoni tal-Gvern fi żmien l-Ingliżi, il-ħabs il-qadim ta' Għawdex kien deskritt hekk:

Il-ħabs ta' Għawdex kien wieħed komuni.

Dwar il-kobor tiegħu sa mill-bidu kien deskritt hekk:

***There are six cells all above the ground.***

Hemm sitt ċelel, kollha 'l fuq mill-art. U dan jikkonferma li xi ħabsijiet fl-antik kienu taħt l-art, kif fil-fatt kien il-ħabs Medjuvali, il-guvi. Din id-deskrizzjoni taqbel mal-pjanta tal-ħabs il-qadim.

Jekk niflu sewwa l-pjanta tal-ħabs il-qadim, naraw li aktarx fil-bidu l-bieb ewlieni, li fih erba' armi fuqu, kien jagħti għat-triq ta' quddiem il-Qorti, illum il-Pjazza tal-Katidral, imma wara beda jintuża dak li jagħti għal Triq il-Kwartier. Quddiem il-bieb ewlieni l-antik kien inbidel f'bitħa (E), l-intrata nbidlet f'kamra (C), u l-pjanta turina wkoll sitt ċelel u mhux erbgħa (D). Madwar iċ-ċelel hemm bitħa kbira jew kuridur (B). Id-dħul għall-ħabs huwa mmarkat bl-ittra (A) minn Triq il-Kwartier. Il-ħabs fil-bidu kellu sular wieħed.

Hawn ta' min igħid li l-arma ta' isfel fuq il-bieb ewlieni l-antik kienet l-arma tal-*Universitas* jew Gvern Lokali ta' Għawdex, u minn fuq il-parti mmarkata (E), fi żmien il-Kavalieri kienu jinqraw il-bandi li kien joħroġ il-Gvern. L-intrata (C) inbidlet f'kamra biex isservi ta' taqsima jew ċella komuni. Għalhekk il-bieb ta' barra dak iż-żmien kien imbarrat bil-ġebel u sar il-bieb l-ieħor ta' Triq il-Kwartier. Xi żmien wara, din l-istess kamra nqasmet fi tnejn. Fuq dawn is-sitt ċelel, inbnew ċelel oħra fuq, li wara saru jiffurmaw parti mill-bini tal-Qorti.

Il-bibien tas-sitt ċelel tal-ħabs il-qadim huma pjuttost baxxi u għandhom bibien ħoxnin tal-injam b'sokor oħxon tal-ħadid u fihom it-trapna, jiġifieri dik it-tieqa żgħira n-naħa ta' fuq minfejn il-gwardjan jagħti l-ikel u l-ilma lil priġunier maqful hemm ġew. Dawn il-bibien għadhom jeżistu u wieħed jista' jarahom f'dan il-mużew, għax il-Ħabs il-Qadim illum jinsab mibdul f'mużew.

Il-ħitan taċ-ċelel u tal-kuriduri tal-Ħabs il-Qadim huma mimlijin graffiti jew tpinġijiet imħażża mill-priġunieri fil-ġebel tal-franka matul iż-żmien. Insibuhom saħansitra mħażża fiċ-ċangaturi tal-art. Fil-Ħabs il-Qadim ta' Għawdex, infatti, insibu l-akbar ġabra ta' graffiti f'post wieħed fil-gżejjer Maltin. Fost dawn il-graffiti nsibu mriekeb tal-baħar minn żminijiet differenti, idejn, slaleb varji u ta' suriet differenti, bnadar, ismijiet, dati, logħbiet, xi stilla ta' David, stilla bi tmien ponot, kalendarji, xbihat, u fl-art marki tas-saqajn u tal-idejn. Insibu wkoll xi talja 'l hawn u 'l hemm magħmula mill-priġunier biex ma jitlifx is-sens taż-żmien tul il-qagħda tiegħu l-ħabs. L-eqdem data fuq graffit hija dik tal-1638.

Għal ħafna żmien dawn il-graffiti kienu mgħottijin bil-ġir tat-tibjid u reġgħu nkixfu meta l-bini ħabs reġa' ġie riabilitat biex iservi bħala mużew tat-torrijiet u s-sistemi ta' diviża tal-gżira Għawdxija.[16]

Meta kien qiegħed isir ir-restawr biex il-Ħabs il-Qadim jinbidel f'Mużew jingħad li nstabu pedamenti ta' bini eqdem li kien jinsab fl-istess post. Imma dan ma jfissirx li bilfors kienu ta' xi ħabs ieħor eqdem.

Il-Ħabs il-Qadim baqa' jintuża għal bosta żmien fis-seklu 19 u dan jista' jiġi kkonfermat ukoll minn graffiti ta' ismijiet bl-Ingliż li nstabu f'dan il-ħabs.[17]

### L-aħħar nies li għamlu użu mid-dritt tal-Immunità Ekkleżjastika

Dari kien hawn l-Immunità Ekkleżjastika, jiġifieri, dawk il-kriminali li kienu jagħmlu xi delitt, jew reat kriminali serju ieħor, kienu jmorru jieħdu kenn fil-knejjes, u hemmhekk "id-drieġħ lajkali" ma kienx jista' għalihom, jiġifieri l-iżbirri tal-Istat ma kinux jistgħu jmorru jarrestawhom. Minħabba ħafna abbużi li kienu qegħdin isiru, dan id-dritt tal-immunità kien ġie ristrett ħafna,

jiġifieri tneħħa parzjalment, fi żmien il-Gran Mastru Pinto fis-sena 1761 u għalhekk fuq il-faċċati ta' xi knejjes tal-kampanja għadna nsibu rħama bil-kliem **Non Gode l'Immunita' Ecclesiastica**. Fir-Rabat, barra l-Knisja Matriċi, il-Parroċċa ta' San Ġorġ u l-Knejjes tal-Kunventi, l-immunita' tneħħiet mill-knejjes l-oħra kollha f'dik id-data, jew aħjar l-1 ta' Ġunju, 1761. Fil-każ tal-Lunzjata u l-knisja tal-Patroċinju tal-Għasri, l-irħama **"Non Gode..."** għadha teżisti sal-lum.[18]

## Jaħarbu mill-ħabs u jmorru jfittxu kenn fil-Knisja Matriċi

Fl-24 ta' Mejju, 1819, ħames priġunieri fil-Ħabs il-Qadim tal-Kastell, jiġifieri Franġisk Cardona, Anġlu u Kelinu Said, Ġużepp Mizzi u Gio Marija Manueli, erba' minnhom akkużati f'feriment u ieħor bi ksur tal-*Precetto di Notte,* jiġifieri kiser l-ordni tal-Qorti li ma setax joħroġ bil-lejl, ħarbu mill-ħabs u marru jfittxu kenn fil-Knisja Matriċi.

Minħabba li fil-ħabs fejn kienu msakkrin ma kienx hemm bitħa kienu qalgħu permess biex joħorġu sagħtejn barra għal ftit eżerċizzji mgħassin mill-Kalzrier u Suldat, is-Sentinella tas-Sur. Iżda ġara li darba minnhom il-Kalzrier warrab ftit għal xi faċenda u dawn ħarbulu u marru jistkennu fil-Matriċi li kienet tinsab biss ftit jardi bogħod.

Normalment, f'każi bħal dawn l-awtoritajiet ċivili kienu jitkellmu mal-Isqof biex jipprova jikkonvinċihom ħalli jċedu u jagħtu ruħhom f'idejn l-awtoritajiet tal-ħabs. Iżda dawn ċedew biss ftit sigħat wara l-ħarba, meta ndunaw li l-Kalzrier seta' jitlef ħobżu, u billi dan kien iġib ruħu tajjeb magħhom, ma ridux ikunu kawża huma li jitlef ħobżu wara tletin sena servizz.

Kien verament każ tal-ġid jitpatta bil-ġid, u juri li l-priġunieri ma jkunux ħżiena għal kollox imma jafu jkunu qalbhom tajba wkoll.

Dan aktarx kien l-aħħar każ, almenu f'Għawdex, ta' priġunieri li fittxew li jinqdew bl-Immunita' Ekkleżjastika biex jiskansaw mill-ġustizzja mill-Istat.[19]

L-Immunita' Ekkleżjastika kienet tneħħiet għal kollox mill-Gvernatur ta' Malta, il-Maġġur Ġenerali Sir Frederick Cavendish Ponsomby (1827-1936) permezz tal-Prokalma datata 10 ta' April, 1828, bil-firma tas-Segretarju Ewlieni tal-Gvern, Fred. Hankey, u daħlet fis-seħħ immedjatament.[20]

## Is-Sur Enrico Calderone

Mal-ħatra tas-Sur Enrico Calderone bħala Kalzrier fl-4 ta' Mejju, 1872, id-deskrizzjoni tal-ħabs inbidlet hekk minkejja li l-pjanta murija baqgħet l-istess:

> ***There are four cells and three wards being very spacious and considering the limited number of persons detained in the same, no possible doubt could be entertained of the prisoners being too closely confined.***

Hemm erba' ċelel u tliet taqsimiet spazjużi ħafna u meta wieħed jikkonsidra l-għadd limitat ta' persuni li jinżammu fl-istess ħabs, wieħed m'għandu jidħollu ebda dubju li l-priġunieri kienu qegħdin jinżammu ffullati iżżejjed ma' xulxin.




*Il-Ħabs il-Qadim wara li sarulu xi tibdiliet.*

Għall-ħabta ta' nofs is-seklu 19 inbnew xi ċelel fuq dawk qodma. Għalhekk meta daħal is-Sur Calderone kellu jibdel id-deskrizzjoni tal-ħabs. minkejja li l-pjanta tal-post xorta baqgħet dik l-istess waħda, u għalkemm kienu jsiru fiha tibdiliet żgħar:

Iżda din li ġejja aktar taqbel mal-ħabs il-ġdid li kien jinsab fi Triq il-Ħabs.

> ***There are four cells and three wards, two of which wards with airing yards attached.***

Fih erba' ċelel u tliet taqsimiet, tnejn mit-taqsimiet għandhom magħhom il-btieħi għall-arja.

Dawn id-deskrizzjonijiet żgur li ma jistgħux jaqblu mal-pjanta kif murija tal-ħabs il-qadim. Għalhekk nassumu li dawn huma l-ewwel deskrizzjonijiet tal-ħabs il-ġdid minkejja li kienu akkumpanjati mill-pjanta tal-ħabs il-qadim.

*(jissokta)*

**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**

*Ħamsa u għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*



**GREZZJU BONELLO**

*Iest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

# Il-150 Anniversarju tad-Djoċesi



**Anton Tabone**
*anton.tabone@onvol.net*

**Din is-sena 2014 taħbat il-150 anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija u għalhekk huwa xieraq mument ta' riflessjoni fuq din il-ġrajja storika għal Għawdex u għall-Għawdxin, kif ukoll għal pajjiż kollu. Hija riflessjoni obbligata minn naħa tagħna l-Għawdxin li nieqfu naħsbu fuq it-tifsira ta' Djoċesi responsabbli għas-servizzi u attivitajiet reliġjużi u spiritwali tal-gżira; u waqfa ta' ħsieb fuq dawk l-Għawdxin qalbiena ta' qabilna li kontra l-kurrenti mmaġinabbli u mhumiex, baqgħu magħqudin jitħabtu sakemm waslu biex Għawdex ikollu isqof tiegħu u għalih.**

Illum mija u ħamsin sena wara, huwa diffiċli nimmaġinaw lil Għawdex bla Djoċesi tiegħu, ħlief li għandna għax naħsbu kemm kienet tkun fqira l-gżira tagħna mingħajr l-awtonomija fit-tmexxija tal-Knisja tagħha. Minflok illum, naraw Knisja f'Għawdex ħajja, attiva u b'viżjoni, minkejja l-limitazzjonijiet f'riżorsi umani u materjali u fiż-żminijiet tal-lum fejn tispikka l-indifferenza inkwetanti lejn dak li hu religjuż u "tal-Knisja". Madankollu d-Djoċesi żammet sod, saret sostenibbli u għarfet tkabbar l-opri u l-operat matul is-snin tal-eżistenza tagħha.

Fi ktieb mimli tagħrif li jagħmlu tassew interessanti miktub mill-Monsinjur Dott. Joseph Bezzina li ħareġ fis-sena 1985, tinsab l-istorja sħiħa ta' kif Għawdex akkwista d-Djoċesi tiegħu wara bosta tentattivi, fosthom permezz ta' numru ta' petizzjonijiet ġejjin minn membri tal-kleru, kif ukoll minn membri taċ-ċittadinanza Għawdxija. Dawn il-petizzjonijiet kienu jkunu ppreżentati lill-Awtoritajiet fil-Vatikan u lil dawk Brittaniċi, jappellaw għall-konsiderazzjoni favorevoli. Il-ktieb isemmi ukoll ir-reżistenza u l-kuntrarju għal din il-proposta ġejjin minn bnadi oħrajn. L-isem tal-ktieb hu *'Religion and Politics in a Crown Colony- The Gozo-Malta Story 1798-1864'*. Ktieb li xtaqt erġajt qrajt qabel dan l-artiklu, imma jiddispjaċini li ma lħaqtx.

L-iskop tal-ħolqien ta' Djoċesi f'Għawdex kien u jibqa' marbut mal-aħjar mod kif il-Knisja tista' toħloq u tagħti s-servizzi reliġjużi u spiritwali meħtieġa madwar il-gżira kollha u li jkunu mogħtija f'waqthom, ta' kuljum u f'kull staġun. Imma l-mod kif il-gżira rnexxielha tasal biex tegħleb l-ostakoli u tilħaq l-għan li jkollha Djoċesi tagħha, fih studju sħiħ fih innifsu u fl-opinjoni tiegħi ta' min jixtarru sew, speċjalment minn studjużi tal-istorja, studenti fl-għażla tat-teżi tagħhom, opinjonisti u osservaturi oħrajn. Eżerċizzju bħal dan jesponi l-istorja mill-bidu tat-traġitt li kellu jwassal fi tmiem din l-esperjenza, li bħal dejjem u f'kollox bdiet bħala esperiment sakemm saret realtà. Rakkont li jesponi din l-istorja jservi biex jilluminana kemm għandna ngħożżu din id-Djoċesi tagħna u nkunu kburin biha, u lesti biex niddefenduha fejn u meta jkun meħtieġ.



Nesprimi dan il-ħsieb għax bħala regola nsibu nieqes waqt xi diskursata fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Rari ħafna tiltaqa' m'okkażjoni jew ma' xi ħadd fejn dan is-suġġett ikun intavolat fl-aġenda tad-diskussjoni kemm fl-isfond ta' storja u kemm bħala riflessjoni fuq kemm hu ta' sodisfazzjon għall-pubbliku li f'Għawdex jista' jsib daqshekk dispożizzjoni f'dawk li huma servizzi fil-knejjes kollha tiegħu u attivitajiet konnessi, imur x'ħin imur fihom sew jekk filgħodu kmieni u sew jekk imur tard filgħaxijiet. Anzi niltaqa' ma' ċerta rillutanza li jsir diskors fuq din it-tema ewlenija għalina lkoll li ngħixu f'Għawdex. Forsi dan jiġri minħabba l-fatt li ma jsirux biżżejjed attivitajiet fuq livell djoċesan biex b'hekk jikber l-istess sentiment djoċesan!

Imma fil-verità kollha m'għandux ikun hekk. Is-sodisfazzjon li Għawdex għandu d-Djoċesi tiegħu għandu jkun trasparenti, jidher u jinħass. Għandu jagħmilna lkoll kburin u jgħaqqadna fi ftehim dejjem iżjed. Dan is-sentiment irid ikun wieħed ħaj u parti mir-realtà kwotidjana, għax inkella jibda jindara u jittieħed *'for granted'* bil-periklu li jitlef mis-sustanza u t-tifsira sħiħa tiegħu. Għaldaqstant hu fl-interess tagħna lkoll li nkunu qrib l-istorja tal-waqfien tad-Djoċesi tagħna anki b'rispett u b'apprezzament għall-memorji tan-nies tal-imgħoddi li ssieltu biex Għawdex jieħu dak li hu tiegħu jiġifieri l-kapaċità li jakkwista l-awtonomija fl-amministrazzjoni ekkleżjali tiegħu. Dawn kienu nies li saqqfu wiċċhom maċ-ċirkostanżi tal-mument. Sew mal-ambjenti favur Djoċesi Għawdxija, imma ukoll u iżjed minn hekk, kellhom isaqqfu wiċċhom ma' min kien kuntrarju, u mal-konsegwenzi inerenti fi żvilupp bħal dan.

L-Isqfijiet li servew id-Djoċesi tal-gżira tul dan is-seklu u nofs, ilkoll kienu nies tal-affari tagħhom, kapijiet spiritwali qalbiena li ħafna drabi għarfu jagħtu direzzjoni u kompetenza fil-materji afdati f'idejhom. L-aktar li segwejt, għax kont ilħaqt kbirt u sadanittant bdejt nokkupa pożizzjoni pubblika, kienu l-aħħar żewġ isqfijiet ikkunsidrati bħala nies ta' kultura kbira u ta' intelliġenza mhux komuni, li kemm bil-kitba kif ukoll bil-fomm, u ċertament bl-imġiba korretta tagħhom, taw u fil-każ ta' dak attwali għadu jagħti kontribut tal-ogħla kwalità ta' tmexxija. Jiġifieri l-poplu Għawdxi fl-esperjenza Djoċesana tiegħu kellu dejjem direzzjoni intiża biex taqdih fi ħwejjeġ tal-Knisja u tkabbarlu l-identità tiegħu.

Din hi realtà li toħloq distinzjoni. Għawdex għandu d-Djoċesi tiegħu, bil-Katidral, bil-Kurja, bil-Parroċċi, bis-Seminarju, b'entitajiet u b'Isqof tiegħu u għalih. Espressjoni naturali u speċifika tal-gżira li tagħmilha u turiha distinta fdan il-qasam ewlieni fil-ħajja tagħna l-Għawdxin. Ir-realtà ddettat in-neċessità ta' Djoċesi Għawdxija li ħarġu minnha tant Saċerdoti u Reliġjużi inklużi Ordnijiet ta' Sorijiet. Ħafna minnhom ħarġu barra 'l pajjiż fejn taw jew qed jagħtu servizz mill-iktar bżonnjuż fl-art tal-missjoni li għażlu. Ħarġu minn Djoċesi żgħira,forsi l-iżgħar waħda, imma a paragun il-kontribut tagħha ħafna drabi jiżboq dak ta' djoċesijiet oħrajn fejn il-popolazzjoni tagħhom hija bil-wisq ikbar minn dik ta' Għawdex.

**Kollox ma' kollox, nemmen li llum il-gżira ta' Għawdex tgawdi Djoċesi awtonoma tagħha għall-benefiċċju tagħna, primarjament minħabba l-kunsiderazzjoni reġjonali tal-gżira. Nistqarr li mhux darba jew tnejn xebbaħt l-awtonomija reġjonali tad-Djoċesi ta' Għawdex max-xewqa li l-gżira għandha l-istess dritt għall-awtonomija ċivili fi ħdanha. Hekk kif l-antenati tagħna ma stħawx u ma beżgħux jissieltu favur il-kreazzjoni ta' Djoċesi Għawdxija, hekk ukoll aħna għandna naraw li Għawdex tagħna għandu jakkwista u jibbenefika minn politika reġjonali permezz ta' Kunsill Reġjonali mwaqqaf kif suppost u kif jeżistu oħrajn fil-UE, biex flimkien mal-Ministeru jaqdi bl-aħjar mod l-eżiġenzi t'Għawdex u tal-Għawdxin fl-Arċipelagu Malti.**

**Sadanittant nixtieq nawgura lid-Djoċesi ta' Għawdex 'Ad Multos Annos.'**

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

"Your life. My vision."

LORNE CREMONA
PHOTOGRAPHY
weddings | engagements | baptisms
portraits | social & family occasions
69, Mġarr Road, Qala - Gozo
7945 2685
info@lornecremona.com
www.lornecremona.com
follow us on facebook

# L-użu tal-Flora mill-Bniedem (1)

*(Dan huwa r-raba' artiklu minn sensiela ta' kurżitajiet dwar xi speċi ta' flora u fawna li għandhom x'jaqsmu ma' Għawdex u l-istorja tiegħu).*



*kitba u ritratti ta'*
**Joe Sultana**



*Għerq is-Sinjur fuq il-Ġebla tal-Ġeneral*

Fl-ewwel artiklu minn din is-sensiela, ktibt dwar il-famuż **Fungu ta' Malta**, magħruf ukoll bl-isem ta' **Għerq Sinjur** jew **Għerq il-Ġeneral**, u kemm in-nies kienu jemmnu fl-imgħoddi li din ix-xitla għandha qawwa mediċinali biex tfejjaq diversi mard. Naħseb li kulħadd jaf jew sama' bil-pjanti l-i**Xkattapjetra** jew **Denb iż-Żiemel** li suppost jgħinuk biex jeħilsuk mill-ġebla. Hawn ħafna pjanti u xtieli bħal dawn li kienu magħrufin sew bħala pjanti mediċinali.

Bħal ħafna oħrajn ta' żmienha, ommi, Alla jaħfrilha, kienet temmen wisq b'dawn ix-xtieli u l-pjanti li kienu jintużaw għall-fejqan ta' xi mard. Niftakarha ssemmi l-**Buqoxrom** li kien tajjeb għal dawk it-tfal li kienu jaħbtu jibdew ilaqalqu meta jitkellmu, minħabba f'xi qatgħa jew ħasda li ħadu. Kienet temmen li jekk tgħalli l-**Buqoxrom** fl-ilma u t-tfal jinħaslu bl-ilma fietel tiegħu jfiequ mit-tlaqliq. Jekk dan kienx veru jew le, ma nafx. Li naf hu li l-**Buqoxrom** (magħruf ukoll bħala **Buqexrem**, **Bukexrem** jew **Bilbiena**) huwa pjanta perenni, jiġifieri tgħix għal iżjed minn sentejn, li għandha zkuk twal u dritti bi fjuri żgħar jagħtu fil-vjola, li jwarrdu mir-rebbiegħa sax-xitwa, u li tikber l-iżjed f'ambjenti mimsusa fosthom fil-widien matul il-korsa tal-ilma. Skont diversi kotba tal-flora, il-**Buqoxrom** għandu proprjetajiet astrinġenti; tajjeb ukoll għas-sogħla, għal fuq il-feriti, għal vini varikużi, jikkalma n-nervi meta tkun muġugħ, għad-dijarrea, għad-dijabete, u għal mard ieħor. Din il-pjanta ġieli kienu jsejħulha ħaxixa tal-banju għax kienu jpoġġuha ma' ħwawar oħrajn fl-ilma tal-banjijiet tat-trabi jew ta› min ikun marid biex iħossu aħjar.

Niftakarha wkoll lill-ommi, meta kont żgħir, tagħmilli ġbara bil-weraq mgħolli tal-**Fidloqqom** fuq qrada li kelli f'qiegħ sieqi. Il-**Fidloqqom** ukoll kien magħruf ħafna bħala pjanta mediċinali. Il-weraq ta' din il-pjanta komuni ħafna kien jintuża, fost affarijiet oħra, bħala ġbara għal xi riħ jew bronkite. Il-weraq huma djuretiċi. Din pjanta annwali, tgħix għal sena u wara li żżerrgħa tikber fis-sena ta' wara. Għandha weraq kbir miksi b'lanżit iebes u jniggeż. Fix-xitwa u fir-rebbiegħa twarrad bi fjuri żgħar koħol, b'anteri suwed magħqudin fin-nofs tal-warda qishom qarn żgħir.



*Il-Fjura tal-Fidloqqom*

Is-**Siġra tal-Virgi** (magħrufa wkoll bħala **Għadiba**) huwa arbuxell kbir b'forma emisferika li ssibu jikber fil-widien, iżjed f'Għawdex milli f'Malta. Il-weraq għandu riħa aromatika. Fis-sajf il-Virgi jwarrad f'bukketti bi fjuri żgħar vjola kaħlanin. Wara jsiru għenieqed tawwalin biż-żerriegħa qishom żibeġ tal-bżar, li kien jissejjaħ Bżar tal-Patrijiet, għax jingħad li kienet issir xarba minnu fil-kunventi li kienet tmewwet il-ġibda sesswali. Tant hu hekk li l-isem **Virgi** ġej mill-kelma verġni, u l-isem xjentifiku *Vitex agnus-castus* għandu tifsira ta' pur jew kast bħall-ħaruf. Tissemma' wkoll li kienet tintuża meta l-mara tkun nieqsa mill-ħalib għax taffettwa xi ormoni. Dari z-zkuk tawwalin tal-**Virgi** kienu jħalluhom għal xi granet fl-ilma biex jirtabu u jkunu jistgħu jintużaw biex bihom jinsġu l-qiegħ u l-qafas tal-qfief tal-qasab.

F'Għawdex insibu diversi widien bħal dak tal-Lunzjata u tax-Xlendi, jew dak tal-Pergla, li huma maħnuqa bil-**Qasba Kbira**, li aħna nirreferu għalih bħala **Qasab**. Il-qasab hu perenni u jikber minn riżomi li jikbru u jixterrdu taħt l-art u jiffurmaw qisha xibka ħoxna u b'saħħitha. Saqsi lill-bdiewa biex jgħidulek kemm wieħed irid ibati biex taqla'



*Il-fjuri u ż-żerriegħa tal-Virgi*



*Il-Fjuri forma ta' xwiexi tal-Qasba Kbira*

r-riżomi tal-qasab meta jibdew deħlin taħt l-art fl-għelieqi. Il-bniedem, iżjed dari m'illum, kien jagħmel ħafna użu mill-qasab, speċjalment għall-purtieri u l-ħsajjar, għall-qanniċ li kienu jdendlu biex fuqu jnixxfu l-ġbejniet, kif ukoll qnieneċ kbar weqfin biex ikennu s-siġar u l-uċuh tar-raba'. Kienu jużawh ukoll ħafna biex, wara li jaqsmuh għat-tul, jinsġu bih, flimkien maz-zkuk tal-Virgi, diversi qfief ta' kull daqs u ta' kull għamla. Il-**Qasab** iwarrad fil-ħarifa u kull qasba toħroġ forma ta' xuxa li jkun fiha ħafna żerriegħa. Ir-riżomi tal-qasab jgħidu li huma djuretiċi, u fl-imgħoddi kienu jużawhom ukoll bħala emoljenti biex irattbu u jsaffu l-ġilda, filwaqt li l-weraq kienu jagħtuh lill-fniek biex ifejquhom mid-dijarrea.

Ħafna mit-tagħrif u t-twemmin dwar il-pjanti mediċinali ma' żmien kważi ntilef. Imma għadek issibu bl-iswed fuq l-abjad fil-kotba. Għandna għax nirringrazjaw lil dawk l-awturi botaniċi li ħallewlna bil-miktub ħafna informazzjoni interessanti dwar il-pjanti mediċinali, li kollha nsibuhom jikbru f'Għawdex. Fost dawn insibu ktejjeb bit-titlu "*Il-Flora Maltija Mediċinali*" li kien ippubblikat fl-1969 minn Carmelo Penza. Is-Sur Penza (1892-1982) kien kuratur botaniku, u għadda ħafna minn ħajtu fil-Ġardin Botaniku tal-Argotti fil-Furjana. Guido Lanfranco (1930- ), naturalista u folklorista magħruf, ukoll ippubblika żewġ kotba dwar dan is-suġġett – "Ħxejjex Mediċinali u Oħrajn fil-Gżejjer Maltin" (stampat darbtejn fl-1993 u fl-2000) u "*Mediċina Popolari tal-Imgħoddi fil-Gżejjer Maltin*" ippubblikat fl-2001. Dawn il-pubblikazzjonijiet ta' Penza u Lanfranco, kif ukoll "*Il-Flora u l-Fawna ta' Malta*" (1995), qdewni għal dan l-artiklu.


**Trid "Il-Ħajja f'Għawdex" tibqa' toħroġ?**
**Ġedded l-Abbonament tiegħek għas-Sena 2014**

Fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu jinġabar il-ħlas tat-tiġdid tal-abbonamenti u oħrajn ġodda mill-Kollettriċi tagħna fil-parroċċi kollha Għawdxin. Tista' ukoll tħallas l-abbonament tiegħek fl-Uffiċċju Parrokkjali jew fil-*Lumen Christi Bookshop*, Victoria, Għawdex.

**Minn Jannar l-Abbonament Annwali sar €15. Sostenitur €20.**





# Il-Mużew ta' Karmni Grima

Ix-xebba Karmni Grima, li semgħet is-sejħa tal-Madonna u tat bidu għad-devozzjoni lejn is-Santwarju Ta' Pinu, mill-aħħar xhur tas-sena li għaddiet għandha Mużew li jfakkar il-ħajja tagħha u ta' familji tal-bdiewa Għawdxin li kienu jgħixu fi żmienha. Dan il-Mużew qiegħed fit-triq fid-daħla tar-raħal kwiet tal-Għarb, fl-istess dar fejn trabbiet u għexet Karmni. L-oġġetti esibiti jixhdu l-ħajja sempliċi u devota ta' din il-mara Għawdxija, l-iprem waħda biex għamlet lil Għawdex "gżira Marjana".

*ritratti: DANIEL CILIA*







gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857
E-mail: gozopress@onvol.net

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

# 150 Sena Djoċesi

Ġabra qasira ħafna tal-ktieb
*Religion and Politics in a Crown Colony. The Gozo Story. 1798-1864*



Joseph Bezzina

# It-talba lir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija

**Kien aktarx nhar it-30 ta' Ottubru 1798 li l-Arċipriet Saverio Cassar bagħat l-ewwel petizzjoni tiegħu għat-Twaqqif tad-Djoċesi. F'isem il-Gvern u l-poplu Għawdxi, hu talab lir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija ħalli jagħti permess biex tibda l-proċedura għat-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex.**

Wara t-tluq tal-Kavallieri ta' San Ġwann u t-tkeċċija tal-Franċiżi nhar it-28 ta' Ottubru 1798, Għawdex kien sar gżira kważi indipendenti. Kien ir-Re Ferdinandu li kellu l-aħjar dritt għall-gżira, għax meta l-Imperatur Karlu V kien ta l-gżejjer Maltin lill-Kavallieri ta' San Ġwann fis-sena 1530, kien għamel kundizzjoni li jekk il-Kavallieri jitilqu, l-gżejjer jerġgħu jaqgħu f'idejn is-suċċessuri tiegħu. Kien għalhekk li l-Arċipriet Cassar għamel it-talba tiegħu lir-Re.

Barra dan, Cassar kien jaf tajjeb li r-Rejiet ta' Sqallija kellhom privileġġ – mogħti lilhom mill-Papa Urbanu II – biex jekk ikun hemm bżonn, iwaqqfu Djoċesijiet fl-artijiet taħt il-ħakma tagħhom. L-aħħar kelma kienet naturalment tal-Papa. Iżda, irraġuna tajjeb Cassar, jekk ir-Re jkun favur, il-Papa mhux ser imur kontra r-rieda tiegħu.



L-ittra ta' Cassar kellu jwassalha kaptan ta' frejgata Ingliża. Iżda baqgħet ma waslitx! Il-baħar Mediterran kien allura miżgħud bil-vapuri minħabba l-gwerra kontra Napuljun Bonaparte u għalhekk ma nistgħux nobsru x'sar minnha l-ittra. Cassar ma qatax qalbu u rripeta t-talba tiegħu fil-21 ta' Frar 1799.

Meta din il-petizzjoni ta' Cassar waslet fil-Palazz Rjali ta' Palermo, ġiet mgħoddija lill-Arċisqof Alfonzo Airoldi, il-Kunsillier Ewlieni tar-Re għall-Ħwejjeġ Ekkleżjastiċi. Monsinjur Airoldi baqa' mgħaġġeb bit-talba ta' Cassar. Għalkemm kien sema' b'Għawdex, ma kellu ebda ħjiel fuq dik il-gżira. Qatt ma basar li Għawdex, minkejja li kien post iżolat, kien ġie daqshekk 'il quddiem.

Cassar kien jaf tajjeb li biex issir Djoċesi kien jeħtieġ tinħoloq *mensa*, jiġifieri jridu jinstabu l-mezzi tal-għajxien għall-Isqof li jkun ser jilħaq. Għaldaqstant, fil-petizzjoni tiegħu, Cassar iddeskriva fid-dettall kif tista' tinħoloq *mensa* kemm-il darba t-talba tiegħu tkun mismugħa.

Meta qies kollox, l-Arċisqof Airoldi qatagħha li jmexxi 'l quddiem it-talba ta' Cassar. F'ittra li indirizza lir-Re Ferdinandu, kiteb ċar u tond: *Il-qagħda tal-gżira ta' Għawdex hi tali li jixraq illi l-Maestà Tiegħu, fil-ħniena kbira tiegħu, juża d-drittijiet Sovrani Tiegħu u jilqa' t-talba Lilu magħmula.* Monsinjur Airoldi żied jgħid lir-Re li jekk hu jaċċetta, jixraq li jiġu mgħarrfa l-Isqof u l-Kapitlu Katidrali ta' Malta. Fl-aħħar nett u fuq kollox għandha tintalab l-approvazzjoni tal-Papa.

Kienu ħafna r-raġunijiet għaliex it-talba ta' Cassar kienet milqugħa daqstant tajjeb. Insemmu waħda biss. Dik il-ħabta Cassar kien bagħat bħala ambaxxatur tiegħu f'Palermo lill-Avukat Franġisk Pace. Kien tant qed jaqdi dmiru sewwa li kien ġibed l-ammirazzjoni ta' kulħadd, anki tar-Re. Pace kompla saħaq ma' kulħadd fuq il-ħtieġa tad-Djoċesi.

Iżda dik il-ħabta, l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Vincenzo Labini, kien magħluq fil-Belt Valletta minħabba l-imblokk kontra l-Franċiżi. Ma setax allura jsir kuntatt miegħu. Barra dan, ir-Re Ferdinandu kien imħabbat għall-aħħar jiġbor armata qawwija ħalli jaħbat għall-belt ta' Napli. U ftit li xejn kellu moħħ is-suġġerimenti ta' Airoldi.

**Fil-5 ta' Settembru 1800, il-Franċiżi magħluqa fil-Belt Valletta ċedew. Il-gżejjer Maltin għaddew taħt il-protezzjoni u t-tmexxija tal-Ingliżi. Ir-Re Ferdinandu III tilef għalhekk kull setgħa li kellu fil-kwistjoni. L-Arċipriet Saverio Cassar, il-mexxej qalbieni kontra l-Franċiżi, miet fid-dar tiegħu r-Rabat, Għawdex (fejn illum hemm iċ-ċentru tal-Katidral, fi triq imsemmija għalih), nhar is-16 ta' Diċembru 1805, mingħajr ma kellu x-xorti jara l-ħolma tiegħu sseħħ.**

*(jissokta)*

# L-Annimali fil-Bibbja

Fr Charles Buttigieg



## Kreaturi ta' Alla

Fil-ktieb tal-Ġenesi eżattament fl-ewwel vrus naraw l-annimali bħala ħolqien ta' Alla u mqegħda taħt il-ħarsien tal-bniedem li tahom isimhom. Meta Alla ordna li tinbena l-arka tas-salvazzjoni mid-dilluvju Noè ħaseb ukoll sabiex ikollu l-ispazju għall-annimali kollha ġewwa l-arka. L-annimali narawhom bħala għajnuna fix-xogħol tal-bniedem, għajnuna fil-vjaġġi tal-bniedem, bħala kumpanija ta' wens għall-bniedem u ukoll bħala ikel għall-istess bniedem u ilbies għall-bniedem. Il-ktieb tal-Levitiku (11-15) jitkellem mill-annimali puri u dak li ma setgħux jieklu l-Lhud bħad-demm, u xaħam tal-annimali. Fil-kulturi pagani l-immaġni ta' diversi annimali kienu marbuta mal-allat tagħhom per eżempju Zeus fil-forma ta' ajkla, Artemide fil-forma ta' ċerva u Poseidon fil-forma ta' żiemel. Għall-Babilonjiżi l-ħamiema kienet sagra u alla sumeru Ninjirsu kien iljun. Illum jeżistu diversi movimenti ta' ħarsien tal-annimali u dawn dejjem ta' min jinkoraġġihom dment ukoll li jibqgħu jħarsu d-dinjità tal-bniedem li huwa mżejjen bir-raġuni u bir-ruħ li tah Alla.

## Simboliżmu dwar l-annimali

Fil-Bibbja hemm is-simboliżmu 'terjomorfiku' jiġifieri dwar l-annimali li jissemmew ħafna drabi fil-bibbja per eżempju fl-Apokalissi fejn l-iljun jissemma 6 darbiet, l-ajkla tlett darbiet, il-ġradijiet darbtejn, id-dragun tlettax-il darba, il-bhima jew monstru 38 darba, żiemel 16-il darba, iż-żring darba, l-iskorpjun tlett darbiet, is-serpent ħames darbiet, il-kelb darba, l-għasfur tlett darbiet, u fuq kollox il-Ħaruf li huwa s-simbolu ta' Kristu li nsibuh 28 darba. Naraw il-ħaruf jieħu l-ktieb, jiftaħ is-siġilli, jagħdab, jirgħa, jiġġieled, jirbaħ, jiċċelebra t-tieġ u qiegħed fuq it-tron. F'Ġerusalemm il-Ġdida dik tas-sema jibqa' biss il-Ħaruf bħala s-Salvatur. Fl-Antik Testment niltaqgħu max-xakalli u l-kukkudrilli marbuta mal-ħażen. San Girgor il-Kbir iqabbel iż-żiemel jaqbeż bħal ġurat f'Ġob 39:20 mal-qawmien ta' Kristu.

## L-Annimali fil-Bibbja

Jissemmew bħala għasafar li nħalqu qabel il-ħut u l-annimali l-oħra fosthom insibu l-għammiela (Lev 11:18; Isa 34:11), is-summien (Esodu 16:11), il-pagun (1 Slaten 10:22) li huwa s-simbolu tas-sbuħija u fil-Greċja l-antika kien marbut mal-alla Hera, iċ-ċikonja (Ġer 8:7), il-pellikan li huwa s-simbolu tas-sagrifiċċju u tal-karità u huwa s-simbolu tal-Passjoni ta' Kristu u tal-Ewkaristija, il-wiżż u ċinji, il-bilbla, ħuttaf, daqquqa, ħamiema (bl-Ebrajk: *gemimah*) li hija s-simbolu tal-paċi, tar-ruħ, tal-innoċenza, tal-ferħ, tar-rikonċiljazzjoni u tal-Ispirtu s-Santu (Ġen 15:9; Lev 5:7; Luqa 2:24) meqjus bħala għasfur nadif u kien offrut mill-foqra lil Alla. Insibu l-falkun li huwa s-simbolu tal-perseveranza, il-gamiem u l-ajkla magħrufa għall-ħeffa tagħha li hija s-simbolu tal-ġudizzju (Mik 1:16 u Matt 24:28) u hija s-simbolu tar-raba' evanġelju ta' San Ġwann, il-barbaġann li huwa s-simbolu tal-viġilanza, il-gawwi, in-nagħma, il-perniċi, il-qwaq, il-bies, avultun, is-seqer u s-serduk (ara Mark 13:35) u ċ-ċawlun simbolu tal-mewt u tal-qerda, iċ-ċawlun narawh jagħti l-ikel lil Elija ġewwa Herit.

Bħala rettili jissemma fuq kollox is-serp velenuż, il-vipera fid-deżert tas-Sinaj u f'Malta. Hu simbolu tal-ħażen. Eżekjel 29:3 isemmi l-kukkudrill (ara ukoll Ġob 40:20) u ż-żrinġ (Apok 16:13) imsemmi l-għaxar pjagi tal-Eġittu (ara Es 7:2) u l-kamaleonti li tfisser iljun tal-art (Lev 11:30) u l-gremxul (Ġob 30:29 u Isa 34:13) u l-wiżgħa. Bħala insetti jissemmew in-nemel magħruf għall-għaqal u l-għerf tiegħu (ara Prov 6:6 u 30:25), in-naħal b'rabta mal-għasel (Esodu 3:8) u fost l-Eġizzjani huma s-simbolu tal-għerf u tal-fertilità. Fil-fatt l-isem 'Deborah' ifisser naħla. Insibu ukoll il-briegħed (I Slaten 24:15), il-grillu (Ġer 8:7), il-kamla (Ġob 4:19), il-ħanfusa (Lev 11:22) u l-iskorpjun, is-susa, il-brimb, qamel, in-nemus, u l-ħanex u d-dud (Esodu 16:20). Insibu l-ġradijiet (Dewt 28:42) li huma s-simbolu tal-ereżija. Insemmu ukoll hawnhekk il-bebbux.

Bħala annimali jissemmew ix-xadini importati minn Salamun minn Tarsu (1 Re 10:22; Is 13:21 u 2 Kronaki 9:21) u huma s-simbolu tal-ferħ. Jissemma l-ħmar bħala simbolu tax-xogħol u tal-umiltà (Imħallfin 5:10; Luqa 19:30), dan hu l-iktar annimal użat fil-Palestina saħansitra mit-3000 sena Q.K. (ara Ġen 42:26-27 u 1 Sam 16:20). Insibu ċ-ċerva magħrufa għas-sbuħija u l-għerf u f'Ruma tal-qedem kienet l-alla tal-għerf 'minerva'. Hija s-simbolu tal-fidi u tar-riċerka lejn Alla (ara Dewt 14:5). Id-Druwidi kienu jħarsu lejha bħala profeta. Hemm il-barri (Numri 23:22, Isa 1:3 u Salm 21:13) u li hu s-simbolu tal-fertilità u tal-qawwa u fl-Eġittu kien is-simbolu ta' regalità, il-farfett il-lejl (Lev 11:19 u Is 2:20) kien meqjus impur, l-ors huwa s-simbolu tal-qawwa u tal-kuraġġ (1 Sam 17:34-36) u fil-qedem kien l-alla tal-maltemp u l-bnazzi. Insibu ukoll il-ħanżir li huwa s-simbolu tal-impurità (Mattew 8:22), il-babwini (Is 13:21), il-liebru (Dewt 14:5), ballottra (Lev 11:29), jissemma l-ippopotamu (behemoth) f'Ġob 40:15-

> *"L-iġmla żgħar ta' Midjan u Għefa; ilkoll minn Saba jiġu, mgħobbija bid-deheb u l-inċens, u jxandru t-tifħir tal-Mulej"*
> *(Isaija 60:6)*



24; kappun (Lev 11:18), buflu (1 Sam 5:3), il-fenek selvaġġ (Ġob 9:22), il-ħanżir selvaġġ (Lev 11:22 u Salm 80:13) li hu s-simbolu tal-gwerrier u kien jinsab fil-muntanji tal-Ġordan u tal-Libanu, il-baqra (Salm 21:13), il-ġemel magħruf għall-ubbidjenza tiegħu, kien iddomestikat mill-Midjanin madwar 1200 Q.K., u l-leopard (Dewt 14:5 u Ġer 13:23) li huwa s-simbolu tal-perseveranza, **il-qattus (Bar 6:21) li fost l-Eġizzjani kien l-alla mara Bast u marbut ma' qawwiet spiritwali**, il-fenek (Lev 11:5) li huwa s-simbolu tal-fertilità u marbut mal-alla Venus, l-iljun li huwa s-simbolu tal-kuraġġ u juri d-dinjità u t-tigra (Ġob 4:11), il-baliena (Ġen 1:21), l-għażżiela (Atti 9:36), l-iljunfant (minn *eleph*) li huwa s-simbolu tal-għerf divin fil-filosofija Asjatika (ara 1 Slat 10:22), il-gendus simbolu tas-saħħa, il-qanfud li huwa s-simbolu tal-providenza, iż-żiemel li huwa s-simbolu tax-xogħol, il-bagħal, erħa, l-antilop, il-buflu, il-kamoxx, il-mogħża selvaġġa, il-kelb (bl-Ebrajk: *kalbayya*) li hu s-simbolu tal-ħbiberija u fost il-pagani kien l-alla Gula tal-feqjan u protezzjoni, il-bodbod użat fis-sagrifiċċju ta' Jum l-Espjazzjoni, il-muntun (l-Eġizzjani kellhom l-alla tal-holqien 'Khnum' li kien muntun), il-ħrief, in-ngħaġ li huma s-simbolu tat-tajjeb, il-ħaruf simbolu tas-safa', ħlewwa u tal-qdusija u l-gidien, il-mogħoż li huma s-simbolu tan-negattività, il-ġurdien simbolu tal-intelliġenza, il-fekruna, l-volpi li huwa s-simbolu tal-egoiżmu u l-lupu li huwa s-simbolu tal-ħażen. Ix-xakalli, li huma klieb slavaġ ħafna, huma msemmija fil-profeta Mikea u Isaija.

Ġesù kien daħal Ġerusalemm fuq ħmara u felu li d-dixxipli kienu ġabu minn Betfage qrib l-għolja taż-Żebbuġ (Matt 21:1 u Żakk 9:9). Insibu fuq kollox il-ħut, li huwa s-simbolu tal-immortalità. Huma ma jinżammux fl-arka ta' Noè imma baqgħu fl-ibħra. Tajjeb li ngħidu li minn fost it-tribujiet ta' Iżrael xi tribujiet bħala simboli kellhom l-annimali bħal il-barri għal Efrajm, l-iljun għal Ġuda, il-ħmar għal Issakar, ċerva għal Neftali, is-serp għal Dan u l-lupu għal Benjamin. Naraw fuq kollox l-industrija tal-ħut marbut mal-għadira tal-Galilea (fiha kien hemm 18-il kwalità ta' ħut, fosthom il-musht li minnha ġejja l-kelma Maltija 'moxt') fejn kienu jistadu l-appostli, Ġerusalemm kellha l-bieb tal-ħut (ara Neh 3:3), Betsajda, il-kapitali ta' Gaulanitus kienet tfisser 'il-belt tas-sajd' jew it-tempju tal-alla ħuta, u l-belt ta' Magdala (*Tarichaeae*, li tfisser 'ħut niexef') marbuta mal-ħut immellaħ. Ġesù jwettaq żewġ mirakli marbuta mal-qabda tal-ħut f'Luqa 5:1-11 u Ġw 21:1-8. Fil-fatt is-sajjieda kienu meqjusin nies li jafu diversi kulturi proprju minħabba l-industrija tal-ħut. Skont Levitiku 11:9-12 il-ħut bil-qoxra kien meqjus bħala nadif. Fl-ikonografija Kristjana l-ħuta kienet is-simbolu ta' Kristu s-Salvatur (mill-kelma Griega għall-ħuta '*ichthus*').

## Xi Annimali fil-Mitoloġija

Fil-mitoloġija jissemma ħafna d-dragun u dan huwa ukoll imsemmi fil-Bibbja. Fit-twemmin Babiloniż id-dragun Tiamat jinqatel mill-alla Marduk. Fil-mitoloġija Griega nsibu d-dragun Tifu li kellu mitt rass u ġġieled mal-alla Zeus. Fil-mitoloġija Persjana nsibu d-dragun Ahzi Dahaka. Fil-kristjaniżmu d-dragun huwa s-simbolu tal-ħażen u tax-xitan. Fil-Bibbja jissemma d-dragun Liwjatan f'Ġob 41:1-26 u d-dragun tal-Apokalissi (ara Apok 12:3-18). Il-monstru kbir tal-baħar kellu forma ta' serp jew kukudrill jew balena. F'Num 23:22 jissemma l-unikornu bil-Grieg '*mono keros*'. Fl-aħħarnett, annimali li jixbħu dan id-dragun tal-mitoloġija huwa l-gremxula kbira ħafna li nsibu fl-Indoneżja llum.

## Biblijografija


Aalders, G.C., "The Fishers and the Hunters", in *The Evangelical Quarterly* 30 (1958).

Brown, R, (ed.), *The Jerome Biblical Commentary*, London 1985.

Davis, E., "Aspects of medicine in the Hebrew Bible", in *Koroth* 9 (1985) 265-268.

Ellis, P., *The Man and message of the Old Testament*, Collegeville 1976.



# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP



Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Kull nhar ta' Ħamis, Ġimgħa u Sibt, mid-9.00a.m. sa' Nofsinhar.*

*Kull xorta ta' Kotba Reliġjużi u Edukattivi għall-kbar u għaż-żgħar, u oġġetti reliġjużi*

# Il-Ġebla tinkera b'Lira fis-sena

John Cremona



Sa ftit għexieren tas-snin ilu kull roqgħa art f'Għawdex kienet tinħadem u wieħed għadu jista' jara sal-lum ħitan tas-sejjieħ li jservu ta' lqugħ għall-ħamrija mperrċa sa fuq ix-xfar tal-irdumijiet u fl-aktar partijiet tal-gżira li għal ħafna minna jidhru inaċċessibbli. Peress li l-għajxien ta' ħafna Għawdxin kien jiddependi fuq il-biedja, l-Għawdxin kienu jisfruttaw kull biċċa art li kienet tiġi taħt idejhom u ksew kull xiber art tal-gżira b'għelieqi li ħafna drabi kienu rqajja tant żgħar li llum nistgħaġbu x'setgħu kienu jkabbru fihom. Sfortunatament ħafna minn dawn l-għelieqi llum jinstabu abbandunati u meta tagħmel ix-xita u jaqgħu l-ħitan tas-sejjieħ ħadd ma jsewwihom. Konsegwenza ta' dan ħafna ħamrija qiegħda tinġarr bix-xita u l-ġnub imtarrġin tal-għoljiet qegħdin jitilfu ħafna mill-karatteristiċi li ilhom jiddistingwuhom għal mijiet tas-snin.

Il-Ġebla tal-Ġeneral fid-Dwejra wkoll minkejja li hija prattikament inaċċessibbli flimkien ma' lsien art qrib tagħha magħruf bħala 'Ir-Ras' kienu jinkrew mill-Gvern għal skopijiet purament agrikoli. Fi żmien il-Kavallieri, dan l-iskoll kiseb fama kbira peress li fuqu jikber l-Għerq is-Sinjur li kienu jaħsbu li kellu propjetajiet mediċinali qawwijin u kien ipprojbit għall-pubbliku li jitla' fuq din il-blata biex jiġbor din il-pjanta. Meta sar magħruf li wara kollox l-Għerq is-Sinjur ma kienx daqstant effettiv bħala mediċina, il-Ġebla tal-Ġeneral ma baqgħetx daqstant imħarsa. Insibu li fil-15 t'Awwissu 1863 dawn inkrew għal disa' u disgħin sena għal disa' xelini fis-sena, u mis-sena 1962 'il quddiem il-kera kienet tiġġedded minn sena għal sena mill-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex lil persuni mill-Għarb u San Lawrenz għas-somma ta' £1 fis-sena li kienet tagħlaq nhar Santa Marija. Waħda mill-kundizzjonijiet kienet tispeċifika li din l-art setgħet tintuża biss għal skopijiet agrikoli u biex jirgħu fihom l-annimali[1]. Damet f'idejn il-privat sas-sena 1996 meta 'l Gvern ħa lura din l-art permezz ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Ġunju 1996 u wara ġiet dikjarata riserva naturali.

Jekk wieħed jifli t-tpinġijiet dettaljati li saru matul dawn l-aħħar mitejn sena tal-Ġebla tal-Ġeneral wieħed jista' jinnota l-wiċċ tal-Ġebla miksi bil-ħaxix aħdar. Ma nafx ngħidilkom fil-verità għal xiex kienu jużawha jew kif kien jirnexxilhom jitilgħu fuq il-Ġebla tal-Ġeneral. B'xi mod kien jirnexxilhom. Meta kien għad hemm dik l-ispeċi ta' funikular, l-aċċess kien xi ftit jew wisq possibbli għalkemm perikoluż, imma mingħajr dan m'għandix ħjiel kif setgħu jitilgħu u jinżlu ma' dawk is-sisien weqfin tal-blata.

Biex takkumpanja lil dan l-artiklu qiegħed inġib inċiżjoni li tidher fil-ktieb *'L'Univers Pittoresque'* fil-volum intitolat *Histoire et Description de l'Isle de Malte* miktub minn Frederick Lacroix fl-1848. L-inċiżjoni turi veduta mill-isbaħ u romantiċizzata tal-Ġebla tal-Ġeneral, u għalkemm din l-inċiżjoni hija pjuttost komuni peress li l-volum li tidher fih ġie stampat bl-eluf, madanakollu għalija xorta tibqa' waħda mill-isbaħ veduti tal-Ġebla tal-Ġeneral li għandna. Dan il-ktieb li kien jifforma parti minn speċi ta' enċiklopedija dwar il-pajjiżi tad-dinja kollha, ġie stampat oriġinarjament bil-Franċiż imma ġie stampat ukoll aktar tard bit-Taljan u bl-Ispanjol. L-inċiżjoni għandha qisien ta' 100mm x 175 mm u hija intitolata *Ecueil aux Champignons*. L-inciżur huwa Augustin-Francoise Lemaitre li kien inċiżur magħruf Franċiż iżda ma nafux min kien l-artist tat-tpinġija oriġinali li fuqha nħadmet l-inċiżjoni.

[1] Informazzjoni miksuba mid-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern.

Għawdex 400 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 220

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2014

# Il-Kap tal-Bumbardiera ta' Għawdex

**Id-dokument numru mitejn u għoxrin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex jikkonsisti fir-reġistrazzjoni tal-ħlas magħmul lill-Kap tal-Bumbardiera tal-gżira ta' Għawdex. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), folju 132r (NAG, UG, *Acta,* 3/1613–1614, 132r).**



Din hi t-traskrizzjoni tal-ħlas:

> ***Noi infrascritti Giurati del Isola et Università del Gozzo per il presente nostro mandato comettemo a voi Manifico Salvo Refalo, Thisoriero di essa Università che dalli suoi introijti habbiate pagare a Mastro Vincenzo Liftechi, Scudi sei di moneta, che se gli devono come capo mastro di bombardieri in detta Isola del Gozo in virtù di dominical decreto et sono detti Scudi sei per suo salario di mesi sei incomenciati dalli otto di aprile prossimo passato et finite alle sette del presente mese di ottobre et a cauthela nostra fecemo fare il presente mandato; die decimo mensis Octobris 1613.***

Il-kelma *bumbardier* hi ġejja minn *bumbarda,* biċċa artillerija ta' dari, kanun ta' daqs kbir li bih kienu jwaddbu balal tal-ħadid, tal-ġebel samm, u ħwejjeġ oħra fuq il-għadu waqt xi attakk. Il-bumbardier kien il-bniedem responsabbli mill-bumbarda. Dan ried ikun espert kif jittratta l-porvli.

Il-bumbardier kien jimla l-kanun minn quddiem bil-porvli u jrossu 'l ġewwa b'ballun aktarx tal-injam jew tal-ġild imwaħħal f'tarf ta' lasta, kargiera. Dan il-mument kien jeħtieġ attenzjoni kbira, għax jekk wieħed jimbotta b'qawwa żejda, seta' faċilment joħloq xrara u jtir il-kanun u l-bumbardier miegħu. Wara dan, bl-istess lasta kien idaħħal il-balla 'l ġewwa quddiem il-porvli. In-naħa ta' fuq inċin tal-porvli, il-kanun kellu toqba rqiqa. Minn hemm kienet titniżżel ftila inċin tal-porvli. Din il-ftila (illum jgħidulha *fuse*) kienet tkun ta' porvli magħġun qisu spagetti suwed. Biex jispara l-kanun kien jixgħel in-niċċa u joqgħod kokka wara lqugħ, għax xħin il-balla toħroġ b'qawwa, il-kanun kienu jieħu skoss qawwi lura u jekk tkun warajh kien joqtlok.

Il-Kap tal-Bumbardiera f'Għawdex erba' mit sena ilu kien Vincenzo Liftech. Inħatar f'din il-kariga b'*dominical decreto,* jiġifieri b'*digriet* tad-*Dominus.* Dan ifisser li l-ħatra kienet saret direttament mid-*Dominus*, mill-Granmastru Alof de Wignacourt (1601-1622). Jista' jkun li tħarreġ fis-sengħa ta' bumbardier mal-Kavallieri. U tant tgħallem tajjeb li nhar it-8 ta' April 1613 stħaqqlu li jsir il-kap tagħhom f'Għawdex.

Il-familja Liftechi aktarx li ġiet Għawdex minn Sqallija. Wara l-assedju tas-sena 1551, meta l-parti l-kbira tal-Għawdxin spiċċaw fil-jasar, kien hemm numru ta' Sqallin li ġew Għawdex ifittxu x-xogħol. Il-kunjom Liftechi jibda jidher Għawdex mis-sena 1603 'il quddiem. Nhar it-30 ta' Novembru 1603, Agostino Liftechi għammed lil bintu Andreina fil-Knisja Matriċi (GM, 01/01, 272). Possibbli li dan Agostino kien bin Vincenzo.

Id-*dominical decreto* tal-ħatra kien stabbilixxa wkoll il-paga tal-Kap tal-Bumbardiera, tnax-il skut fis-sena, jew skut fix-xahar. B'dan id-dokument jirreġistra l-ħlas tal-ewwel sitt xhur xogħol. Għalkemm il-ħatra saret mill-Granmastru, il-paga tiegħu kienet toħroġha l-Università.



# Is-Sorijiet ta' Triq Palma



**Salvu Felice Pace**
*sfelicep@go.com.mt*

L-aħbar sabiħa li l-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat ġiet iddikjarata Venerabbli mill-Papa Franġisku ntlaqet b'ferħ kbir fost l-Għawdxin. Ftit xhur ilu xi ħadd tani ktejjeb li jelenka b'mod tassew awtentiku l-ħajja ta' din is-soru li hija magħrufa bħala l-Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu. Il-ktejjeb miktub minn Massimiliano Taroni huwa tradott bil-Malti minn Mons. Ġużepp Gauci.

Issib tagħrif estensiv dwar dawn is-sorijiet fil-websajts **www.fcjmalta.org**, (bl-Ingliż), u **www.franccj.it/MALTI/Malti-Home.htm** u **www.mmargherita.com/main.html**. Din tal-aħħar tagħti tagħrif estensiv dwar l-iskola populari f'Għawdex li tinsab fil-Belt Victoria b'binja fi Triq Putirjal, b'aċċess għaliha wkoll minn Triq Palma fejn hemm il-*Casa Madre* u l-kappella dedikata lil Madonna tal-Qalb ta' Ġesu', fejn hemm il-fdal tal-ġisem tal-Venerabbli Madre Margerita. Kif jixraq dawn is-siti jagħtu fil-paġna tal-merħba l-aħbar li semmejt ftit il-fuq.



It-taqsimiet fis-sit bil-Malti huma dawn: Identità, dwar il-karizma Franġiskana tas-sorijiet; Min Aħna, b'tagħrif dwar il-Kongregazzjoni ddedikata għax-xandir tal-Kelma, it-twettiq tal-Vanġelu u t-tixrid tal-ferħ u l-paċi; Appostolat dwar ix-xogħol li jsir mis-sorijiet skont il-ħtiġijiet tan-nies li jservu; Storja, b'mod speċjali dwar il-bidu tal-Kongregazzjoni u s-sehem ta' Madre Margerita f'dan l-istess bidu; Fejn Ninsabu, lista ta' fejn tferrxet din il-Kongregazzjoni jiġifieri fl-Etjopja, Kenja, Brażil, Filippini, Iżrael, Pakistan, Greċja, Ingilterra, Italja, Awstralja u f'Malta u Għawdex; Formazzjoni, dwar is-snin li jgħaddu t-tfajliet qabel ma jagħmlu l-professjoni reliġjuża tagħhom; Esperjenzi, b'rakkonti minn diversi reliġjużi; Assoċjazzjoni, tagħrif dwar lajċi magħrufa bħala l-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù li jgħixu ħajjithom fl-ispirtu tat-tagħlim ta' Madre Margerita; Pubblikazzjonijiet, lista ta' kotba dwar il-Kongregazzjoni; Ikkuntattjana, kif tista'tagħmel kuntatt mas-sorijiet u *Links*, isem ta' websajts relatati mal-Kongregazzjoni u oħrajn ta' interess reliġjuż.

Irrid ninnota li t-tlett websajts li semmejt huma ppreżentati b'mod tassew attraenti, b'numru kbir ta' ritratti u filmati. Is-sit www.franccj.it minbarra li hi bil-Malti, tista' tinqara bit-Taljan, bl-Ingliż, bl-Ispanjol u bil-Portugiż. Tkun ħaġa xierqa li l-kappella tal-Kongregazzjoni ssib lokha fil-websajt tant sabiħa **www.kappellimaltin.com** Nifraħ lis-Sorijiet Franġiskani ta' Triq Palma għall-grazzja kbira li għoġbu jagħtihom il-Mulej.

**Trid "Il-Ħajja f'Għawdex" tibqa' toħroġ? AGĦTI SEHMEK!**

*Ġedded l-abbonament tiegħek għas-Sena 2014 u offriha anke bħala rigal lil ħbiebek jew qrabatek! Fix-xhur ta' Frar u Marzu jinġabar il-ħlas tat-tiġdid tal-abbonamenti u oħrajn ġodda mill-Kollettriċi tagħna fil-parroċċi Għawdxin. Imla l-formola f'paġna 47 u għaddiha mal-ħlas tiegħek lill-Kollettriċi jew fl-Uffiċċju Parrokkjali tiegħek. Inkella ġibha fil-Lumen Christi Bookshop, Victoria. Napprezzaw is-sehem tiegħek!*

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**




# 9. Il-Perjodu tas-Serq u Moħqrija

**L-isplużjoni tal-kapitaliżmu globali ma' bdietx fiż-żminijiet moderni tal-lum imma kienet bdiet meta Kristofru Kolombu kien rifes fuq l-art tal-Amerika meta kien qiegħed fil-fatt jipprova jfittex iċ-Ċina. Waqt li l-Ewropa kienet mehdija fil-gwerer bla sens reliġjużi, l-Ispanjoli sabu u ħakmu d-Dinja l-Ġdida u ġabu lura lejn Spanja tunnellati kbar ta' deheb u fidda li sfortunatament użathom biex tiġġieled dawn il-gwerer 'qaddisa' tagħha. Fl-istess ħin l-Olanda kienet mehdija fuq ħidma oħra differenti. Flimkien mal-Ingilterra hija kienet tikkontrolla l-kummerċ kollu li kien għaddej tal-ħwawar, ġlud u oġġetti ta' lussu bħat-tulipani. Permezz ta' dan il-kummerċ huma kienu ħolqu dik li llum tissejjaħ il-Borża jew inkella dawk is-swieq finanzjarji li nisimgħu dwarhom ta' kuljum fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali. Għalhekk f'dawn il-145 sena ngħata bidu għall-kapitaliżmu li mbagħad infirex mad-dinja kollha.**

Nhar is-Sibt 6 ta' Novembru 1532 xwieni Spanjoli kienu waslu fil-Peru għall-ewwel darba biex jieħdu lura lejn Spanja kwantitajiet kbar ta' deheb u fidda. Biss huma kienu sabu lill-Imperatur tal-Inkas, Atahualpa, li waqfilhom u ddefenda l-ġid ta' pajjiżu. Għalhekk kien beda ż-żmien ta' impożizzjoni tar-reliġjon Kattolika mill-Ispanjoli fuq dawn in-nies, u bl-iskuża tar-reliġjon kienu jikkommettu krudeltajiet kontra min ma riedx jaċċetta r-reliġjon Kattolika. Kienu żminijiet ta' persekuzzjoni u moħqrija terribbli min-naħa tal-Kattoliċi u li għamlu lill-Knisja ta' Kristu ħafna ħsara, kif stqarr Papa Franġisku fl-Omelija tiegħu f'Santa Marta fl-24 u 25 t'April 2013.



## Kristofru Kolombu

Kien fil-għodwa sajfija tat-3 ta' Awwissu 1492 meta tlett xwieni kbar li kellhom ekwipaġġ ta' disgħin persuna u mmexxijin mill-kaptan Kristofru Kolombu salpaw min-naħa t'Isfel ta' Spanja lejn l-Orjent, li kien l-art tal-ħarir, deheb u ħwawar. Din l-art kienet ħamest elef mil bogħod u biex tintlaħaq bl-art il-passaġġ kien diffiċli u jieħu ħafna żmien u barra minnhekk kien ikkontrollat kompletament mill-Musulmani li ma' kienu jħallu lil ħadd jgħaddi. Għalhekk l-alternattiva l-oħra kien il-baħar. L-Ispanjoli kienu fehmu dan u permezz ta' Kolombu kienu ħejjew pjan biex jakkwistaw dan il-ġid. Iżda il-pjan ta' Kolombu kien mimli riskji kbar. L-ewwelnett huwa ried ibaħħar lil hinn mill-Punent f'baħar f'żona li kienet għadha mhix kartografata. Kolombu kien ikkalkula li biex ibaħħar mill-Gżejjer Kaneri għall-Ġappun fejn huwa kien ikkalkula li hemm elfejn u ħames mitt mil, huwa ried madwar xahar fuq il-baħar. Imma Kolombu kien għarralu bil-kbir! Wara xahar vjaġġar fuq il-baħar Kolombu ma ra l-ebda art. Minkejja dan Kolumbu ma qatax qalbu u kien ottimist li fi żmien qasir ser jaraw l-art. Imma l-ottimiżmu ta' Kolombu ma' kienx jidher fuq wiċċ il-baħħara tiegħu. Huma kienu mimlijin biża' għax qatt qabel ma' kienu tbiegħdu daqshekk mill-art. Kien biss ir-rigal kbir mwiegħed mir-Re u r-Reġina ta' Spanja lil dak l-ewwel baħri li jilmaħ l-art li mmotivahom individwalment biex iżommu kalmi u baqgħu jippersistu. Ġurnata wara oħra għaddiet mingħajr l-ebda sinjal ta' art u Kolombu ta' kuljum kien iwiegħed li l-art mhix fil-bogħod. U hekk kien għax, wara sebgħin ġurnata ta' baħar, fit-12 ta' Ottubru 1492, baħri bl-isem ta' Rodrigo De Triano beda jgħajjat "Art!", "Art!" "Rajt l-art!". Għalhekk Rodrigo mar jiġri ħdejn Kristofru Kolombu biex dan jirrikonoxxih għall-premju ta' għaxart elef biċċa tal-fidda kull sena għat-tul ta' ħajtu mwiegħdin. B'għaġeb kbir tiegħu Kolombu qallu li l-premju ma kienx imiss lilu iżda kien ta' Kolombu stess, għax dan allega li huwa erba' sigħat qabel ma Rodrigo kien għajjat li ra l-art, Kolombu stess kien ra dawl fil-bogħod

u li dan id-dawl bilfors li kien ġej minn fuq l-art! Rodrigo ma felaħx għal din l-inġustizzja u spiċċa waħdu sakemm mar tgħallaq.

Min-naħa tiegħu Kolombu ferħan li sab l-art, kien konvint li dik l-art kienet l-Orjent. Huwa mmaġina li kienet iċ-Ċina, forsi l-Ġappun jew anke l-Indja. Minkejja dan huwa kien wasal fil-post li llum jissejjaħ il-Bahamas u meta rifes fuq dik l-art tella' l-bandiera ta' Spanja u sejjaħ lil dik l-art San Salvador għal Kristu s-Salvatur. Biss in-nies tal-post kienu jafu lil dik l-art bħala Guanahani. Kolombu li kien għadu mħawwad u sorpriż sejjaħ lil dawn in-nies Indjani u hekk baqgħu jissejħu għal dejjem mingħajr ma' kellhom x'jaqsmu xejn mal-Indja! Kolombu kien qal: "Dawn huma qaddejja tajbin ħafna għax jirrepetu warajk dak kollu li tgħid"... "Naħseb li nistgħu nagħmluhom Kristjani faċilment għax milli jidher m'għandhomx reliġjon"... "Meta nurihom xabla tant huma injoranti li jaqtgħu idejhom għax jaqbdu x-xabla mix-xafra mhux mill-manku"... "B'ħamsin ruħ naħseb li negħlibhom kollha u nkun nista' naħkimhom kif irrid jien". Dawn huma versi tassew demokratiċi! Dan kien il-bidu ta' mija u ħamsa u erbgħin sena ta' serq u skjavitù kiefra f'isem ir-reliġjon Kattolika!

## Dinja oħra – "l-Amerika"

Min-naħa tagħhom il-baħrin Spanjoli kien ħsiebhom biss fid-deheb għax wara kollox huma biex isibu d-deheb kienu ġew. Kull farka deheb li kienu jaraw anke l-imsielet u ċ-ċrieket tan-nies kienu jeħduhom. Huma kienu jpartu ż-żibeġ kuluriti tal-ħġieġ, li kienu jġibu minn Venezja, mad-deheb! Vapuri mgħobbijin bid-deheb qasmu l-baħar bejn San Salvador u Spanja għal tmintax-il sena sħaħ. L-Ispanjoli litteralment ġarrew id-deheb kollu u dak kollu li kien jgħodd għalihom minn dawn il-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali. Fl-istess perjodu, tmienja u disgħin fil-mija tal-popolazzjoni ta' San Salvador, inqerdet minħabba l-mard li ġabu magħhom l-Ispanjoli. Dan ġara peress li dawn in-nies kienu ilhom 13,000 sena maqtugħa mill-kumplament tad-dinja u għalhekk ma kellhomx immunità kontra mard komuni li kien jaħkem lill-Ewropa bħal ġidri, it-tifu, u l-influwenza u għalhekk kienu jmutu bħad-dubbien meta jimirdu b'xi marda minn dawn. Iżda ta' dan l-Ispanjoli ħadu xi ħaġa lura magħhom u din kienet tip ġdid tal-marda tas-sifilide.

Il-monument fuq il-qabar ta' Kolombu fil-Katidral ta' Sevilja huwa tifkira ta' dan il-bniedem li beda dan kollu u li għadu meqjus li "skopra l-Amerika". Dan bħalma għidna fil-fatt l-Amerika Ċentrali kien sab u mhux l-Amerika ta' Fuq. Bħalma rajna huwa ma kellux idea ta' kalkoli u mingħalih li sab l-Orjent għax ma kienx jaf li bejn l-Amerika Ċentrali u l-Lvant Imbiegħed hemm l-Oċean Paċifiku jaqsam. Biss b'xorti tajba Kristofru Kolombu kien għamel l-aħjar żball li jista' jagħmel bniedem fl-istorja! Skopra kontinent ġdid bla ħsieb!

It-triq li fetaħ Kolombu lejn dawn il-pajjiżi ħolqot dinja oħra ta' kummerċ. Numru kbir ta' xwieni bdew ibaħħru lejn dawn il-postijiet biex jikkummerċjaw ma' dawn il-pajjiżi. Minkejja dan in-nies komuni madwar l-Ewropa ftit kienu jagħtu każ ta' dan il-kummerċ u ta' din id-dinja ġdida. Il-ħajja tagħhom kienet iddominata mir-reliġjożità. Il-bniedem komuni ta' dak iż-żmien kien jgħix f'ħajja ta'



faqar u injoranza. Barra dan kien il-ħin kollu jibża' mill-mard, mill-ġuħ u mid-dominanza assoluta tal-Knisja. Ħafna nies kienu jemmnu li din id-dinja hija biss "wied tad-dmugħ" u li t-tama tagħhom kienet fil-ħajja eterna. Fil-pajjiżi tal-Ewropa nħoloq abbuż mill-bejgħ tal-indulġenzi kif nser naraw fl-atiklu li jmiss.

It-triq li fetaħ Kolumbu ħalliet effetti kbar fuq l-istorja politika tad-dinja. L-assurdità kienet li żewġ pajjizi żgħar bħalma kienu Spanja u l-Portugal bil-barka tal-Papa u l-Knisja Kattolika irnexxielhom jiddominaw d-dinja u fil-fatt qasmu parti kbira minnha bejniethom! Illum għadna insibu ħafna pajjiżi fl-Amerika Latina jitkellmu bl-Ispanjol u l-Portugiż għax dawn il-pajjiżi enormi kienu kolonji ta' dawn iż-żewġ pajjiżi żgħar.

*(jissokta)*


Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

# Bħalissa soru Għawdxija għandha r-Rekord tal-Anzjanità: 105



*Intervistata minn* **Maria Grech**

**Maria Grech tlaqqana maż-żija tagħha Suor Lydia Formosa tal-Karità li fit-12 ta' Marzu li ġej tagħlaq 105. Maria tirrakkonta li meta hi kienet tifla u kienet iżżur iz-zija s-Soru fl-isptar fejn kienet iddur bix-xjuħ, is-Superjura Ingliża, li kienet impressjonata bid-dedikazzjoni ta' Suor Lydia, kienet tgħidilha,**

**"Your auntie is a saint!**

**Għalkemm ta' età hekk venerabbli, Suor Lydia għadha tkompli ma min jersaq ikellimha u għandha memorja tajba.**

**Aħna lil Suor Lydia għamilnielha xi mistoqsijiet, fosthom dik fejn tlabniha r-riċetta għall-ħajja twila u kuntenta.**

**1) Fejn twelidt u fejn trabbejt?**

Jiena twelidt u trabbejt ir-Rabat Għawdex.

**2) Kemm kontu fil-familja? Kif kienet il-ħajja fil-familji Għawdxin fi żmien it-tfulija tiegħek?**

Aħna konna tmienja fil-familja. Il-ħajja fil-familji Għawdxin kienet kwieta u l-familji kienu magħqudin ħafna.

**3) Meta bdejt tmur l-iskola... u x'kontu titgħallmu? Tiftakar lil xi ħadd mill-għalliema tiegħek? Għaliex lil dan / lil din bqajt tiftakru / tiftakarha?**

Bdejt immur l-iskola meta kelli seba' snin. Konna nitgħallmu naqraw u niktbu... u konna nitgħallmu t-Taljan. Ma niftakarx min kien jgħallimni... imma għandi amment ta' tnejn mill-għalliema : waħda kienet Miss Marinton tal-Arkutett u l-oħra Miss Zolla. Miss Marinton bqajt niftakarha għax kellha ħuha patri ta' San Franġisk li kien jismu Patri Ġorġ u dan kien midħla tal-familja tiegħi.



*Il-Konservatorju tal-Isqof fejn kienet tmur ta' sikwit Suor Lydia meta kienet tifla. Hi trabbiet fit-triq li tiehu ghall-Konservatorju*



**4) Kif kienet il-ħajja f'Għawdex meta inti kont tifla? X'kienet il-ħidma tan-nies f'dak iż-żmien... tal-irġiel u tan-nisa? Missierek fejn kien jaħdem? U ommok?**

Meta jien kont tifla, il-ħajja f'Għawdex kienet sabiħa għaliex kulħadd kien qalb waħda. Dak iż-żmien l-irġiel, il-biċċa l-kbira, kienu jaħdmu fir-raba' u n-nisa kienu jaħdmu l-bizzilla. Missieri kien kok is-Seminarju u ommi kienet tagħmel il-faċendi, issajjar u taħdem il-bizzilla.

**5) Kif kontu tiddevertu, intom it-tfal?... U l-kbar?**

Aħna t-tfal konna nilagħbu biż-żibeġ, b'xi ballun taċ-ċarruta u naqbżu l-ħabel. Il-kbar ma tantx kellhom fejn imorru; kienu joħorġu għal xi passiġġata, jew joqogħdu fuq il-bankina ipaċpċu jew jgħidu r-rużarju.



*Suor Lydia Formosa (lemin) ma' oħta Suor Angela Marija*

6) **Hemm xi ħaġa li ġrat meta inti kont żgħira u li għadek tiftakar?**

Ma niftakarx, taf.

7) **Il-gwerra tiftakarha? X'tiftakar dwarha?**

Il-gwerra niftakarha. Dak iż-żmien jiena kont soru naħden fi Sptar Ċentrali, il-Furjana... u niftakar bombi neżlin u djar jiġġarrfu.

8) **Kif u għax ħassejt il-vokazzjoni reliġjuża? X'kien li ħajrek biex tidħol mas-Sorijiet?**

Aħna konna noqogħdu ħdejn il-Konservatorju tal-Isqof u hemm kien hemm is-sorijiet tal-Karità. Aħna konna mmorru hemm inkellmu xi sorijiet li kienu ħbieb tagħna u jien u oħti tħajjarna nidħlu magħhom.

9) **Matul is-snin dejjem bqajt Malta u Għawdex?... jew kellek okkażjoni tmur f'xi pajjiż ieħor?**

Le, matul is-snin jien dejjem bqajt Malta.

10) **X'inhi l-akbar bidla li tara fis-soċjetà Maltija matul dawn is-snin kollha?**

Dari l-ħajja kienet kwieta u għad li konna neqsin minn ħafna affarijiet, dejjem konna ferħanin. Illum il-ħajja saret mgħaġġla ħafna u għad li hawn iktar kumdità, ħadd ma hu kuntent, dejjem irid iżjed.

11) **Għandek xi riċetta li biha l-bniedem jista' jgħix fit-tul bħalek?**

Taqdi dmirek, tħobb lil Alla u lill-proxxmu u tiekol bil-qies.

12) **Inti xi stil ta' ħajja kellek u li seta' għenek sabiex tibqa' tgawdi s-saħħa u tkun kuntenta?**

Jiena dejjem obdejt lis-superjuri tiegħi, qatt ma kont ingerger, kont nitlob ħafna, niekol bil-qies. Dan għinni biex nibqa' ngawdi s-saħħa u nkun kuntenta.






# IL-ĦAJJA f'Għawdex

# ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

u jekk għandek pjaċir

## OFFRI ABBONAMENT IEĦOR ĠDID




lil xi ħadd għażiż għalik

## GĦAS-SENA 2014.




Hawn għandek żewġ formoli differenti.
Imlihom sew u ibgħathom flimkien mal-ħlas ta' €15 jew €30 f'*cheque* jew *money order* lil:

**L-Amministratur**
**"Il-Ħajja f'Għawdex"**
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT 2579**

Jekk ma tridx tqatta r-Rivista, tista' tagħmel *photocopy* ta' dawn.
Tista' tibgħat dawn il-formoli flimkien mal-ħlas bil-posta jew inkella ġġibhom fil-"Lumen Christi Bookshop" fl-istess indirizz ta' fuq, inkella tgħaddihom lill-Kollettriċi tal-lokal tiegħek.

---

## FORMULA A — TIĠDID TAL-ABBONAMENT PERSONALI TIEGĦEK

Sur Amministratur, jien hawn taħt iffirmat/a qed nibgħatlek €15 biex inġedded l-abbonament tiegħi fil-"Ħajja f'Għawdex" għas-Sena 2014.

Isem u Kunjom: ____________________

Indirizz sħiħ: ____________________

____________________

Tel: ____________________ Email: ____________________

Data: ____________________ Firma: ____________________

---

## FORMULA B — RIGAL TA' ABBONAMENT ĠDID

Sur Amministratur, jiena ____________________ nixtieq noffri u nħallas (€15 oħra) bħala rigal ta' Abbonament ġdid lil din il-persuna biex tirċievi "Il-Ħajja f'Għawdex" matul is-Sena 2014.

Isem u Kunjom tal-Persuna Regalata: ____________________

Indirizz sħiħ: ____________________

____________________

Tel: ____________________ Data: ____________________ Firma: ____________________

# Jiena ntik

Horatio Caesar Roger Vella

Jiena ntik, ħelwa Marija,
ġnien sabiħ, mimli bil-frott;
jiena ntik, għarusa tiegħi,
għoġol kbir, aħmar u sod;

Jiena ntik is-saħħa w driegħi
biex bihom taqla' l-għajxien;
jiena ntik imħabba w għaqal,
nagħtik dejjem il-ħarsien.

Jiena ntik, bieżel Ġużeppi,
oqsma kbar tajbin għall-ħsad;
jiena ntik, wisq maħbub tiegħi,
nagħġa w mogħża, fniek bla għadd;

Jiena ntik ulied bil-bosta,
tfal b'saħħithom imgħallmin;
jiena ntik li tixtieq qalbek,
nagħtik lili tul is-snin.

# Ħsibijiet fuq is-Sodda tal-Marid

Sr. Ismeria Micallef O.P.

Kristu stess li ġie fid-dinja
biex lill-bniedem Hu jifdih,
għażel Hu li bit-tbatija
seta' l-bniedem jemmen fiH.

Kristu hu l-istess Bin Alla
x'jinħafirlu Hu m'għandux;
it-tbatija ħadha fuqu
però jbati Hu m'għadux.

Kuraġġ mela, maħbub ħija,
li tinsab bil-wisq batut,
offri dit-tbatija tiegħek,
aħseb ftit f'Ġesù marbut.

Għidlu, "jien Ġesù nħobbok
w insalva rrid l-erwieħ;
ngħaqqad tiegħi jien ma' Tiegħek,
it-tbatija minnufih.

Da' l-waqtiet m'rridx naħlihom
li jien qiegħed fuq salib,
'mma nixtieq li l-midneb jersaq
sabiex jgħannqek bħal ħabib."

**Joseph Borg, *Documents on Għar il-Kbir, Malta 1588-1733,* (Union Print, Malta 2013), 248 paġna**




Il-għadd ta' kotba li qed jiġu ppubblikati f'pajjiżna huwa mhux biss wieħed sodisfaċenti imma għaċ-ċokon ta' pajjiżna jawgura tajjeb. Għalkemm mhux kollha huma tal-istess livell, dawn il-pubblikazzjonijiet huma xhieda tal-imħabba lejn il-ktieb li tinsab tikber b'mod konsistenti anke f'pajjiż ċkejken bħal dan tagħna.

***Documents on Għar il-Kbir 1588-1733*** huwa l-isem ta' ktieb ġdid li ħareġ dan l-aħħar u li huwa xogħol il-ġenealoġista Malti Joseph Borg. Il-ġenealoġija hija l-istudju tal-arbli tar-razez u li jitlob ħidma metikoluża ta' sabar kbir u riċerka fina. F'dan il-ktieb tal-Melitensia li għadu kemm ħareġ għall-pubbliku, Borg jiġbor tagħrif dwar iż-żwiġijiet bejn persuni li għexu f'Għar il-Kbir, wieħed mill-aktar ċentri troglodiċi ta' Malta.

Għar il-Kbir jinsab fl-inħawi ta' Ħad-Dingli imma permezz tat-tibdil li sar mal-ħolqien tal-Kunsilli Lokali, illum jagħmel mal-limiti tas-Siġġiewi. Minn Għar il-Kbir wieħed jikseb dehra sabiħa tal-ġonna antiki tal-Buskett bil-palazz Verdala jiddomina ġo nofshom. Dan il-għar kien ir-residenza ta' ħafna familji Maltin li għexu hawnhekk sa mill-qedem. L-istudjuż Ġiżwita Anthanasius Kircher kien żar dan il-għar meta ġie Malta, liema żjara fil-gżejjer tagħna kien bdieha nhar il-31 ta' Mejju 1637. Fil-ktieb tiegħu *Mundus Subterraneus* li kien ippubblikat tlett darbiet f'Amsterdam, hu jagħti tagħrif dwar din iż-żjara tiegħu. Issa permezz ta' *Documents on Għar il-Kbir*, xogħol mill-aktar studjat tar-riċerkatur Joseph Borg, Għar il-Kbir żgur li jkompli jiġbed l-attenzjoni tal-istudjużi tal-istorja u tal-arkeoloġija għaliex permezz tal-ktieb tiegħu, Borg qed juri kemm dan kien post ta' importanza kbira fiż-żminijiet post-medjevali.

M'hemmx dubju li Joseph Borg ilu jaħdem snin twal fuq dan il-ktieb ta' valur uniku. Huwa talab l-għajnuna tal-Professur tal-Ilsna Klassiċi Dr. Horatioo Roger Caeser Vella sabiex jgħinu fit-traduzzjoni mil-Latin tal-kuntratti oriġinali taż-żwieġ, liema għajnuna huwa jirrikonixxi fil-bidu tal-ktieb. Il-ktieb għandu preżentazzjoni attraenti bi stampa bil-kulur fil-faċċata. Aktar ma wieħed jaqra mill-ktieb, aktar jintebaħ kemm il-ġenealoġija hija fil-fatt xjenza anċillari għall-istudju inġenerali tal-Istorja; mingħajr is-sehem tagħha, l-istorjografija żgur li tkun xjenza wisq ifqar milli hi. Il-ktieb ta' Joseph Borg għandu jsib ruħu fuq l-ixkafef ta' dawk li jħobbu l-Melitensia u l-għeruq ta' ġensna u għandu jwassal biex ikun hawn apprezzament akbar tal-istudju ta' ġrajjiet art twelidna li minkejja ċ-ċokon tagħha għadha toffri ħafna oqsma verġni fir-riċerka tal-istorja u tal-arkeoloġija.

Il-ktieb jinstab għall-bejgħ fil-kotba tal-ħwienet ewlenin u mingħand il-BDL.

***Dun Geoffrey G. Attard***

# Snooker

## *Jintemm l-istaġun tal-Għajnsielem Snooker Assoc.*



**Joe Bajada**

L-*Għajnsielem Snooker Association* dan l-aħħar temmet it-tmien edizzjoni tal-Kampjonat tal-iSnooker bil-finali tal-*Premier Division* u l-preżentazzjonijiet tat-trofej mirbuħa minn diversi plejers matul l-istaġun 2012/13. Matul l-istaġun din l-Għaqda organizzat erba' kompetizzjonijiet. Biex dan kollu jseħħ ikun jeħtieġ li jintlagħbu madwar 40 logħba fil-ġimgħa.

L-istaġun beda bit-Tazza Lauretana, kompetizzjoni li kienet maqsuma fi tmien gruppi. Il-finali ntlagħbet bejn Kevin Cassar u Savior Vella fejn Cassar rebaħ bl-iskor ta' konvinċjenti ta' 6-2. Għall-ewwel darba ġiet organizzata wkoll ir-'Ranking Top 16' fejn l-aqwa 16-il plejer tal-aħħar sentejn lagħbu fuq bażi ta' *knockout*. Il-finali ta' din il-kompetizzjoni ntlagħbet bejn Carl Evans u Luke Meilak fejn hawn Evans kiseb rebħa faċli bl-iskor ta' 8-1.

Matul l-istaġun saru tliet Kampjonati fejn apparti dak tal-*Premier*, kienu organizzati wkoll dawk tal-Ewwel u tat-Tieni Diviżjoni. Apparti dawn, inżammet ukoll is-*St. Joseph Cup*, kompetizzjoni li saret fuq bażi ta' *knockout* bejn il-plejers tad-diviżjonijiet kollha. Din il-finali ta' din il-kompetizzjoni ntrebħet minn Saviour Vella li għeleb lil Luke Meilak 5-4, f'finali mill-isbaħ u ferm eċitanti.

Fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni ħadu sehem disa' plejers fuq żewġ rawnds fejn l-ewwel erba' għaddew għal fażi finali li mbagħad saret fuq bażi ta' *knockout*. Il-finali intlagħbet bejn Andre Xuereb u Robert Wilkinson fejn Xuereb kellu rebħa tajba ta' 4-0. Imbagħad fil-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni pparteċipaw sittax-il plejer u kienu maqsuma f'żewġ gruppi fejn l-aħjar erba' f'kull grupp għaddew għall-fażi finali li mbagħad saret fuq bażi ta' *knockout*. Hawnhekk, il-finali ntlagħbet bejn Christian Cauchi u Robert Hilton fejn Cauchi rebaħ bl-iskor ta' 3-0.

L-istaġun laħaq il-qofol tiegħu bil-finali tal-Kampjonat Premier li ntlagħab bejn tnax-il plejer fuq bażi ta' rawnd wieħed. Imbagħad l-ewwel tmienja klassifikati għaddew għaċ-*Championship Pool* li saret fuq bażi ta' *knockout*. L-erba' plejers l-oħra lagħbu fir-*Relegation Pool*. Il-finali għaċ-*Championship* ıntlagħbet bejn Carl Evans u James Sultana fejn Evans irnexxielu jirbaħ it-tieni unur staġjonali tiegħu meta ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 5-3.

Wara din il-finali saret iċ-ċerimonja tal-preżentazzjonijiet tal-unuri kollha mirbuħa matul l-istaġun. Dawn il-preżentazzjonijiet saru minn Uffiċjali tal-*Għajnsielem Snooker Association*, kif ukoll minn *sponsors* oħra li kienu s-*St. Joseph Band Club Snack Bar* u *Għajnsielem Betting Office 184*. Ta' min anke jgħid li dawn il-Kampjonati u Kompetizzjonijiet kienu organizzati wkoll bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem.





Dan il-logħob kollu organizzat minn *Għajnsielem Snooker Association* jintlagħab f'sala mill-iktar professjonali fil-Każin tal-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem. Din is-sala li hija mgħammra bl-arja kundizzjonata, hija spazjuża ħafna fejn hemm żewġ imwejjed tal-isnooker, kif ukoll spazju adekwat għall-partitarji sabiex isegwu l-logħob. Dan kien possibbli wara diversi ħidma li saret biex saru l-alterazzjonijiet meħtieġa. Dawk kollha li jixtiequ jidħlu membri fl-*Għajnsielem Snooker Association* għandhom jagħmlu dan billi jew imorru l-Każin tal-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem u jimlew applikazzjoni, jew inkella jikkuntattjaw lil Josef Azzopardi fuq 79271266 biex isiru l-arranġamenti meħtieġa.

F'JANNAR, FRAR U MARZU
NAĦSBU BIEX INĠEDDU
L-ABBONAMENT
GĦAS-SENA 2014

# IL-QASSÀB

*versi ta'*
**Fr Geoffrey G. Attard**



Bħall-qassàb żgur m'għadekx tara
Għalkemm xogħlu apprezzat
Kien tassew minn ta' qabilna
Tant imfittex, bosta stmat.

Xogħlu kien fl-arti tal-qasab
Jgħawweġ, jobrom, jilwi sħiħ.
Basta jgħaqqad fost il-qasab
Jew xi għatu jew xi qiegħ.

Daqqa tilmaħ xi bixkilla
Daqqa palju għall-idejn
Daqqa forsi jagħmel qasba
Jew banketta għar-riġlejn.

Illum spiċċa mill-irħula
M'għadekx tilmaħ il-qassàb
Għadu biss b'laqam jissemma'
Għajr f'relikwa mar u għab.

# IL-FURNAR

*versi ta'*
**Fr Geoffrey G. Attard**



Xena sbejħa tal-imgħoddi
Li llum sikwit nixtieq
Hija dik tal-furnar jaħdem
Wiċċu abjad kollu dqiq.

Jien ma nafx kif f'dik is-sħana
F'nofs tas-sajf ix-xhur kefrin
Jirnexxilu jibqa' jaħdem
U jagħtina ħobż hekk bnin.

Fuq il-mejda t'art twelidna
Mingħajr ħobż ma tilmaħhiex
Għax fil-kċina kull familja
Mingħajr ħobż ma titmagħhiex.

Ftajjar, qagħaq, ħbejżiet, panini,
Kollox ġej m'għand il-furnar
Li minn bikri qabel l-għodwa
Jaħdem daqs mara tad-dar.

Għidli int, dik x'riħa taqsam
X'ħin frisk frisk il-ħobż tixtrih.
Jinżel għasel ma' xi ġbejna
Żejt, tadam u kappar sħiħ!

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Joe Attard*

## MADWAR GĦAWDEX FIX-XITWA (2)












## THE SOLUTION TO HIGH ELECTRICITY BILLS

### REWARDING RESPONSIBLE INVESTMENT

Alternative energy is a wise investment. Purchase photovoltaic panels, solar water heating, better home insulation or even energy efficient appliances for immediate reduction to your electricity bill. With an ECO plus loan from APS, you may also save on fuel by purchasing an electric vehicle. Contact us today to find out how you can benefit from sustainable energy sources and save money immediately.

facebook.com/apsbank

2122 6644 | apsbank.com.mt | values you can bank on | APS

Terms & Conditions apply. Issued by APS Bank Limited of APS Centre, Tower Street, B'Kara, BKR 4012. APS Bank Limited is licensed by the Malta Financial Services Authority.